LINJA GWIDA (UE) 2025/333 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-31 ta' Jannar 2025

dwar l-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata dwar il-ġid, l-introjtu u l-konsum tal-unitajiet domestiċi (BĊE/2025/3)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5.1 tiegħu,

Billi:

(1) L-informazzjoni fil-livell ta' unitajiet domestiċi dwar il-komponenti ewlenin tal-ġid, l-introjtu u l-konsum hija siewja ħafna biex wieħed jifhem ix-xejriet fis-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' gruppi differenti ta' ċittadini residenti fiż-żona tal-euro. Din l-informazzjoni hija meħtieġa biex jiġu analizzati l-effetti tal-miżuri tal-politika monetarja f'unitajiet domestiċi differenti, li tirrappreżenta komponent ewlieni tal-valutazzjoni tal-proporzjonalità għat-twettiq tal-politika monetarja, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni fil-livell tal-unitajiet domestiċi hija neċessarja wkoll għall-kontribuzzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija bla xkiel tal-politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti relatati mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 127(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(2) L-informazzjoni fil-livell tal-unitajiet domestiċi dwar il-ġid nett (assi u obbligazzjonijiet), miġbura b'mod komparabbli fil-pajjiżi taż-żona tal-euro, bħalissa hija disponibbli biss permezz tal-istħarriġ dwar il-Finanzi u l-Konsum tal-Unitajiet Domestiċi] (HFCS). L-HFCS jitwettaq f'kull Stat Membru minn banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jew minn awtoritajiet kompetenti oħra abbażi tal-liġijiet nazzjonali li jippermettu l-ġbir ta' informazzjoni fil-livell tal-unitajiet domestiċi permezz ta' stħarriġ minn persuni fiżiċi. Minħabba l-ħtieġa ta' tali informazzjoni biex jitwettqu l-kompiti tas-SEBĊ, il-ġbir mill-BĊE ta' informazzjoni statistika dwar il-ġid, l-introjtu u l-konsum tal-unitajiet domestiċi mill-BĊNi għandha tiġi rregolata minn Linja Gwida adottata abbażi tal-Artikolu 12.1 tal-Istatut tas-Sistema tal-Banek Ċentrali Ewropej u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"). Dan ma għandux jipprevjeni li l-informazzjoni statistika rilevanti miġbura għal finijiet oħra minbarra, jew flimkien ma', l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-BĊE tintuża biex taqdi dawk il-finijiet l-oħra.

(3) Il-Linja Gwida għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tar-regoli u l-prattiki li jirregolaw il-ġbir, il-kompilazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istatistika prodotta minn informazzjoni miġbura mill-HFCS skont l-Artikolu 5.3 tal-Istatut tas-SEBĊ. Dan jiżgura li l-informazzjoni statistika rrapportata mill-BĊNi lill-BĊE jkollha l-koerenza meħtieġa biex tipproduċi statistika li tkun rappreżentattiva tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Għal din ir-raġuni, il-BĊNi għandhom ikunu meħtieġa jirrapportaw sett ewlieni ta' varjabbli tal-output ekonomiċi, finanzjarji u demografiċi meħtieġa biex tinġabar informazzjoni statistika dwar il-ġid, l-introjtu u l-konsum tal-unitajiet domestiċi, flimkien ma' informazzjoni li tiddeskrivi l-karatteristiċi tal-istħarriġ tal-pajjiż imwettaq fl-Istat Membru rispettiv. Sabiex jiġu riflessi d-differenzi fil-ġabriet fil-pajjiżi taż-żona tal-euro mingħajr ma jiżdied il-piż tar-rapportar fuq il-BĊNi, il-BĊNi jistgħu jirrapportaw sett mhux ewlieni ta' varjabbli tal-output ekonomiċi, finanzjarji u demografiċi lill-BĊE. Din l-informazzjoni hija meħtieġa billi ttejjeb l-analiżijiet ekonomiċi, finanzjarji u ta' statistika tal-BĊE li jintużaw biex jitwettqu kompiti tas-SEBĊ, b'mod partikolari, relatati mal-politika monetarja.

(4) Sabiex jiġi vvalutat l-impatt ta' żviluppi ġeopolitiċi u żviluppi sinifikanti oħra mhux previsti fuq is-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja ta' gruppi ta' ċittadini residenti fiż-żona tal-euro, bħal kriżi fil-provvista tal-enerġija jew it-tifqigħa ta' pandemija, li jistgħu jaffettwaw it-twettiq tal-politika monetarja jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, huwa meħtieġ li jiġu ddeterminati ulterjorment l-arranġamenti għar-rapportar ta' informazzjoni statistika relatata miġbura mill-BĊNi lill-BĊE. Dan jiżgura li tali informazzjoni tkun soġġetta wkoll għall-istess protezzjoni bħas-settijiet ewlenin u mhux ewlenin ta' varjabbli tal-output ekonomiċi, finanzjarji u demografiċi miġbura mill-BĊE u mill-BĊNi skont din il-Linja Gwida.

(5) L-informazzjoni statistika meħtieġa biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-BĊE fil-qasam tal-ġid, l-introjtu u l-konsum tal-unitajiet domestiċi tista' tinġabar jew tiġi kkompilata mill-awtoritajiet kompetenti għajr il-BĊNi. Għalhekk, f'xi Stati Membri, xi whud mill-kompiti li għandhom jitwettqu skont din il-Linja Gwida jeħtieġu kooperazzjoni bejn il-BĊE jew il-BĊNi u dawk l-awtoritajiet kompetenti. L-Artikoli 2a u 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 ([1]) jirrikjedu li l-Istati Membri jorganizzaw ruħhom fil-qasam tal-istatistika u jikkooperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ u mas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) biex jissodisfaw l-obbligi tal-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ. Din il-kooperazzjoni hija meħtieġa wkoll bejn il-BĊNi u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew korpi oħrajn fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, inkluż biex jiġu stabbiliti arranġamenti għall-kontroll tad-data personali fost dawn l-awtoritajiet jew korpi fil-livell nazzjonali.

(6) Sabiex il-BĊE jwettaq il-kompiti tiegħu, huwa xieraq li l-BĊNi jirrapportaw l-informazzjoni statistika meħtieġa sa dati speċifikati.

(7) Sabiex jiġu żgurati l-preċiżjoni u l-kwalità tal-informazzjoni statistika miġbura mill-BĊE, huwa meħtieġ li l-BĊE jipprovdi regoli dwar il-monitoraġġ, il-verifika u, fejn xieraq, ir-reviżjoni tal-informazzjoni statistika rrapportata mill-BĊNi. Għall-istess raġunijiet, il-BĊNi għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet lill-BĊE, kull meta jkun meħtieġ u fuq talba mill-BĊE, dwar l-informazzjoni statistika rrapportata, b'mod partikolari fir-rigward tal-interpretazzjoni mill-BĊN ta' aspetti tal-varjabbli tal-output li huma bbażati fuq speċifiċitajiet nazzjonali jew interruzzjonijiet strutturali fid-dettall li jista' jkollhom impatt fuq dik l-informazzjoni statistika jew il-kwalità tagħha.

(8) L-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jimplika li Stati Membri li mhux fiż-żona tal-euro li qegħdin jippjanaw li jadottaw l-euro għandhom ifasslu u jimplimentaw miżuri għall-ġbir tal-informazzjoni statistika meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-BĊE bi tħejjija għal tali adozzjoni tal-euro. Sabiex il-BĊE jkun jista' jikseb ħarsa ġenerali komprensiva tal-informazzjoni statistika miġbura u jwettaq analiżi rilevanti, il-BĊNi ta' Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro li jadottaw l-euro għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu lill-BĊE b'informazzjoni statistika li tkopri perijodu speċifikat qabel l-adozzjoni tal-euro minnhom.

(9) Huwa xieraq li jiġi pprovdut metodu komuni ta' trażmissjoni ta' informazzjoni statistika rrapportata lill-BĊE għall-BĊNi kollha. Għaldaqstant, għandu jiġi miftiehem u speċifikat mis-SEBĊ format ta' trażmissjoni elettroniku armonizzat.

(10) Din il-Linja Gwida għandha l-għan li tiżgura li l-BĊNi jkunu responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali miġbura b'rabta mal-HFCS fl-Istat Membru rispettiv tagħhom. Kwalunkwe pproċessar bħal dan ta' data personali jenħtieġ li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, jiġifieri r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Tali pproċessar huwa legali peress li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ imwettqa fl-interess pubbliku u għall-konformità mal-obbligi legali li kull BĊN, bħala kontrollur tad-data li ġabar fl-istħarriġ tal-pajjiż tiegħu, jew b'mezzi oħra, kif rilevanti fl-Istat Membru tiegħu, huwa soġġett taħt din il-Linja Gwida. Skont il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data stabbilit f'dawk ir-Regolamenti, l-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata mill-BĊNi lill-BĊE f'konformità mal-Regolament (UE) 2018/1725 u b'rabta mal-HFCS għandha tiġi aggregata jew anonimizzata mill-BĊNi b'tali mod li l-individwi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati direttament jew indirettament.

(11) Meta l-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata lill-BĊE skont din il-Linja Gwida tiġi aggregata jew anonimizzata mill-BĊNi biex jiġi żgurat li persuni fiżiċi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, direttament jew indirettament permezz ta' tnaqqis, tali informazzjoni ma taqax taħt id-definizzjoni ta' "informazzjoni statistika kunfidenzjali" fir-Regolament (KE) Nru 2533/98. Barra minn hekk, l-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata lill-BĊE skont din il-Linja Gwida ma għandhiex tippermetti li persuni ġuridiċi, entitajiet jew fergħat oħra jiġu identifikati direttament jew indirettament.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8).

([2]) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([3]) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(12) L-informazzjoni statistika miġbura mill-BĊE għandha tintuża esklussivament għal finijiet ta' statistika u biex tagħti aċċess għal u/jew ixxerred statistika u analiżi statistika lill-utenti. Minħabba li l-BĊE biħsiebu jikkondividi subsett tal-informazzjoni statistika li jiġbor ma' korpi ta' riċerka xjentifika, huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti l-arranġamenti xierqa biex jingħata dan l-aċċess.

(13) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura biex isiru emendi tekniċi lill-Annessi ta' din il-Linja Gwida b'mod effettiv, sakemm dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali sottostanti tal-Linja Gwida u lanqas ma jtaqqlu l-piż tar-rapportar. Għaldaqstant, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkun jista' jagħmel tali emendi tekniċi u għandhom jitqiesu l-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ meta tiġi segwita din il-proċedura. Hija l-prattika tal-Kumitat tal-Istatistika li jqis l-opinjonijiet tal-utenti, speċifikament il-Kapijiet tar-Riċerka tal-BĊE u l-BĊNi u n-Netwerk tal-Finanzi u l-Konsum tal-Unitajiet Domestiċi li jinkludi speċjalisti tal-istħarriġ, tal-statistika u ekonomisti mill-BĊE, il-BĊNi u għadd ta' istituti nazzjonali tal-istatistika,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din il-Linja Gwida tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-BĊNi biex jirrapportaw lill-BĊE informazzjoni statistika dwar il-ġid, l-introjtu u l-konsum tal-unitajiet domestiċi li ġabru abbażi tal-liġi nazzjonali. B'mod partikolari, din il-Linja Gwida tispeċifika l-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata mill-BĊNi lill-BĊE, l-ipproċessar ta' dik l-informazzjoni, il-frekwenza u t-twaqqit ta' dak ir-rapportar u l-istandards applikati għal dak ir-rapportar.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "HFCS" (Stħarriġ dwar il-Finanzi u l-Konsum tal-Unitajiet Domestiċi) tfisser is-sett ta' stħarriġ tal-pajjiżi implimentat fi Stati Membri individwali dwar il-ġid, l-introjtu u l-konsum tal-unitajiet domestiċi;

(2) "stħarriġ tal-pajjiż" tfisser stħarriġ imwettaq fi Stat Membru li jifforma parti mill-HFCS;

(3) "perijodu ta' xogħol fuq il-post" tfisser il-perijodu li matulu tinġabar id-data mingħand ir-rispondenti għal stħarriġ tal-pajjiż;

(4) "perijodu ta' referenza" tfisser il-perijodu li għalih tirrelata l-informazzjoni statistika;

(5) "data ta' referenza" tfisser id-data li għaliha tirrelata l-informazzjoni statistika;

(6) "unità domestika privata" tfisser persuna li tgħix waħedha jew grupp ta' persuni li jgħixu flimkien fl-istess abitazzjoni privata u jaqsmu n-nefqiet, inkluż il-forniment konġunt ta' oġġetti essenzjali għall-ħajja kif ukoll deċiżjonijiet finanzjarji, kif speċifikat aktar fil-Parti 3 tal-Anness I;

(7) "data personali" għandha t-tifsira attribwita lit-terminu mir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725;

(8) "anonimizzazzjoni" tfisser il-proċess li bih il-possibbiltà ta' identifikazzjoni diretta jew indiretta tkun ġiet eliminata b'tali mod li la unità domestika privata u lanqas persuna fiżika ma jkunu jistgħu jiġu identifikati, u l-anonimizzazzjoni ma tkunx tista' titreġġa' lura;

(9) "varjabbli tal-output" tfisser il-kategoriji standardizzati tad-data li jkopru l-informazzjoni statistika speċifikata fl-Anness I u l-Anness II;

(10) "imputazzjoni" tfisser l-assenjazzjoni ta' valur stmat għal varjabbli tal-output li ma setax jinġabar jew li ma nġabarx b'mod korrett. Il-valur stmat huwa bbażat fuq valuri miġbura għal unitajiet domestiċi oħra;

(11) "data amministrattiva" tfisser data ġġenerata minn sors mhux statistiku, normalment korp pubbliku, li l-għan ewlieni tagħha mhuwiex il-forniment ta' statistika;

(12) "indikaturi aggregati" tfisser statistika fil-qosor ta' ċerti varjabbli tal-output rappreżentattivi tal-popolazzjoni li ma fihom l-ebda informazzjoni statistika kunfidenzjali kif definit fl-Artikolu 1(12) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

(13) "residenza abitwali" tfisser "residenza abitwali" kif definita fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(14) "oqfsa tal-kampjunar" għandu jkollha l-istess tifsira kif definit fl-Artikolu 2(14) tar-Regolament (UE) 2019/1700;

(15) "sett tad-data tar-riċerka" tfisser fajls tad-data li jinkludu riżultati statistiċi bbażati fuq informazzjoni statistika dwar l-unitajiet domestiċi u l-membri tal-unitajiet domestiċi miġbura f'konformità ma' din il-Linja Gwida u adattati għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ.

Artikolu 3

Informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata mill-BĊNi

1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE informazzjoni statistika dwar il-ġid, l-introjtu, il-konsum tal-unitajiet domestiċi, u l-varjabbli ewlenin tal-output ekonomiċi, finanzjarji u demografiċi relatati skont l-Anness I.

2. BĊN jista' jirrapporta ċerti varjabbli tal-output ekonomiċi, finanzjarji u demografiċi mhux ewlenin skont l-Anness II.

3. BĊN jista' jiddeċiedi li jirrapporta b'mod volontarju varjabbli tal-output ekonomiċi, finanzjarji u demografiċi mhux ewlenin, flimkien mal-varjabbli tal-output imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, fejn dawn ikunu relatati ma' żviluppi attwali jew reċenti li jistgħu jaffettwaw direttament is-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja ta' gruppi differenti ta' ċittadini residenti fiż-żona tal-euro.

4. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE l-informazzjoni li tiddeskrivi l-karatteristiċi tal-istħarriġ tal-pajjiżi mwettaq mill-BĊNi, kif stabbilit fl-Anness III.

5. L-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata skont dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq wieħed mis-sorsi li ġejjin jew fuq kombinazzjoni tagħhom:

(a) data miġbura mill-istħarriġ tal-pajjiżi pprovduta direttament mir-rispondenti tal-HFCS, li preferibbilment tingħabar permezz ta' intervista personali assistita mill-kompjuter (CAPI). Meta l-CAPI ma tintużax għall-ġbir tad-data, l-intervista telefonika assistita mill-kompjuter (CATI), l-intervista fuq l-Internet assistita mill-kompjuter (CAWI), l-awtointervista assistita mill-kompjuter (CASI) jew metodi oħra assistiti mill-kompjuter jistgħu jintużaw għal kwalunkwe parti tal-ġbir tad-data jew għall-partijiet kollha tagħha. Il-BĊNi għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet lill-BĊE għall-użu ta' metodi assistiti mill-kompjuter, minbarra CAPI, fuq talba;

(b) data amministrattiva.

Artikolu 4

Popolazzjoni statistika

1. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata tingħabar fil-limiti ta' popolazzjoni statistika definita bħala li tinkludi l-persuni kollha li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom f'unitajiet domestiċi privati f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro.

2. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni statistika tingħabar minn kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni statistika.

([4]) Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1).

Artikolu 5

Kampjunar

1. Il-BĊNi għandhom ifasslu l-informazzjoni statistika minn oqfsa ta' kampjunar stabbiliti fil-livell nazzjonali li jippermettu li l-unitajiet domestiċi privati jew il-persuni fiżiċi jintgħażlu b'mod aleatorju, bi probabbiltà tal-għażla mhux żero magħrufa. L-oqfsa tal-kampjunar għandu jkollhom l-għan li jidentifikaw u jkopru b'mod eżawrjenti l-popolazzjoni statistika bi żball minimu fil-kopertura u għandhom jiġu aġġornati regolarment.

2. Meta sottopopolazzjonijiet koperti minn stħarriġ tal-pajjiż ikunu sottorappreżentati b'mod sinifikanti fil-kampjun miksub, il-BĊNi għandhom jieħdu miżuri bħall-kampjunar żejjed jew l-applikazzjoni ta' metodi rilevanti oħra biex jikkoreġu l-preġudizzju li jirriżulta, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għall-kosteffettività. Il-BĊNi għandhom jispjegaw u jivvalutaw il-metodi applikati, l-impatt tagħhom u kwalunkwe żvantaġġ fl-informazzjoni statistika speċifikata fl-Anness III.

3. Il-BĊNi jistgħu jippermettu s-sostituzzjoni kkontrollata tal-kampjun ta' unitajiet domestiċi privati jew persuni fiżiċi jekk ir-rata ta' rispons tal-istħarriġ tal-pajjiż taqa' taħt 60 % għal dawk magħżula biex jiġu intervistati għall-ewwel darba, u tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-unità domestika privata jew il-persuna tal-kampjun ma tistax tiġi kkuntattjata;

(b) tiġi kkuntattjata l-unità domestika privata jew il-persuna tal-kampjun, iżda l-intervista ma tistax titlesta.

Is-sett ta' unitajiet domestiċi privati jew persuni fiżiċi fil-kampjun għal sostituzzjoni kkontrollata għandu jiġi definit qabel il-ġbir tad-data. Ma għandu jkun hemm l-ebda sostituzzjoni kkontrollata ma' unitajiet domestiċi privati jew persuni fiżiċi li ma jappartjenux għal dak is-sett.

Artikolu 6

Imputazzjoni

1. Qabel ma jirrapportaw l-informazzjoni statistika lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jiżguraw li kull varjabbli tal-output ewlenin li tkun nieqsa minħabba nuqqas ta' tweġibiet tiġi imputata fejn meħtieġ skont l-Anness I.

2. Kull valur nieqes li qed jiġi imputat għandu jiġi imputat ħames darbiet bl-applikazzjoni ta' imputazzjoni stokastika multipla sabiex in-numru ta' implikati jkun ħamsa.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika meta l-BĊN iqis li l-informazzjoni nieqsa ma jkollhiex impatt fuq l-output tad-data globali ġġenerat mill-istħarriġ.

Artikolu 7

Perijodi ta' xogħol fuq il-post

1. Il-BĊNi għandhom iwettqu mill-inqas 50 % tal-intervisti msemmija fl-Artikolu 3(5), il-punt (a) fl-istħarriġ tal-pajjiż tagħhom matul is-sena ta' referenza tal-HFCS applikabbli kif imsemmi fl-Artikolu 9.

2. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni statistika skont l-Artikolu 3 ibbażata fuq perijodu ta' xogħol fuq il-post li jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) il-perijodu ta' xogħol fuq il-post ma jaqbiżx id-9 xhur;

(b) il-perijodu ta' xogħol fuq il-post ma jibdiex qabel Ottubru tas-sena ta' qabel is-sena ta' referenza tal-HFCS jew wara t-tmiem ta' Ottubru fis-sena ta' referenza tal-HFCS;

(c) il-perijodu ta' xogħol fuq il-post jintemm mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena ta' referenza tal-HFCS.

Artikolu 8

Dati u perijodi ta' referenza

1. Għal informazzjoni statistika relatata mal-ġid miġbur minn stħarriġ tal-pajjiżi, id-data ta' referenza għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) id-data meta nġabret l-informazzjoni statistika permezz ta' intervista; jew

(b) il-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja ta' qabel is-sena ta' referenza tal-HFCS imsemmija fl-Artikolu 9, sakemm il-perijodu ta' ħidma fuq il-post jitlesta f'dik is-sena ta' referenza tal-HFCS.

2. Għal informazzjoni statistika relatata mal-ġid ibbażat fuq data amministrattiva, id-data ta' referenza għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) data fis-sena ta' referenza tal-HFCS imsemmija fl-Artikolu 9; jew

(b) il-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja ta' qabel is-sena ta' referenza tal-HFCS imsemmija fl-Artikolu 9.

3. Għall-informazzjoni statistika relatata mal-introjtu miġbur mill-istħarriġ tal-pajjiżi, il-perijodu ta' referenza għandu jkun perijodu ta' 12-il xahar li jintemm jew:

(a) fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja ta' qabel il-bidu tal-perijodu ta' xogħol fuq il-post; jew

(b) matul ix-xahar ta' qabel id-data meta l-informazzjoni statistika tkun inġabret permezz ta' intervista.

4. Għall-informazzjoni statistika relatata mal-introjtu bbażata fuq data amministrattiva, il-perijodu ta' referenza għandu jkun perijodu ta' 12-il xahar li jintemm jew:

(a) fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja ta' qabel is-sena ta' referenza tal-HFCS imsemmija fl-Artikolu 9; jew

(a) f'data fis-sena ta' referenza tal-HFCS imsemmija fl-Artikolu 9;

5. Id-dati u l-perijodi ta' referenza għall-informazzjoni statistika l-oħra kollha msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) huma stabbiliti fil-Parti 1, il-paragrafu 5, u t-Tabella A tal-Anness I u l-Parti 1, il-paragrafu 3 u t-Tabella A tal-Anness II, rispettivament.

Artikolu 9

Frekwenza u puntwalità

1. Is-sena ta' referenza tal-HFCS tal-ewwel trażmissjoni tal-informazzjoni statistika msemmija fl-Artikolu 3 mill-BĊNi lill-BĊE għandha tkun (2026).

2. Is-snin ta' referenza tal-HFCS għat-trażmissjonijiet sussegwenti għandhom isegwu s-sena (2026) bi frekwenza ta' tliet snin.

3. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE l-informazzjoni statistika skont l-Artikolu 3 kull 3 snin.

4. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE l-informazzjoni statistika skont l-Artikolu 3 fi żmien 19-il xahar wara t-tmiem tal-perijodu ta' ħidma fuq il-post, u mhux aktar tard minn 36-il xahar mill-bidu tas-sena ta' referenza tal-HFCS.

5. Meta l-BĊNi jiksbu parti mill-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata skont din il-Linja Gwida minn data amministrattiva, l-iskadenza biex il-BĊE jirċievi l-informazzjoni statistika msemmija fl-Artikolu 3 hija ta' 22-il xahar wara t-tmiem tal-perijodu ta' xogħol fuq il-post, u mhux aktar tard minn 36-il xahar mill-bidu tas-sena ta' referenza tal-HFCS.

Artikolu 10

Reviżjonijiet

1. Il-BĊNi jistgħu jittrażmettu lill-BĊE reviżjonijiet tal-informazzjoni statistika rrapportata skont l-Artikolu 3 li jirreferu għas-snin ta' referenza tal-HFCS preċedenti.

2. Il-BĊNi għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet lill-BĊE għar-reviżjonijiet sottomessi skont il-paragrafu 1 fuq talba.

Artikolu 11

Protezzjoni tad-data

1. Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida, kull BĊN huwa l-kontrollur skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 tad-data li jkun ġabar fl-istħarriġ tal-pajjiż tiegħu, jew b'mezzi oħra, kif ikun rilevanti fl-Istat Membru tiegħu, u li huwa responsabbli għar-rapportar lill-BĊE skont l-Artikolu 3.

2. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li l-ebda data personali kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 ma tiġi rrapportata lill-BĊE meta tiġi rrapportata informazzjoni statistika skont l-Artikolu 3 jew meta tiġi kondiviża kwalunkwe informazzjoni oħra b'rabta mal-HFCS. Dan ifisser li kull element ta' data li jippermetti li persuna fiżika jew unità domestika tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika jitneħħa jew jiġi anonimizzat qabel ma tiġi rrapportata l-informazzjoni statistika lill-BĊE, inkluż meta BĊN jirċievi l-informazzjoni statistika jew partijiet minnha minn parti terza.

3. Jekk il-BĊE jiskopri jew jiġi infurmat minn BĊN li d-data personali ġiet trażmessa bi żball, huwa għandu jħassar minnufih dik id-data personali, u għandu jinforma lill-BĊN rilevanti b'dan.

Artikolu 12

Prinċipji u spjegazzjonijiet statistiċi

1. Il-BĊNi għandhom iżommu monitoraġġ u jiżguraw il-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni statistika rrapportata lill-BĊE skont din il-Linja Gwida, inkluż l-iżgurar li l-informazzjoni statistika tiġi rrapportata kif xieraq lill-BĊE skont il-prinċipji statistiċi stabbiliti fl-Artikolu 3a tar-Regolament (UE) Nru 2533/98.

2. Fejn meħtieġ, il-BĊNi għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet lill-BĊE dwar l-interpretazzjoni ta' aspetti tal-varjabbli tal-output li huma bbażati fuq speċifiċitajiet nazzjonali jew interruzzjonijiet strutturali fid-dettall, inkluż l-impatt fuq dik l-informazzjoni statistika. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll dawn l-ispjegazzjonijiet fuq talba mill-BĊE.

Artikolu 13

Trażmissjoni

1. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu l-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata skont din il-Linja Gwida b'mod elettroniku, bl-użu tal-mezzi speċifikati mill-BĊE. Il-format żviluppat għal dan l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni statistika għandu jkun il-format miftiehem mis-SEBĊ.

2. Fejn ma japplikax il-paragrafu 1, il-BĊNi jistgħu jużaw mezzi oħra għat-trażmissjoni tal-informazzjoni statistika bil-kunsens minn qabel tal-BĊE.

Artikolu 14

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra għajr il-BĊNi

1. Meta s-sorsi għall-informazzjoni statistika kollha jew parti minnha deskritta fl-Artikolu 3 huma awtoritajiet jew korpi kompetenti għajr il-BĊNi, il-BĊNi jistgħu jistabbilixxu l-arranġamenti ta' kooperazzjoni xierqa ma' dawn l-awtoritajiet jew korpi biex jiżguraw struttura permanenti għat-trażmissjoni ta' data li tissodisfa r-rekwiżiti tal-BĊE stabbiliti f'din il-Linja Gwida, sakemm l-istess riżultat ma jkunx diġà nkiseb mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-BĊNi għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li r-rekwiżiti tal-BĊE stabbiliti f'din il-Linja Gwida jiġu rrispettati meta jiddependi fuq arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet jew korpi kompetenti oħra biex jiġbru l-informazzjoni statistika deskritta fl-Artikolu 3.

Artikolu 15

L-użu u t-tixrid tal-informazzjoni statistika

Il-BĊE għandu juża l-informazzjoni statistika miġbura skont l-Artikolu 3 għal finijiet statistiċi kif ġej:

(a) biex jagħti aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka (i) fis-SEBĊ u (ii) lill-korpi tar-riċerka xjentifika skont il-kriterji u l-proċedura stabbiliti fl-Anness IV; u

(b) biex ixerred rapporti li jinkludu indikaturi aggregati.

Kull BĊN jitqies li pprovda l-kunsens espliċitu tiegħu minn qabel u li kiseb il-kunsens espliċitu minn qabel ta' kwalunkwe awtorità oħra li pprovdiet l-informazzjoni statistika miġbura skont l-Artikolu 3 lilhom qabel l-għoti tal-aċċess skont il-punt (a).

Artikolu 16

Anterjorità

Meta l-BĊE jkun ta aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka lil persuni li jissodisfaw il-kriterji għall-ħatra tar-riċerkaturi eliġibbli skont l-Anness IV, dawk ir-riċerkaturi jistgħu jkomplu jkollhom aċċess għal dak is-sett tad-data tar-riċerka skont dawk il-kriterji.

Artikolu 17

Proċedura ta' emenda simplifikata

Wara li jitqiesu l-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jagħmel kwalunkwe emenda teknika għall-Annessi sakemm dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali sottostanti ta' din il-Linja Gwida u lanqas ma jaffettwaw il-piż tar-rapportar tal-BĊNi. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'kull deċiżjoni bħal din mingħajr dewmien mhux debitu.

Artikolu 18

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Għall-ewwel trażmissjoni, il-BĊNi jistgħu jirrapportaw lill-BĊE l-informazzjoni statistika msemmija fl-Artikolu 3 kif ġej:

(a) fi żmien 21 xahar wara t-tmiem tal-perijodu ta' xogħol fuq il-post, u mhux aktar tard minn 36-il xahar mill-bidu tas-sena ta' referenza tal-HFCS;

(b) meta l-BĊNi jiksbu parti mill-informazzjoni statistika li għandha tiġi rrapportata skont din il-Linja Gwida minn data amministrattiva, fi żmien 25-il xahar wara t-tmiem tal-perijodu ta' xogħol fuq il-post, u mhux aktar tard minn 36-il xahar mill-bidu tas-sena ta' referenza tal-HFCS.

2. Meta BĊN jeħtieġ perijodu itwal ta' introduzzjoni gradwali għall-ġbir tal-informazzjoni statistika meħtieġa msemmi fl-Artikolu 3, il-Kunsill Governattiv jista' jagħti deroga temporanja individwali mill-obbligu li jirrapporta lill-BĊE l-informazzjoni statistika meħtieġa għall-ewwel trażmissjoni skont l-Artikolu 9(1). Id-deroga temporanja individwali għandha tapplika biss għall-ewwel trażmissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 9(1).

3. Meta tingħata deroga temporanja individwali skont il-paragrafu 2, il-BĊN ikkonċernat għandu jirrapporta mill-inqas darba fis-sena lill-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ dwar il-progress tiegħu fil-kisba ta' konformità sħiħa mal-obbligu li jirrapporta lill-BĊE għat-trażmissjonijiet sussegwenti kif imsemmi fl-Artikolu 9(2).

4. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li għandhom jiġu imposti aktar restrizzjonijiet fuq BĊNi individwali li jibbenefikaw minn kwalunkwe deroga taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Artikolu 20

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-31 ta' Jannar 2025.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

Varjabbli tal-output ewlenin

1. Il-Banek Ċentrali Nazzjonali (BĊNi) għandhom jirrapportaw varjabbli tal-output ewlenin fuq (i) bażi ta' livell tal-unità domestika, (ii) bażi ta' livell individwali għall-membri kollha tal-unità domestika jew (iii) bażi ta' livell individwali għall-membri tal-unità domestika ta' 16-il sena jew aktar.

Parti 1 – Varjabbli tal-output ewlenin li għandhom jiġu rrapportati

2. It-tabella A tistabbilixxi l-varjabbli tal-output ewlenin li għandhom jiġu rrapportati mill-BĊNi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

3. Il-BĊNi jirrapportaw varjabbli tal-output ċentrali lill-BĊE għar-rispondenti kollha. Il-varjabbli tal-output ewlenin jistgħu jinkludu valuri neqsin għal xi rispondenti fejn il-varjabbli tal-output ma jkunx applikabbli (jiġifieri maqbuża minħabba r-rotta, jew l-istħarriġ tal-pajjiż rilevanti ma jkollu l-ebda komponent tal-panel). Il-valuri neqsin u t-tweġibiet speċjali kollha li jifdal (ma nafx it-tweġiba/l-ebda tweġiba) iridu jiġu imputati qabel ma tiġi rrapportata l-informazzjoni statistika lill-BĊE sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fit-Tabella A, jiġifieri l-kodiċijiet -1 (ma nafx) u -2 (l-ebda tweġiba) huma ammissibbli għall-varjabbli tal-output.

4. Il-varjabbli tal-output ewlenin jistgħu jiġu rrapportati wkoll b'valuri neqsin għal skopijiet ta' anonimizzazzjoni. Varjabbli tal-output fil-parentesi/raggruppati skont il-kategoriji (jiġifieri Età fil-parentesi — RA0300_B, u Negozju ta' min jaħdem għal rasu $x: numru ta' impjegati — HD050 $x) irid dejjem jiġi rrapportat b'valuri reali ([1]), irrispettivament minn jekk il-varjabbli tal-output ewlenin korrispondenti b'informazzjoni statistika aktar dettaljata (jiġifieri Età — RA0300, u Negozju ta' min jaħdem għal rasu $x: numru ta' impjegati – HD050$x) huma rrapportati bħala neqsin għal skopijiet ta' anonimizzazzjoni.

5. Data/perijodu ta' referenza tirreferi għad-data/perijodu li għalih huwa relatat varjabbli tal-output partikolari. "Kurrenti" tirreferi għall-ħin tal-ġbir tad-data. "Kostanti" tirreferi għal informazzjoni li tibqa' kostanti u ma tinbidilx maż-żmien (irrispettivament mill-ħin tal-ġbir tad-data). "Data ta' referenza tal-ġid" tirreferi għad-data kif definita fl-Artikolu 8(1) u (2). "Perijodu ta' referenza tal-introjtu" tirreferi għall-perijodu kif definit fl-Artikolu 8(2) u (4).

6. Ċerti varjabbli tal-output ewlenin huma f'ċiklu, li jimplika li f'każijiet bħal dawn iridu jiġu rrapportati diversi varjabbli tal-output ewlenin. L-identifikaturi tal-varjabbli tal-output tal-varjabbli li huma ċikliċi jinkludu s-sinjal "$" (mill-inqas 1). Dan japplika għal tipi differenti ta' self, proprjetajiet, negozji ta' min jaħdem għal rasu, rigali/wirt fejn in-numru ta' ċikli huwa awtomatikament 3, iżda l-BĊNi jistgħu japplikaw ukoll 2 ċikli. Fil-każ ta' pjanijiet tal-pensjoni sa 7 ċikli jistgħu jiġu applikati. Pereżempju, fil-każ ta' 3 ċikli, 3 varjabbli (HB1701, HB1702, HB1703) huma rrapportati għall-varjabbli "ipoteka HMR $x: ammont kurrenti pendenti" (HB170$x fit-Tabella A).

7. Ċerti varjabbli tal-output ewlenin huma f'ċiklu 'l fuq minn 2 dimensjonijiet. F'dawn il-każijiet l-identifikaturi varjabbli tal-output jispiċċaw b'"xy". Pereżempju, fil-każ tal-varjabbli HB330xy ("proprjetà oħra $x ipoteka $y: sena meta jittieħed is-self), jiġu rrapportati 9 varjabbli (HB33012, HB33013, HB33021, HB33022, HB33023, HB33031, HB33032, HB33033, HB33011) (fil-każ ta' 3 ċikli għal "proprjetajiet oħra" u "ipoteki").

8. Għal ċerti varjabbli tal-output ewlenin hemm disponibbli diversi għażliet, li jimplika wkoll li jridu jiġu pprovduti diversi varjabbli tal-output ewlenin. L-identifikaturi tal-varjabbli tal-output tal-varjabbli li fihom l-għażliet finali bl-ittra "v". Pereżempju, 6 varjabbli (HD1320 A, HD1320b, HD1320c, HD1320d, HD1320e, HD1320f) huma rrapportati għall-varjabbli "Tipi ta' fondi mutwi" (HD1320 V fit-Tabella A).

9. Għal ċerti varjabbli tal-output ewlenin hemm taħlita ta' ċikli u għażliet. F'dawn il-każijiet l-identifikaturi varjabbli tal-output jispiċċaw b'"$xv". Pereżempju, 6 varjabbli (HB1201a, HB1201b, HB1202a, HB1202b, HB1203a, HB1203b)) huma rrapportati għall-varjabbli "ipoteka tal-HMR $x: għan tas-self b'a: l-ewwel għażla u b: l-għan tat-tieni għażla" (HB120$xv fit-Tabella A).

([1]) Sakemm il-valuri ma jiġux issettjati wkoll bħala nieqsa għal skopijiet ta' anonimizzazzjoni.

Tabella A

Varjabbli tal-output ewlenin li għandhom jiġu rrapportati mill-BĊNi lill-BĊE

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta (1):	Data/perijodu ta' referenza
SUĠĠETT 1: TAGĦRIF DEMOGRAFIKU						
RA0100	Relazzjoni mal-persuna ta' referenza	1	Persuna ta' referenza (RP)	Il-membri kollha tal-unità domestika	Dejjem	Kurrenti
		2	Konjuġi jew sieħeb/sieħba tar-RP			
		3	Iben/bint RP			
		4	Ġenitur jew ġenitur tar-rispett ta' RP			
		9	Qarib ieħor tal-PR			
		10	Membru ieħor tal-unità domestika (HH) – mhux qarib tal-PR			
RA0010	ID personali	Valur numeriku sa 2 ċifri	Numru ta' identifikazzjoni personali, assenjat mill-BĊN	Il-membri kollha tal-unità domestika	Dejjem	Kostanti
RA0011	ID personali lonġitudinali	Valur numeriku sa 10 ċifri	Numru ta' identifikazzjoni personali lonġitudinali, assenjat mill-BĊN	Il-membri kollha tal-unità domestika (panel)	L-istħarriġ tal-pajjiż għandu komponent tal-panel	Kostanti
RA0015	ID tal-unità domestika inizjali tal-persuna	Valur numeriku sa 8 ċifri	In-numru inizjali ta' identifikazzjoni tal-unità domestika tal-persuna, assenjat mill-BĊN	Il-membri kollha tal-unità domestika (panel)	L-istħarriġ tal-pajjiż għandu komponent tal-panel	Kostanti
RA0020 (ma tkompliex mis-sena ta' referenza tal-HFCS 2029)	ID Personali tal-Imgħoddi	Valur numeriku sa 2 ċifri	Numru ta' identifikazzjoni personali użat fl-aħħar intervista, assenjat mill-BĊN	Il-membri kollha tal-unità domestika (panel)	L-istħarriġ tal-pajjiż għandu komponent tal-panel	Kurrenti
RA0030	Perijodu inizjali tal-aħħar intervista (individwali)	Valur numeriku ta' 4 ċifri	Sena tal-aħħar intervista	Il-membri kollha tal-unità domestika (panel)	L-istħarriġ tal-pajjiż għandu komponent tal-panel	Kurrenti
RA0031	Perijodu inizjali tal-aħħar intervista (individwali)	Valur numeriku ta' 4 ċifri	Sena tal-ewwel intervista	Il-membri kollha tal-unità domestika (panel)	L-istħarriġ tal-pajjiż għandu komponent tal-panel	Kostanti

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta ([1]):	Data/perijodu ta' referenza
RA0040	Motivazzjoni għad-dħul fl-unità domestika	1	Tarbija tat-twelid	Membri ġodda tal-unità domestika tal-panel	L-istħarriġ tal-pajjiż għandu komponent tal-panel	Kurrenti
		2	Oħrajn			
RA0200	Sess	1	Raġel	Il-membri kollha tal-unità domestika	Dejjem	Kurrenti
		2	Ġeneru femminil			
RA0300	Età	Valur numeriku ta' mhux aktar minn 2 ċifri, massimu ta' 85	Età fi snin mitmuma, ikkodifikat minn fuq f'85	Il-membri kollha tal-unità domestika	Dejjem	Kurrenti
RA0300_B	Età fil-parentesi	0	Età ta' bejn 0 u 6 sena	Il-membri kollha tal-unità domestika	Dejjem	Kurrenti
		7	Età ta' bejn 7 u 13-il sena			
		14	Età ta' bejn 14 u 15-il sena			
		16	Età ta' bejn 16 u 19-il sena			
		20	Età ta' bejn 20 u 24 sena			
		25	Età ta' bejn 25 u 29 sena			
		30	Eta ta' bejn 30 sa 34 sena			
		35	Eta ta' bejn 35 sa 39 sena			
		40	Eta ta' bejn 40 sa 44 sena			
		45	Eta ta' bejn 45 sa 49 sena			
		50	Eta ta' bejn 50 sa 54 sena			
		55	Eta ta' bejn 55 sa 59 sena			
		60	Eta ta' bejn 60 sa 64 sena			
		65	Eta ta' bejn 65 sa 69 sena			
		70	Eta ta' bejn 70 sa 74 sena			
		75	Eta ta' bejn 75 sa 79 sena			
		80	Eta ta' bejn 80 sa 84 sena			
		85	Età ta' 85 sena u 'l fuq			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta ([1]):	Data/perijodu ta' referenza
RA0400	Il-pajjiż tat-twelid	Kodiċi ISO 3166–1 alpha 2 b'żewġ ittri	Kodiċi nazzjonali (taż-żona tal-euro)	Il-membri kollha tal-unità domestika	Dejjem	Kostanti
		OEA	Pajjiżi oħra taż-żona tal-euro			
		OEU	Pajjiżi tal-UE barra miż-żona tal-euro			
		OTH	Pajjiżi mhux tal-UE			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
RA0500	Tul ta' żmien tas-soġġorn fil-pajjiż ta' residenza	Valur numeriku ta' mhux aktar minn 2 ċifri, massimu ta' 85	Tul tas-soġġorn fil-pajjiż fi snin, ikkodifikat minn fuq f'85	Il-membri kollha tal-unità domestika	RA0400 ≠ SA0100	Kurrenti
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
PA0100	L-Istat ċivili tiegħek	1	Persuna waħidha/qatt ma żżewġet	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	Dejjem	Kurrenti
		2	Miżżewġa jew unjoni kunsenswali fuq bażi legali			
		4	Armel/armla			
		5	Divorzjat/a			
PA0200	L-ogħla livell ta' edukazzjoni mitmum	1	Edukazzjoni bikrija tat-tfal jew l-ebda edukazzjoni (0) jew edukazzjoni primarja (1)	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	Dejjem	Kurrenti
		2	Edukazzjoni sekondarja baxxa			
		3	Edukazzjoni sekondarja għolja (3) jew edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (4)			
		5	Edukazzjoni terzjarja ta' ċiklu qasir (5) jew Baċellerat jew ekwivalenti (6) jew Maġisteru jew ekwivalenti (7) jew Dottorat jew ekwivalenti (8)			
HA0100	Persuna li għandha għarfien finanzjarju	Valur numeriku sa 2 ċifri	Valur numeriku tal-ID personali tal-RA0010 jekk il-persuna b'għarfien finanzjarju (FKP) tkun membru tal-HH	Unità domestika	Dejjem	Kurrenti
		99	Persuna mhux membru tal-HH			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta ([1]):	Data/perijodu ta' referenza
SUĠĠETT 2: ASSI REALI U L-FINANZJAMENT TAGĦHOM						
HB0100_B	Daqs tal-HMR fil-parentesi	1	0 sa 29 metri kwadri	Unità domestika	Dejjem	Data ta' referenza tal-ġid
		2	30 sa 39 metru kwadru			
		3	40 sa 49 metru kwadru			
		4	50 sa 59 metru kwadru			
		5	60 sa 79 metru kwadru			
		6	80 sa 99 metru kwadru			
		7	100 sa 119il metru kwadru			
		8	120 sa 149 metru kwadru			
		9	150 sa 199 metru kwadru			
		10	200 metru kwadru u'l fuq			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB0200	It-tul tas-soġġorn fl-HMR	Valur numeriku ta' mhux aktar minn 2 ċifri, massimu ta' 85	Tul tas-soġġorn fi snin mitmuma, ikkodifikat minn fuq f'85	Unità domestika	Dejjem	Data ta' referenza tal-ġid
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB0300	HMR – status tal-pussess	1	Sjieda ta' kollox	Unità domestika	Dejjem	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Il-parti proprja			
		3	Mikrija / sullokata			
		4	Użu b'xejn			
HB0400	Il-kera titħallas għal HMR parzjalment fi proprjetà	1	Iva	Unità domestika	HB0300 = 2	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
HB0410	Ammont ta' kera mħallsa għal HMR parzjalment fi proprjetà	Valur numeriku	Ammont ta' kull xahar f'EUR	Unità domestika	HB0400 = 1	Data ta' referenza tal-ġid
HB0500	% tas-sjieda tal-HMR	Valur numeriku	Perċentwal	Unità domestika	HB0300 = 2	Data ta' referenza tal-ġid

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta ([1]):	Data/perijodu ta' referenza
HB0600	Il-mod kif tiġi akkwistata l-proprjetà	1	Mixtrija	Unità domestika	HB0300 = 1 jew HB0300 = 2	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Kostruzzjoni proprja			
		3	Wirt			
		4	Rigal			
		5	50 % mixtrija jew mibnija / 50 % wirt jew irċevut bħala rigal			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB0700	Sena tal-akkwist tal-proprjetà	Valur numeriku ta' 4 ċifri	Sena tal-akkwist, bil-qiegħ ikkodifikat fis-"sena ta' referenza tal-HFCS" nieqes 85	Unità domestika	HB0300 = 1 jew HB0300 = 2	Data ta' referenza tal-ġid
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB0800	Il-valur tal-proprjetà fil-mument tal-akkwist tagħha	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB0300 = 1 jew HB0300 = 2	Data ta' referenza tal-ġid
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB0900	Il-prezz kurrenti tal-HMR	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB0300 = 1 jew HB0300 = 2	Data ta' referenza tal-ġid
HBZ020	Aspettattivi dwar il-prezzijiet tad-djar - kwalitattivi	1	Tnaqqis	Unità domestika	Dejjem	Kurrenti
		2	L-istess (bidla ta' 0 %)			
		3	Żdieda			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HBZ030	Aspettattivi tal-prezzijiet tad-djar - Kwantitajiet miftuħa	Valur numeriku	Perċentwal	Unità domestika	Dejjem	Kurrenti
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta ([1]):	Data/perijodu ta' referenza
HB1000	Ipoteki jew self li jużaw l-HMR bħala kollateral	1	Iva	Unità domestika	HB0300 = 1 jew HB0300 = 2	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
HB1010	Numru ta' ipoteki jew self li jużaw l-HMR bħala kollateral	Valur numeriku	Numru ta' ipoteki u self	Unità domestika	HB1000 = 1	Data ta' referenza tal-ġid
HB120 $xv Fejn v = a,b	Ipoteka HMR $x: għan tas-self a: għan tal-ewwel għażla tas-self b: għan tal-għażla sekondarja tas-self	1	Għax-xiri jew il-kostruzzjoni tal-HMR (residenza prinċipali tal-unitá domestika)	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Biex tixtri proprjetà immobbli oħra			
		3	Għar-ristrutturar jew rinnovament tar-residenza			
		4	Għax-xiri ta' vettura jew mezz ieħor ta' trasport			
		5	Għall-finanzjament ta' negozju jew attività professjonali			
		6	Għall-konsolidazzjoni jew ir-rifinanzjament tad-djun			
		7	Għal skopijiet ta' edukazzjoni			
		8	Biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-għajxien jew xiri ieħor			
		9	Oħrajn			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB130$x	Ipoteka HMR $x: sena meta ttieħed is-self	Valur numeriku ta' 4 ċifri	Sena meta ttieħed is-self	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB140$x	Ipoteka tal-HMR $x: ammont inizjali misluf	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB160 $x	Ipoteka tal-HMR $x: tul tas-self fiż-żmien li sar is-self	Valur numeriku	Numru ta' snin	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
		-4	Is-self ma għandu l-ebda terminu stabbilit			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta ([1]):	Data/perijodu ta' referenza
HB110$x	Ipoteka tal-HMR $x: rifinanzjament/negozjar mill-ġdid tal-ipoteka	1	Iva	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB170$x	Ipoteka tal-HMR $x: ammont kurrenti pendenti	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB171$x	Ipoteka tal-HMR $x: maturità rimanenti kurrenti	Valur numeriku	Numru ta' snin	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
		-4	L-ebda terminu/Ebda data fissa għall-ħlas lura			
HB180 $x	Ipoteka tal-HMR $x: rata tal-imgħax variabbli	1	Iva	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
HB190 $x	Ipoteka tal-HMR $x: ir-rata tal-imgħax kurrenti tal-ipoteka tal-HMR	Valur numeriku	Rata ta' mgħax	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB200$x	Ipoteka tal-HMR $x: ammont ta' kull xahar ta' ħlas fuq self	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB2100	Flus li għadhom dovuti fuq self addizzjonali tal-HMR	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB1010 > $ċikli	Data ta' referenza tal-ġid
HB2200	Ammont ta' pagament fix-xahar li sar fuq self addizzjonali tal-HMR	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB1010 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB2300	Ammont fix-xahar imħallas bħala kera	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB0300 = 3	Data ta' referenza tal-ġid
HB2400	Proprjetà tal-unitajiet domestiċi li mhumiex HMR	1	Iva	Unità domestika	Dejjem	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
HB2410	Numru ta' proprjetajiet għajr l-HMR	Valur numeriku ta' mhux aktar minn 1 ċifra, massimu ta' 5	Numru ta' proprjetajiet, ikkodifikat minn fuq f'5	Unità domestika	HB2400 = 1	Data ta' referenza tal-ġid

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta ([1]):	Data/perijodu ta' referenza
HB250 $x	Proprjetà oħra $x: tip ta' proprjetà	1	Dar jew appartament	Unità domestika	HB2410 > $x 1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Bini ta' appartamenti			
		3	Bini industrijali/maħżen			
		4	Plott/art għall-bini, għalqa, ġnien, foresta u raba' li jinħadem			
		5	Garaxx			
		6	Ħanut			
		7	Uffiċċju			
		8	Lukanda			
		9	Azjenda agrikola			
		10	Oħrajn			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB260 $xv Fejn v = a,b,c	Proprjetà oħra $x: użu a: l-ewwel għażla tal-użu ta' proprjetà b: għażla sekondarja tal-użu tal-proprjetà c: għażla sekondarja tal-użu tal-proprjetà	1	Btajjel jew użu privat ieħor proprju	Unità domestika	HB2410 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Attivitajiet kummerċjali proprji			
		3	Mikrija jew mogħtija b'lokazzjoni lil negozju jew persuni barra mill-unità domestika			
		4	Battal			
		5	Użu b'xejn għal oħrajn			
		6	Oħrajn			
		-1 (għal b u c biss)	Ma nafx			
		-2 (għal b u c biss)	L-ebda tweġiba			
HB270$x	Proprjetà oħra $x: % tal-proprjetà li tappartjeni lill-unità domestika	Valur numeriku	Perċentwal	Unità domestika	HB2410 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB280$x	Proprjetà oħra $x: valur kurrenti	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB2410 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta (1):	Data/perijodu ta' referenza
HB300 $x	Ipoteki jew self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral	1	Iva	Unità domestika	HB2410 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
HB301$x	Numru ta' ipoteki jew self li jużaw proprjetà $x bħala kollateral	Valur numeriku	Numru ta' ipoteki u self	Unità domestika	HB300$x = 1	Data ta' referenza tal-ġid
HB330xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: sena meta sar is-self	Valur numeriku ta' 4 ċifri	Sena	Unità domestika	HB301$x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB340xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: ammont inizjali meħud b'self	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB301$x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB360xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: tul tas-self fiż-żmien li sar is-self	Valur numeriku	Tul ta' żmien fi snin	Unità domestika	HB301$x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
		-4	Is-self ma għandu l-ebda terminu stabbilit			
HB370xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: ammont kurrenti pendenti	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB301$x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB371xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: maturità kurrenti rimanenti	Valur numeriku	Numru ta' snin	Unità domestika	HB301$x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
		-4	Is-self ma għandu l-ebda terminu stabbilit			
HB380xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: rata tal-imgħax variabbli	1	Iva	Unità domestika	HB301$x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
HB390xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: rata tal-imgħax kurrenti tal-ipoteka	Valur numeriku	Rata ta' mgħax	Unità domestika	HB301$x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB400xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: ħlas ta' kull xahar fuq self	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB301$x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
HB2900	Karatteristiċi addizzjonali valur kurrenti	Valur numeriku	Ammont f'EUR	Unità domestika	HB2410 > $ċikli	Data ta' referenza tal-ġid

		Il-pajjiż tat-twelid huwa raggruppat fl-4 kategoriji li ġejjin: pajjiż nazzjonali, pajjiżi oħra taż-żona tal-euro, pajjiżi tal-UE li mhumiex fiż-żona tal-euro u pajjiżi mhux tal-UE. Il-pajjiż tat-twelid jiġi allokat liż-żona tal-euro, lill-UE mhux fiż-żona tal-euro u mhux fil-UE filwaqt li titqies il-kompożizzjoni taż-żona tal-euro u tal-UE fi tmiem is-sena ta' referenza tal-HFCS.
RA0500	Tul ta' żmien tas-soġġorn fil-pajjiż ta' residenza	Għall-membri tal-unità domestika mwielda f'pajjiż ieħor, in-numru ta' snin li l-membru tal-unità domestika kien qed jgħix fil-pajjiż. Jekk il-membru tal-unità domestika jkun ilu jgħix fil-pajjiż għal inqas minn nofs sena, it-tul tas-soġġorn jiġi rreġistrat bħala żero. F'każ ta' soġġorni ripetuti fil-pajjiż tal-intervista, it-tul tas-soġġorn jirrifletti t-tul totali fejn il-membru tal-unità domestika jkun għex fil-pajjiż, jiġifieri bħala s-somma tas-soġġorni kollha itwal minn 6 xhur. F'każ li l-ebda soġġorn ma jkun dam aktar minn 6 xhur, it-tul tas-soġġorn jiġi rreġistrat bħala żero.
PA0100	L-Istat ċivili tiegħek	L-Istat ċivili huwa ddefinit bħala l-istat konjugali (legali) ta' individwu fir-rigward tal-liġijiet (jew tal-użanzi) taż-żwieġ tal-pajjiż (jiġifieri l-istat *de jure*). Dan mhux neċessarjament jikkorrispondi għas-sitwazzjoni kurrenti tal-unità domestika f'termini ta', pereżempju, arranġamenti tal-għajxien. Pereżempju, persuna miżżewġa li ma tgħix mal-konjuġi tagħha hija kklassifikata bħala miżżewġa skont l-istatus *de jure*. Tista' ssir distinzjoni bejn erba' tipi ta' status matrimonjali ewlenin: persuna waħedha/qatt ma żżewġet, miżżewġa, armla/armel, u divorzjat/a. Jista' jkun hemm status matrimonjali legali ieħor, bħal sħubija legali reġistrata jew separati legalment. *Persuna waħidha/qatt ma żżewġet*: jinkludi wkoll qatt f'unjoni konsenswali fuq bażi legali *Unjoni kunsenswali fuq bażi legali* tinkludi sħubijiet reġistrati jew arranġamenti legali nazzjonali simili oħra, jekk jeżistu f'pajjiż, *Armel/armla*: mhux miżżewġin mill-ġdid u lanqas f'unjoni konsenswali fuq bażi legali (inkluż armel/armla minn sħubija reġistrata, fejn applikabbli), *Divorzjat/a*: mhux miżżewġin mill-ġdid u lanqas f'unjoni konsenswali fuq bażi legali (inkluż sħubija legalment separata u xolta, fejn applikabbli).
PA0200	L-ogħla livell ta' edukazzjoni mitmum	L-ogħla kisba ta' programm edukattiv li l-membru tal-unità domestika jkun lesta b'suċċess. Programm edukattiv jitlesta b'suċċess jekk il-membru tal-unità domestika jkun kiseb ċertifikat jew diploma fejn jkun hemm ċertifikazzjoni. F'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda ċertifikazzjoni, it-tlestija b'suċċess hija assoċjata mal-attendenza sħiħa. Biex jiġi ddeterminat l-ogħla livell, jitqiesu kemm l-edukazzjoni/it-taħriġ ġenerali kif ukoll dak vokazzjonali.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Il-kategoriji ta' programmi edukattivi huma bbażati fuq il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED-2011). Fil-livell nazzjonali jeżisti mmappjar uffiċjali biex is-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni jiġu mmappjati mal-iskema internazzjonali ISCED (użata għall-kompilazzjoni tal-istatistika tal-UE dwar l-edukazzjoni u fl-istħarriġ ikkoordinati mill-Eurostat). Dan l-immappjar jintuża bħala referenza biex jiġi allokat il-livell ta' edukazzjoni tal-membri tal-unità domestika għall-kategoriji ISCED għall-finijiet tal-HFCS. Għall-finijiet tal-HFCS il-kategoriji ISCED-2011 huma miġbura f'erba' kategoriji.
HA0100	Persuna li għandha għarfien finanzjarju	Il-persuna li għandha għarfien finanzjarju (FKP) hija l-persuna li għandha l-aktar għarfien dwar kwistjonijiet finanzjarji li jirrigwardaw kemm l-unità domestika kollha kemm hi kif ukoll il-membri individwali tagħha u għalhekk l-aktar adatta biex tipprovdi informazzjoni dwar il-finanzi tal-unità domestika. Il-FKP tista' tkun jew ma tistax tkun membru tal-unità domestika.
SUĠĠETT: ASSI REALI U L-FINANZJAMENT TAGĦHOM		
HB0100_B	Daqs tar-residenza prinċipali tal-unità domestika (HMR) fil-parentesi	Id-daqs tar-residenza prinċipali tal-unitá domestika (HMR) f'metri kwadri, ordnat f'10 parentesi. L-HMR hija l-abitazzjoni fejn il-membri tal-unità domestika normalment jgħixu, tipikament dar jew appartament. Unità domestika jista' jkollha biss residenza ewlenija waħda fi kwalunkwe ħin partikolari iżda tista' taqsam ir-residenza ewlenija ma' persuni li ma jappartjenux għall-unità domestika. F'xi każijiet, jista' jkun diffiċli li jiġi definit l-HMR, eż. għal vjaġġaturi frekwenti jew persuni li jgħixu f'diversi djar. F'dawn il-każijiet, il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-HMR jikkonsistu l-aktar f'linji gwida aktar milli f'regoli stretti u l-HMR irid jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ. Fatturi possibbli jinkludu: il-ħin imqatta' fir-residenza kull sena, l-indirizz postali, l-istatus tat-taxxa, ir-reġistrazzjoni tal-votazzjoni, il-post tal-oġġetti personali, u l-għan iddikjarat tar-residenza fuq il-poloz tal-assigurazzjoni. Id-daqs tar-residenza huwa l-"ispazju utli tal-art" bl-użu tal-istess definizzjoni bħal taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tad-djar. L-ispazju utli tal-art huwa l-ispazju tal-art imkejjel fil-ħitan ta' barra eskluż l-kantini u l-attiċi mhux abitabbli, u, f'bini b'ħafna abitazzjonijiet, l-ispazji komuni kollha. Id-daqs ikopri ż-żona li tista' tintuża esklussivament mill-unità domestika.
HB0200	It-tul tas-soġġorn fl-HMR	It-tul tas-soġġorn fl-HMR f'numru ta' snin.
HB0300	HMR – status tal-pussess	L-istatus tal-pussess tal-HMR. Meta HH tkun is-sid ta' parti mill-HMR u tikri l-HMR, l-istatus tal-pussess jitqies bħala "proprjetarju ta' parti". L-istatus ta' pussess "użu ħieles" jinkludi l-użufrutt.
HB0400	Il-kera titħallas għal HMR proprjetà parzjali	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika tħallasx il-kera għal HMR proprjetà parzjali.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HB0410	Ammont ta' kera mħallsa għal HMR proprjetà parzjali.	Ammont fix-xahar imħallas bħala kera f'EUR, eskluż l-utilitajiet, it-tisħin, eċċ.
HB0500	% tas-sjieda tal-HMR	Il-perċentwal tal-valur tal-HMR li jappartjeni għall-unità domestika.
HB0600	Il-mod kif tiġi akkwistata l-proprjetà	Il-mod kif l-unità domestika akkwistat l-HMR (jew parti minnu). *Kostruzzjoni proprja* tirreferi għall-każ fejn l-unità domestika xtrat l-art u bniet l-HMR waħedha, mal-ħbieb u mal-familja, jew permezz ta' kuntratturi mqabbdin. Dan jinkludi wkoll kostruzzjonijiet eżistenti li twaqqgħu jew inbnew mill-ġdid b'mod sinifikanti. Residenza mixtrija qabel il-kostruzzjoni u li għandha tiġi kkonsenjata fi stat lest lill-unità domestika (eż. appartamenti mixtrija "fuq il-pjanta") għandha tiġi inkluża taħt *mixtri*.
HB0700	Sena tal-akkwist tal-proprjetà	Is-sena li fiha l-unità domestika akkwistat l-HMR jew l-art li tinsab fiha. Jekk l-HMR ikun inkiseb jew inbena f'diversi stadji, is-sena għandha tirreferi għall-ewwel sena meta tkun inkisbet jew inbniet parti mill-HMR. Jekk l-art għall-kostruzzjoni tal-HMR tkun ġiet akkwistata qabel il-kostruzzjoni tar-residenza, is-sena tal-akkwist tal-art tirreferi għall-ewwel sena tal-akkwist ta' parti mill-HMR kurrenti.
HB0800	Il-valur tal-proprjetà fil-mument tal-akkwist tagħha	Il-valur tal-proprjetà (u/jew tal-art assoċjata) fil-mument tal-akkwist tagħha. Jekk il-proprjetà tkun ġiet akkwistata b'xejn (rigal, wirt) jew biss għal pagament parzjali taħt il-valur tas-suq, il-valur tas-suq stmat fil-mument tal-akkwist. Jekk il-proprjetà tkun proprjetà parzjali biss, il-valur tas-suq stmat tar-residenza kollha fiż-żmien tal-akkwist. Jekk il-proprjetà tkun ġiet akkwistata f'diversi stadji, stima tal-valur totali fiż-żmien tal-ewwel akkwist ta' parti mill-proprjetà.
HB0900	Il-prezz kurrenti tal-HMR	Il-valur kurrenti tal-proprjetà, jiġifieri l-prezz tal-bejgħ stmat tal-proprjetà. Jekk il-proprjetà tkun proprjetà parzjali biss, il-valur stmat tal-proprjetà kollha. Jekk l-HMR tkun azjenda agrikola, il-valur tar-raba' u l-bini (eskluż il-valur tat-tagħmir tal-azjenda agrikola, tal-għelejjel jew tal-bhejjem).
HBZ020	Aspettattivi dwar il-prezzijiet tad-djar - kwalitattivi	L-aspettattiva ta' bidla fil-prezz tal-unità domestika matul it-12-il xahar li ġejjin tar-residenza li tgħix fiha, f'termini kwalitattivi (jiġifieri tnaqqis, mhux mibdul, żieda).

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HBZ030	Aspettattivi tal-prezzijiet tad-djar - kwantitattiv miftuħ	Jekk l-unità domestika tistenna żieda jew tnaqqis fil-prezz tar-residenza li tgħix fiha (matul it-12-il xahar li ġejjin) kif indikat mill-varjabbli tal-output HBZ020, din il-varjabbli tindika b'kemm (f'termini perċentwali), l-unità domestika tistenna li l-prezz jiżdied jew jonqos.
HB1000	Ipoteki jew self li jużaw l-HMR bħala kollateral	Jindika (Iva/Le) jekk hemmx ipoteki jew self pendenti li jużaw l-HMR bħala kollateral. Is-self ipotekarju huwa tip ta' strument ta' dejn użat minn individwi biex jissellfu flus għax-xiri ta' proprjetà. L-istituzzjoni finanzjarja tingħata garanzija bl-akkomodazzjoni sakemm l-ipoteka titħallas kompletament. Taħt self ipotekarju, il-mutwanti għandu l-possibbiltà li jbigħ (jeskludi, jerġa' jippossjedi, jew jissekwestra) il-proprjetà taħt ċerti ċirkostanzi (prinċipalment nuqqas ta' ħlas tas-self ipotekarju) u li japplika l-ammont rċevut għad-dejn oriġinali. Is-self ipotekarju huwa l-mekkaniżmu primarju użat f'ħafna pajjiżi biex jiffinanzja s-sjieda privata ta' proprjetà residenzjali. Għalkemm it-terminoloġija u l-forom preċiżi jvarjaw minn pajjiż għal ieħor, il-komponenti bażiċi għandhom it-tendenza li jkunu simili. Kollateral jirreferi għal assi jew sett ta' assi li huma mirhuna bħala garanzija għall-ħlas lura ta' self. Dar, karozza, proprjetà, jew tagħmir huma kollha eżempji ta' assi tanġibbli li jistgħu jintużaw bħala kollateral. Jekk il-mutwatarju ma jkunx jista' jħallas is-self kif skedat, l-assi użati bħala kollateral jinqabdu u jinbiegħu, u l-flus miġbura mill-bejgħ tal-assi jintużaw biex jitħallas lura s-self. Jitqiesu biss l-ipoteki meħuda mill-membri tal-unità domestika. Jekk l-HMR jintuża bħala kollateral għal ipoteki ta' persuni li mhumiex membri tal-unità domestika (eż. HMR użat bħala kollateral għal self għal iben, bint jew qarib ieħor, li mhumiex membri tal-unità domestika), dawn ma għandhomx jiġu inklużi fid-dejn ipotekarju tal-unità domestika. Huwa biss jekk u meta tali dejn kontinġenti jimmaterjalizza u l-membri tal-unità domestika jkollhom jintensifikaw biex jieħdu r-responsabbiltà għad-dejn, li l-ipoteka għandha tiġi rrapportata bħala parti mid-dejn tal-unitajiet domestiċi. Jekk l-HMR jintuża bħala kollateral flimkien ma' xi proprjetajiet oħra, is-self għandu jiġi inkluż bħala kollateralizzat fuq l-HMR.
HB1010	Numru ta' ipoteki jew self li jużaw l-HMR bħala kollateral	Numru ta' ipoteki jew self miżmuma mill-unità domestika li jużaw l-HMR bħala kollateral
HB120$xv Fejn v = a,b	Ipoteka HMR $x: għan tas-self a: għan tal-ewwel għażla tas-self b: għan tal-għażla sekondarja tas-self	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. L-iskop li għalih intużaw il-flus meta l-ipoteka nħarġet għall-ewwel darba, li jibda mill-iskop ewlieni (a), segwit mill-iskop sekondarju (b), jiġifieri total ta' 2 varjabbli tal-output (v = a u b) għal kull ipoteka tal-HMR.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Konsolidazzjoni tad-dejn (partita 6): prattika li jsir self wieħed biex jitħallsu diversi oħrajn. Dan spiss isir biex tiġi żgurata rata tal-imgħax aktar baxxa, tiġi żgurata rata tal-imgħax fissa jew għall-konvenjenza ta' servizzjar ta' self wieħed biss fl-istess unità domestika. Il-konsolidazzjoni tad-dejn tista' sempliċiment tinvolvi l-konsolidazzjoni ta' numru ta' self mhux garantit f'self mhux garantit ieħor, iżda ħafna drabi tinvolvi self garantit kontra assi li jservi bħala kollateral, l-aktar ta' spiss dar, sabiex tinkiseb rata tal-imgħax aktar baxxa mingħand il-mutwanti.
HB130$x	Ipoteka HMR $x: sena meta ttieħed is-self	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. Data (sena) meta tneħħiet l-ipoteka kurrenti. Fil-każ ta' ipoteka inversa, is-sena meta bdew il-pagamenti lill-unità domestika.
HB140$x	Ipoteka tal-HMR $x: ammont inizjali misluf	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. Ammont totali misluf meta nħarġet l-ipoteka. Fil-każ ta' ipoteka inversa, l-ammont tal-pagament inizjali, jekk kien hemm wieħed. Il-pagament inizjali jista' jkun żero jew l-ammont iffinanzjat mill-ġdid ta' self preċedenti.
HB160$x	Ipoteka tal-HMR $x: tul tas-self fiż-żmien li sar is-self	$x: Ċiklu għal self ta' 2(3) li juża HMR bħala kollateral. Is-snin miftiehma għat-tul tas-self fiż-żmien li ttieħed. Fil-każ ta' ipoteka inversa, in-numru ta' snin li matulhom l-annwalità tas-self hija mistennija li tiġi rċevuta. Jekk l-annwalità tkun għall-ħajja, ma jkun hemm l-ebda terminu.
HB110$x	Ipoteka tal-HMR $x: rifinanzjament/negozjar mill-ġdid tal-ipoteka	$x: Ċiklu għal self ta' 2(3) li juża HMR bħala kollateral. Jindika (Iva/Le) jekk is-self jirrifinanzja jew jissostitwixxi self preċedenti li kellu din il-proprjetà bħala kollateral. *Ir-rifinanzjament tad-dejn (self)* jirreferi għas-sostituzzjoni ta' strument ta' dejn eżistenti (self), inkluż kwalunkwe arretrati, bi strument ta' dejn ġdid (self). Pagamenti arretrati jew obbligi futuri ta' servizz ta' dejn huma "mħallsa" bl-użu ta' obbligu ta' dejn ġdid. Ir-rifinanzjament tas-self jinvolvi l-ħlas ta' self eżistenti bir-rikavat minn self ġdid, normalment tal-istess daqs (iżda jista' jkun ukoll akbar, jekk il-mutwatarju jkollu bżonn aktar flus, jew inqas, jekk jintużaw riżorsi addizzjonali biex jitħallas lura dak preċedenti). Is-sostituzzjoni ta' self tista' tkun mod kif il-mutwatarju jibbenefika minn termini aħjar, possibbilment f'termini ta' rata tal-imgħax aktar baxxa u/jew perijodu itwal ta' ħlas tas-self. *Negozjar mill-ġdid* jirreferi għall-involviment attiv tal-unità domestika fl-aġġustament tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' kuntratt ta' self eżistenti. Dan jinkludi t-tibdil fir-rata tal-maturità jew tal-imgħax, inkluża bidla minn rati fissi għal dawk varjabbli u viċi versa. Jinkludi wkoll self ta' flus addizzjonali. L-estensjonijiet u aġġustamenti oħra tat-termini u l-kundizzjonijiet li jitwettqu awtomatikament, jiġifieri mingħajr ebda involviment attiv tal-unità domestika mhumiex negozjati mill-ġdid. Jekk is-self ikun ipoteka ta' annwalità inversa, kwalunkwe tħaddim mill-ġdid ta' self preċedenti għandu jiġi ttrattat bħala rifinanzjament.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HB170$x	Ipoteka tal-HMR $x: ammont kurrenti pendenti	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. Ammont ta' kapital pendenti ta' self li għadu dovut, eskluż l-imgħax, it-tariffi, eċċ., jiġifieri mhux is-somma ta' pagamenti futuri. Fil-każ ta' ipoteka inversa, l-ammont meħtieġ biex jitħallas lura s-self fid-data kurrenti (jiġifieri mhux is-somma ta' pagamenti futuri).
HB171$x	Ipoteka tal-HMR $x: maturità rimanenti kurrenti	$x: Ċiklu għal self ta' 2(3) li juża HMR bħala kollateral. Il-maturità kurrenti li jifdal tas-self f'numru ta' snin sħaħ. Fil-każ ta' ipoteka inversa, in-numru ta' snin li jifdal li matulhom għandha tiġi irċevuta l-annwalità tal-introjtu. Jekk l-annwalità tkun għall-ħajja, ma jkun hemm l-ebda terminu.
HB180$x	Ipoteka tal-HMR $x: rata tal-imgħax varjabbli	$x: Ċiklu għal self ta' 2(3) li juża HMR bħala kollateral. Jindika (Iva/Le) jekk is-self għandux rata tal-imgħax varjabbli li tista' tvarja matul il-ħajja tal-kuntratt.
HB190$x	Ipoteka tal-HMR $x: ir-rata tal-imgħax kurrenti tal-ipoteka tal-HMR	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. Ir-rata kurrenti (annwali) tal-imgħax imposta fuq is-self. Fil-każ ta' rati tal-imgħax varjabbli, dan jirreferi għar-rata tal-imgħax wara l-aktar bidla reċenti. Jekk l-pajjiżi jgħaddu minn esperjenza ta' diffikultajiet fil-ġbir ta' informazzjoni affidabbli dwar ir-rati tal-imgħax, l-informazzjoni dwar din il-varjabbli tal-output tista' tirreferi biss għal self b'rati tal-imgħax varjabbli (HB180 $x = 1) u għal self b'rata tal-imgħax fissa meħuda jew rifinanzjata inqas minn 3snin ilu (HB180 $x = 2 u HB130 $x = sena kurrenti − 3).
HB200$x	Ipoteka tal-HMR $x: ammont ta' kull xahar ta' ħlas fuq self	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. Ammont fix-xahar attwalment imħallas inkluż l-imgħax u r-ripagament iżda esklużi kwalunkwe pagament għal taxxi, assigurazzjoni jew tariffi oħra. Dan jista' ma jkunx l-ammont miftiehem kuntrattwalment. Fil-każ ta' ipoteka inversa li tipprovdi introjtu, l-ammonti huma negattivi
HB2100	Flus li għadhom dovuti fuq self addizzjonali tal-HMR	Il-bilanċ pendenti totali tas-self li jifdal fuq ir-residenza, mhux kopert mill-ipoteki tal-HMR fiċ-ċiklu ta' HB170$x (ipoteki minn 2 sa 3). Il-bilanċ pendenti jirreferi għall-ammont ta' kapital pendenti ta' self li għadu dovut, eskluż l-imgħax, it-tariffi, eċċ., jiġifieri mhux is-somma ta' pagamenti futuri
HB2200	Ammont ta' pagament fix-xahar li sar fuq self addizzjonali tal-HMR	Ammont fix-xahar attwalment imħallas inkluż l-imgħax u r-ripagament iżda esklużi kwalunkwe pagament għal taxxi, assigurazzjoni jew tariffi oħra. Dan jista' ma jkunx l-ammont miftiehem kuntrattwalment. Fil-każ ta' ipoteka inversa li tipprovdi introjtu, l-ammonti huma negattivi

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HB2300	Ammont fix-xahar imħallas bħala kera	Ammont fix-xahar imħallas bħala kera (esklużi l-utilitajiet, it-tisħin, eċċ. jekk possibbli).
HB2400	Proprjetà tal-unitajiet domestiċi li mhumiex HMR	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex proprjetajiet oħra (għajr HMR) bħal djar, appartamenti, garaxxijiet, uffiċċji, lukandi, bini kummerċjali ieħor, azjendi agrikoli, art, eċċ. Il-proprjetajiet tan-negozju jistgħu jiġu inklużi jekk ikunu kompletament jew parzjalment proprjetà diretta tal-unità domestika. Il-proprjetajiet li huma proprjetà diretta tan-negozju huma esklużi.
HB2410	Numru ta' proprjetajiet għajr l-HMR	Numru ta' proprjetajiet li huma proprjetà, għajr l-HMR Proprjetajiet li huma simili għal xulxin u li huma ġestiti bħala grupp (eż. bini b'diversi appartamenti) jistgħu jingħaddu bħala wieħed.
HB250$x	Proprjetà oħra $x: tip ta' proprjetà	$x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR. Tip ta' proprjetà oħra x proprjetà "Dar jew appartament" tinkludi wkoll maisonettes, vilel, djar imissu ma xulxin (terraced), djar fil-kampanja u chalets "Bini ta' appartamenti" tirreferi għal blokk ta' appartamenti, jiġifieri l-bini kollu
HB260$xv Fejn v = a,b,c	Proprjetà oħra $x: użu a: l-ewwel għażla ta' użu ta' proprjetà b: għażla sekondarja tal-użu tal-proprjetà c: għażla sekondarja tal-użu tal-proprjetà	$x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR. Jiddeskrivi għal xiex l-unità domestika tuża l-proprjetà. Għal kull "proprjetà oħra" sa 3 użi, jiġifieri total ta' 3 varjabbli tal-output (v = a sa c) għal kull proprjetà oħra. L-attivitajiet kummerċjali proprji jinvolvu l-involviment personali fin-negozju. Jekk il-proprjetà tinkera lil negozju li ma jkunx operat jew li jkun proprjetà maġġoritarja ta' membri tal-unità domestika, tapplika "mikrija jew mikrija lil negozju jew persuni barra mill-unità domestika".
HB270$x	Proprjetà oħra $x: % tal-proprjetà li tappartjeni lill-unità domestika	$x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR. Perċentwal tal-valur tal-proprjetà x li tappartjeni għall-unità domestika.
HB280$x	Proprjetà oħra $x: valur kurrenti	$x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR. Valur kurrenti stmat ta' proprjetà x oħra. Jirriferi għall-prezz tal-proprjetà kollha u mhux għas-sehem tal-unità domestika (jekk l-unità domestika jkollha biss sehem wieħed). Jekk il-proprjetà tkun azjenda agrikola, jenħtieġ li din tinkludi l-valur tal-art agrikola u tal-bini. Il-valur tat-tagħmir tal-azjendi agrikoli, l-għelejjel jew il-bhejjem m'għandhomx jiġu inklużi.
HB300$x	Ipoteki jew self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral	$x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR. Jindika (Iva/Le) jekk hemmx xi ipoteki jew self pendenti li jużaw il-proprjetà l-oħra x bħala kollateral.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Jekk l-HMR u proprjetà oħra li tappartjeni lill-unità domestika jintużaw bħala kollateral għall-istess self, is-self jiġi inkluż bħala self kollateralizzat tal-HMR (HB1000) u ma jerġax jiġi rrapportat taħt din il-varjabbli tal-output.
HB301$x	Numru ta' ipoteki jew self li jużaw proprjetà $x bħala kollateral	$x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR. Numru ta' ipoteki jew self fuq proprjetà oħra x.
HB330xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: sena meta sar is-self	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR, $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 Is-sena meta nħarġet l-ipoteka kurrenti. Fil-każ ta' ipoteka inversa, is-sena meta bdew il-pagamenti lill-unità domestika.
HB340xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: ammont inizjali meħud b'self	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr HMR, $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 Ammont totali misluf meta tittieħed l-ipoteka. Fil-każ ta' ipoteki inversi, l-ammont tal-pagament inizjali, jekk kien hemm wieħed. Il-pagament inizjali jista' jkun żero jew jista' jkun l-ammont ta' rifinanzjament ta' self preċedenti.
HB360xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: tul tas-self fiż-żmien li sar is-self	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr HMR, $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 Numru ta' snin miftiehma għat-tul tas-self fiż-żmien li ttieħed. Fil-każ ta' ipoteki ta' annwalità inversa, in-numru ta' snin li l-pagamenti lill-unità domestika huma mistennija.
HB370xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: ammont kurrenti pendenti	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr HMR, $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 Ammont ta' kapital pendenti ta' self li għadu dovut, eskluży l-imgħax, it-tariffi, eċċ., jiġifieri mhux is-somma ta' pagamenti futuri. Fil-każ ta' ipoteka inversa, l-ammont meħtieġ biex jitħallas lura s-self fid-data kurrenti (jiġifieri mhux is-somma ta' pagamenti futuri).
HB371xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: maturità kurrenti rimanenti	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr HMR, $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 Numru ta' snin sakemm is-self jitħallas kollu lura skont il-kundizzjonijiet miftiehma tas-self. Jammonta għal 0 jekk il-maturità li jifdal tkun inqas minn sena. Fil-każ ta' ipoteka inversa, in-numru ta' snin li matulhom l-annwalità tal-introjtu tiġi irċevuta mill-unità domestika, jew "l-ebda terminu", jekk l-annwalità tkun għall-għomor.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HB380xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: rata tal-imgħax varjabbli	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr HMR, $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 Jindika (Iva/Le) jekk is-self għandux rata tal-imgħax varjabbli, jiġifieri l-ftehim tas-self jippermetti li r-rata tal-imgħax tvarja minn żmien għal żmien matul il-ħajja tal-kuntratt.
HB390xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: rata tal-imgħax kurrenti tal-ipoteka	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR, $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 Ir-rata kurrenti (annwali) tal-imgħax imposta fuq is-self. Tirreferi għall-iffissar tar-rata l-aktar reċenti fil-każ ta' self b'rata tal-imgħax varjabbli.
HB400xy	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: ħlas ta' kull xahar fuq self	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 għajr l-HMR, $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 Ammont fix-xahar attwalment imħallas inkluż l-imgħax u r-ripagament iżda eskluż kwalunkwe pagament għal taxxi, assigurazzjoni jew tariffi oħra. Dan jista' ma jkunx l-ammont miftiehem kuntrattwalment. Fil-każ ta' ipoteka inversa li tipprovdi introjtu, l-ammonti huma negattivi
HB2900	Karatteristiċi addizzjonali valur kurrenti	Il-valur kurrenti tal-proprjetà, jiġifieri l-prezz stmat tal-proprjetà. Jekk il-proprjetà tkun proprjetà parzjali biss, il-valur stmat tal-parti li tkun proprjetà tagħha.
HB4099	Self ieħor fuq proprjetajiet oħra	Jindika (Iva/Le) jekk hemmx xi ipoteki jew self pendenti oħrajn li jużaw xi proprjetajiet bħala kollateral li mhumiex inklużi xi mkien ieħor.
HB4105	Flus li għadhom dovuti fuq self addizzjonali tal-proprjetà	Ammont li għadu dovut fuq is-self l-ieħor kollu (total), meta jkun jeżisti "self ieħor fuq proprjetajiet oħrajn" (HB4099). Il-bilanċ pendenti jirreferi għall-ammont ta' kapital pendenti ta' self li għadu dovut, esklużi l-imgħax, it-tariffi, eċċ., jiġifieri mhux is-somma ta' pagamenti futuri
HB4205	Pagament ta' kull xahar fuq self addizzjonali ta' proprjetà oħra	Pagament ta' kull xahar fuq is-self l-ieħor kollu (total), meta jkun jeżisti "self ieħor fuq proprjetajiet oħra" (HB4099). Il-pagament ta' kull xahar jenħtieġ li jinkludi l-imgħax u r-ripagament u jeskludi kwalunkwe pagament meħtieġ għat-taxxi, għall-assigurazzjoni jew għal tariffi oħra. Jekk il-pagament ta' kull xahar tas-self ikun inbidel maż-żmien matul il-perijodu tas-self, huwa l-ammont kurrenti mħallas li għandu jiġi kkodifikat f'dan il-varjabbli tal-output.
HB4300	Is-sjieda tal-karozzi	Karozzi li huma proprjetà tal-unità domestika. Tinkludi vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali jekk ikunu kompletament jew parzjalment proprjetà diretta tal-unità domestika. Il-vetturi li huma proprjetà diretta tan-negozju mhumiex inklużi. Il-karozzi mikrija huma esklużi.
HB4310	Numru ta' karrozzi	In numru ta' karozzi li huma proprjetà tal-unità domestika.
HB4400	Valur totali tal-karozzi	Il-valur kurrenti tal-karozzi, jiġifieri l-prezz tal-bejgħ stmat.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HB4500	Sjieda ta' vetturi oħra	Jindika (Iva/Le) jekk id-dar għandhiex xi vettura oħra, minbarra l-karozzi. Dawn jistgħu jinkludu roti, skuters, muturi, trakkijiet, vannijiet, ajruplani, dgħajjes jew jottijiet, trejlers, kampers, karavannijiet, eċċ. Tinkludi vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali jekk ikunu kompletament jew parzjalment proprjetà diretta tal-unità domestika. Il-vetturi li huma proprjetà diretta tan-negozju mhumiex inklużi. Il-vetturi mikrija huma esklużi.
HB4600	Valur totali ta' vetturi oħra	Il-valur kurrenti tal-vetturi l-oħra, jiġifieri l-valur stmat tal-bejgħ.
HB4700	Sjieda ta' oġġetti oħra ta' valur	Oġġetti oħra ta' valur (bħal ġojjellerija, xogħlijiet tal-arti, antikitajiet, eċċ.) li jkunu proprjetà tal-unità domestika.
HB4710	Valur ta' oġġetti oħra ta' valur	Il-valur kurrenti tal-oġġetti l-oħra ta' valur, jiġifieri l-valur stmat tal-bejgħ.
HB4800	Xiri ta' vetturi	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika xtratx xi vettura (eż. karozzi, trakkijiet, muturi) f'dawn l-aħħar 12-il xahar.
HB4810	Il-prezz tal-vetturi mixtrija	Ammont totali f'EUR, li l-unità domestika ħallset għall-vetturi mixtrija fl-aħħar 12-il xahar, nett minn kwalunkwe ammont irċevut mill-bejgħ jew min-negozjar fi kwalunkwe vettura.

SUĠĠETT: OBBLIGAZZJONIJIET/RESTRIZZJONIJIET TA' KREDITU OĦRAJN

HC0100	Unità domestika għandha kuntratt ta' lokazzjoni	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex xi kuntratt ta' lokazzjoni (eż. fuq karozza, eċċ.). Lokazzjonijiet finanzjarji huma ddefiniti għall-finijiet statistiċi bħala kuntratti fejn is-sid legali ta' beni li jservi (iktar 'il quddiem il-"lokatur") jisilfu lil parti terza (iktar 'il quddiem "il-kerrej") għall-biċċa l-kbira jekk mhux għall-ħajja kollha ekonomika tal-beni, bi skambju għal ħlasijiet bin-nifs li jkopru l-ispejjeż tal-beni magħduda ma' ħlas tal-interessi imputat. Il-kerrej huwa fil-fatt stmat li jirċievi l-benefiċċji kollha li joħorġu mill-użu tal-beni u li jġarrab l-ispejjeż u r-riskji assoċjati mal-proprjetà.
HC0110	Ħlasijiet ta' kull xahar għall-kiri	Ammont totali ta' pagamenti ta' lokazzjoni fix-xahar. Kwalunkwe kera mħallsa fuq ir-residenza domestika hija esklużа.
HC0200	L-unità domestika għandha linja ta' kreditu jew overdraft	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex linja ta' kreditu jew kont b'faċilità ta' overdraft ma' istituzzjoni finanzjarja. *Linja ta' kreditu* hija ftehim bejn mutwanti (bank) u mutwatarju (unità domestika) li jippermetti lill-mutwatarju jieħu pagamenti bil-quddiem, matul perijodu definit u sa ċertu limitu u jħallas lura l-avvanzi fid-diskrezzjoni tal-mutwatarju qabel data definita. *Overdrafts ta' kont* bankarju s huma bilanċi ta' debitu fuq kontijiet bankarji li jippermettu lill-mutwatarju (unità domestika) li jiġbed aktar fondi mill-bilanċ disponibbli.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Unità domestika jkollha overdraft jekk iżżomm bilanċ negattiv fuq mill-inqas wieħed mill-kontijiet bankarji tagħha. L-imgħax jiġi impost fuq l-ammont dovut. Il-kontijiet bankarji m'għandhomx neċessarjament ikunu kontijiet kurrenti. Il-bilanċi negattivi għandhom jiġu rrapportati bħala dejn fil-varjabbli tal-output HC0200 u HC0210 (it-tnejn fil-każ ta' faċilità ta' overdraft standard miftiehma mal-bank jew overdraft mhux awtorizzat). Il-karti ta' kreditu huma esklużi.
HC0210	L-unità domestika għandha linja ta' kreditu/bilanċ ta' overdraft pendenti	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex xi bilanċ pendenti fuq kwalunkwe linja ta' kreditu u/jew overdraft ta' kont bankarju.
HC0220	Ammont ta' linja ta' kreditu pendenti/bilanċ ta' overdraft	Ammont totali ta' linja ta' kreditu pendenti/bilanċ ta' overdraft.
HC0300	L-unità domestika għandha karta ta' kreditu	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex karta ta' kreditu. Karti ta' kreditu jirreferu għal karti b'funzjoni ta' kreditu. Il-kreditu mogħti permezz ta' karti ta' kreditu jinkludi kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż irreġistrat fuq kontijiet tal-karti ddedikati u mhux fuq kontijiet kurrenti jew ta' overdraft. Kreditu ta' konvenjenza huwa l-kreditu mogħti b'imgħax ta' 0 % fil-perijodu bejn l-użu tal-karta u d-data ta' fatturazzjoni rilevanti. Kreditu estiż huwa l-ammont ta' kreditu ta' konvenjenza li jibqa' pendenti fil-kont wara d-data ta' fatturazzjoni rilevanti li fiha normalment jintalab l-imgħax. Kreditu estiż tipikament kien jeħtieġ pagamenti minimi fix-xahar sabiex isiru ħlasijiet lura sħaħ jew parzjali. Kards tal-ħwienet huma kards ta' kreditu maħruġa minn kumpanija/ħanut wieħed, li jistgħu jintużaw biss għal pagamenti lil dik il-kumpanija/ħanut. Il-karti ta' kreditu mħallsa minn impjegaturi huma esklużi. Il-karti ta' debitu, fejn il-flus minfuqa jitnaqqsu immedjatament mill-kont bankarju, huma esklużi.
HC0310	L-unità domestika għandha bilanċ pendenti fuq il-karti ta' kreditu	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex xi bilanċ pendenti fuq il-karti tal-kreditu li għalihom qed jiġu ċċarġjati l-imgħax (jiġifieri kreditu estiż).
HC0320	Ammont ta' bilanċ pendenti tal-karti ta' kreditu	L-ammont totali tal-bilanċ tal-karta ta' kreditu pendenti (jiġifieri kreditu estiż).
HC0330	Għandha self privat	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex xi self privat, eż. minn qraba jew ħbieb, li huma mistennija li jitħallsu lura.
HC0340	Numru ta' self privat	Numru ta' self privat (li huwa mistenni li jitħallas lura) li għandha l-unità domestika.
HC036$x	Self privat $x: ammont pendenti	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 self privat. Il-bilanċ pendenti totali tas-self privat x, jiġifieri l-ammont li l-unità domestika hija mistennija tħallas lura għal self privat x.
HC0370	Self privat addizzjonali – ammont pendenti	L-ammont pendenti totali tas-self privat li jifdal, mhux kopert mis-self privat fiċ-ċiklu ta' HC036 $x.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HC0400	Għandu kwalunkwe self mhux kollateralizzat	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex xi self ieħor mhux kollateralizzat (mhux inkluż fil-varjabbli tal-output preċedenti). Jinkludi: — self tal-konsumatur/personali/ta' ħlas bin-nifs: self fejn ammont fiss ta' flus jissellef u solitament għandu jitħallas lura f'rati fissi matul perijodu fiss (it-terminu) Ir-rata tal-imgħax tista' tkun fissa jew varjabbli, — self ieħor minn bank jew istituzzjoni ta' kreditu (eż. għall-finanzjament ta' negozju), — self minn unjonijiet ta' kreditu, — self minn mutwanti oħra ta' flus: ġeneralment self għal perijodu ta' żmien qasir li jkollu jitħallas lura fi żmien sitt xhur jew sena. Normalment miġbura kull ġimgħa b'rata tal-imgħax ogħla (meta mqabbla mal-kreditu bankarju), — self lill-istudenti minn bank jew mill-gvern. Dan jeskludi: — kontijiet li ilhom li skadew inqas minn 30 jum.
HC0410	Numru ta' self mhux kollateralizzat	Numru ta' self mhux kollateralizzat li għandha l-unità domestika.
HC060$x	Self mhux kollateralizzat $x: ammont mhux kollateralizzat $x:	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 self mhux kollateralizzat. Ammont inizjali misluf fiż-żmien meta ngħata s-self.
HC070$x	Self mhux kollateralizzat $x: it-tul inizjali tas-self	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 self mhux kollateralizzat. Numru ta' snin miftiehma għall-ħlas lura fiż-żmien meta ngħata s-self.
HC080$x	Self mhux kollateralizzat $x: bilanċ tas-self pendenti	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 self mhux kollateralizzat. L-ammont totali tal-bilanċ pendenti fuq is-self mhux kollateralizzat x.
HC090$x	Self mhux kollateralizzat $x: rata tal-interessi kurrenti tas-self	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 self mhux kollateralizzat. Ir-rata kurrenti (annwali) tal-imgħax imposta fuq is-self.
HC100$x	Self mhux kollateralizzat $x: ħlas ta' kull xahar fuq self	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 self mhux kollateralizzat. Ammont fix-xahar imħallas inkluż l-imgħax u r-ripagament iżda eskluż kwalunkwe pagament għal taxxi, assigurazzjoni jew tariffi oħra.
HC1100	Ammont totali dovut għal self addizzjonali mhux kollateralizzat	Bilanċ pendenti totali ta' self addizzjonali mhux kollateralizzat, mhux kopert mis-self mhux kollateralizzat fiċ-ċiklu ta' HC080$x.
HC1200	Pagament ta' kull xahar fuq self addizzjonali mhux kollateralizzat	Ammont fix-xahar imħallas fuq self addizzjonali mhux kollateralizzat inkluż imgħax u ripagament iżda eskluż kwalunkwe pagament għal taxxi, assigurazzjoni jew tariffi oħra.
HC1250	Ħlasijiet tard jew mhux magħmulin fuq self	Jindika jekk is-self jew il-pagamenti ipotekarji kollha dovuti fl-aħħar 12-il xahar sarux kif skedat jew saru aktar tard jew le. Tkopri biss self u ipoteki ma' istituzzjonijiet finanzjarji.
HC1270	Kwalunkwe pagament arretrat b'aktar minn 90 jum	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika qatt skadietx (minħabba diffikultajiet finanzjarji) b'90 jum jew aktar dwar kwalunkwe wieħed mill-pagamenti fuq self u/jew ipoteki dovuti fl-aħħar 12-il xahar.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HC1300	Applika għal self/kreditu fl-aħħar tliet snin	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika applikatx għal self jew kreditu ieħor fl-aħħar 3 snin.
HC1310a	Ma ngħatax kreditu fl-aħħar tliet snin	Jindika jekk fl-aħħar 3 snin, l-unità domestika ġietx miċħuda kwalunkwe kreditu li applikat għalih jew li ma ngħatax kreditu daqs kemm applikat għalih.
HC1320	Applikazzjoni mill-ġdid għal kreditu	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika setgħetx aktar tard tikseb l-ammont mitlub billi tapplika mill-ġdid għall-istess istituzzjoni jew xi mkien ieħor.
HC1400	Nuqqas ta' applikazzjoni għal kreditu minħabba limitazzjonijiet ta' kreditu perċepiti	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika kinitx qed tikkunsidra li tapplika għal self/kreditu fl-aħħar 3 snin, iżda ddeċidiet li ma tagħmilx dan, u taħseb li l-applikazzjoni tiġi miċħuda.
SUĠĠETT: NEGOZJI PRIVATI U ASSI FINANZJARJI		
HD0200	Investimenti f'negozji ta' min jaħdem għal rasu mhux innegozjati bi rwol attiv	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika hijiex is-sid ta' negozju kollu jew parti minnu li mhuwiex innegozjat pubblikament u fejn għandha rwol attiv fit-tmexxija tan-negozju. Dan jinkludi negozju ta' min jaħdem għal rasu mmexxi bħala sjieda unika, bħala professjonist indipendenti jew fi sħubija u parteċipazzjoni attiva fit-tmexxija ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata. Negozji mhux innegozjati pubblikament huma dawk li l-ishma tagħhom mhumiex innegozjati pubblikament, jiġifieri li l-ishma tagħhom mhumiex ikkwotati fil-borża jew forma oħra ta' suq sekondarju fejn jistgħu jinxtraw u jinbiegħu.
HD0210	Numru ta' negozji ta' min jaħdem għal rasu	Numru ta' negozji li jappartjenu kompletament jew parzjalment lill-unità domestika. Negozji legalment separati li huma ġestiti bħala negozju wieħed jistgħu jiġu ttrattati bħala negozju wieħed.
HD0301	Negozju ta' min jaħdem għal rasu: NACE	L-attività ewlenija tan-negozju ewlieni ta' min jaħdem għal rasu kkodifikat skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Rev. 2 (2008), l-ewwel livell.
HD040$x	Negozju ta' min jaħdem għal rasu $x: il-forma ġuridika tan-negozju	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 negozji ta' min jaħdem għal rasu. Forma ġuridika ta' negozju x. Il-forom legali li ġejjin jistgħu jinstabu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri: — *sjieda unika*: intrapriża li tkun proprjetà esklussiva ta' persuna fiżika waħda, — *soċjetà* assoċjazzjoni ta' persuni li jwettqu negozju taħt isem kollettiv. Tista' tieħu l-forma ta' soċjetà limitata, — *kumpanniji b'responsabbiltà limitata* Intrapriżi li jinkludu kumpanniji b'ishma konġunti, soċjetajiet b'responsabbiltà limitata b'kapital azzjonarju u kumpanniji privati b'responsabbiltà limitata. Regoli armonizzati fuq livell Ewropew li jirregolaw il-pubblikazzjoni tal-kontijiet għal dawn it-tipi ta' kumpanniji huma stabbiliti bid-Direttiva 2013/34/UE ([1]), — *soċjetajiet kooperattivi* Dawn huma korpi stabbiliti bil-liġi f'kull pajjiż. Huma josservaw numru ta' prinċipji ġenerali, pereżempju jistgħu jkunu intitolati biss li jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-membri, il-profitti spiss jitqassmu fi proporzjon man-negozjati tal-membri mas-soċjetà, eċċ. — *korpi mingħajr skop ta' qligħ*

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		— *intrapriżi b'forom oħra ta' kostituzzjoni legali*: dan il-grupp jinkludi industriji nazzjonalizzati, intrapriżi pubbliċi u monopolji tal-istat jew tal-awtoritajiet lokali It-terminu *Inkorporat* jintuża biex jirreferi għal korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet ikkostitwiti legalment. Korporazzjoni kostitwita legalment hija entità ġuridika, maħluqa bl-għan li tipproduċi oġġetti jew servizzi għas-suq, li tista' tkun sors ta' profitt jew qligħ finanzjarju ieħor għas-sid(ien) tagħha. Hija proprjetà tal-azzjonisti. L-eżistenza, l-isem u l-indirizz ta' korporazzjoni normalment jiġu rreġistrati f'reġistru speċjali miżmum għal dan l-għan. Xi intrapriżi mhux inkorporati jiffunzjonaw fl-aspetti kollha (jew kważi kollha) daqslikieku kienu inkorporati (kważi korporazzjonijiet fl-SNA). kważi korporazzjoni hija intrapriża mhux inkorporata li għandha biżżejjed informazzjoni biex tiġbor sett sħiħ ta' kontijiet u hija operata bħallikieku kienet korporazzjoni separata u li r-relazzjoni de facto tagħha mas-sid tagħha hija dik ta' korporazzjoni mal-azzjonisti tagħha (SNA 2008).
HD050$x_B	Negozju ta' min jaħdem għal rasu $x: numru ta' impjegati fil-parentesi	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 negozju ta' min jaħdem għal rasu. Numru ta' persuni li jaħdmu fin-negozju, inklużi l-membri tal-unità domestika (f'3 parentesi)
HD061$x	Negozju ta' min jaħdem għal rasu $x: numru ta' membri tal-unità domestika li jaħdmu fin-negozju	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 negozju ta' min jaħdem għal rasu. Numru ta' persuni li jaħdmu fin-negozju li jappartjenu għall-unità domestika (minimu wieħed).
HD070$x	Negozju ta' min jaħdem għal rasu $x: % tas-sjieda tal-unitajiet domestiċi	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 negozju ta' min jaħdem għal rasu. Perċentwal ta' negozju li huwa proprjetà tal-unità domestika.
HD080$x	Negozju ta' min jaħdem għal rasu $x: il-valur tan-negozju	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 negozju ta' min jaħdem għal rasu. Il-valur nett tas-sehem tal-unità domestika tan-negozju, jiġifieri l-prezz li għalih jista' jinbiegħ in-negozju, filwaqt li jitqiesu l-assi kollha assoċjati man-negozju u jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet kollha. In-negozju huwa azjenda agrikola, għandu jiġi inkluż il-valur tat-tagħmir tal-azjenda agrikola, l-għelejjel jew il-bhejjem. Dan għandu jeskludi kwalunkwe assi u djun marbuta ma' dan in-negozju rreġistrati xi mkien ieħor. Il-valur tan-negozju ma għandu jinkludi l-ebda waħda mill-proprjetajiet irrapportati fil-varjabbli tal-output HB260$xv (Proprjetà oħra $x: użu) u HB280$x (Proprjetà oħra $x: valur kurrenti)
HD0900	Valur ta' negozji addizzjonali ta' min jaħdem għal rasu	Il-valur nett tas-sehem tal-unità domestika tan-negozji li jifdal mhux irreġistrat xi mkien ieħor, jiġifieri l-prezz li għalih jista' jinbiegħ in-negozji, filwaqt li jitqiesu l-assi kollha assoċjati man-negozji u jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet kollha. Jekk in-negozju huwa azjenda agrikola, għandu jiġi inkluż il-valur tat-tagħmir tal-azjenda agrikola, l-għelejjel jew il-bhejjem.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HD1000	Ishma mhux innegozjati bi rwol passiv	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex xi negozju li mhuwiex innegozjat pubblikament u fejn taġixxi biss bħala investitur jew sieħeb sieket. Negozji mhux innegozjati pubblikament huma negozji li l-ishma tagħhom mhumiex innegozjati pubblikament, jiġifieri l-ishma mhumiex ikkwotati f'borża jew forma oħra ta' suq sekondarju fejn jistgħu jinxtraw u jinbiegħu.
HD1010	Il-valur ta' dawk li ma jaħdmux għal rashom u li mhumiex innegozjati pubblikament	Il-valur tas-sehem tal-unità domestika tan-negozju ta' min ma jaħdimx għal rasu li ma jkunx innegozjat pubblikament u fejn l-unità domestika taġixxi biss bħala investitur jew sieħeb sieket.
HD1100	L-unità domestika għandha kontijiet mhux fissi	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex kontijiet mhux fissi. Kontijiet mhux fissi jikkorrispondu għal "depożiti trasferibbli" fil-kategorija "depożiti ta' matul il-lejl" fir-Regolament (UE) 2021/379 (BĊE/2021/2). Depożiti trasferibbli huma depożiti li huma trasferibbli direttament fuq talba biex jagħmlu ħlasijiet lil aġenti ekonomiċi oħra permezz ta' mezzi ta' ħlas użati normalment, bħal trasferiment ta' kreditu u debitu dirett, possibbilment ukoll permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu, tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi, ċekkijiet, jew mezzi simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali. Il-kontijiet mhux fissi jinkludu d-depożiti kollha (normalment f'bank), li fuqhom id-detentur tal-kont jitħalla jagħmel ġbid ta' kuljum (eż. mill-counter tal-bank jew mill-magni tal-ATM) u jagħmel trasferimenti bl-għan li jagħmel pagamenti lil terzi persuni jew oħrajn, jew trasferimenti għal kontijiet oħra.
HD1110	Valur ta' kontijiet mhux fissi	Ammont totali f'EUR miżmum mill-unità domestika fil-kontijiet mhux fissi. Jikkorrispondi għas-somma tal-bilanċi tal-kont pożittiv. Jekk il-bilanċ tal-kont ikun negattiv, żero għandu jiġi rrapportat fuq in-naħa tal-assi f'HD1110. Bilanċi negattivi tal-kontijiet għandhom jiġu rrapportati bħala overdrafts f'HC0210.
HD1200	L-unità domestika għandha kontijiet ta' tfaddil	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex kontijiet ta' tfaddil. Kontijiet ta' tfaddil jirreferu għal depożiti ta' tfaddil u depożiti ta' żmien. Depożiti ta' tfaddil jikkorrispondu għal "Depożiti li jinfdew b'avviż" u "depożiti mhux trasferibbli mil-lum għall-għada" kif definiti fir-Regolament (UE) 2021/379 (BĊE/2021/2). Depożiti li jinfdew b'avviż huma depożiti li mhumiex trasferibbli mingħajr ebda maturità miftiehma li ma jistgħux jiġu kkonvertiti f'munita mingħajr perijodu ta' avviż minn qabel; il-konverżjoni f'munita ma tkunx possibbli qabel l-iskadenza jew tkun possibbli biss b'penali. Depożiti ta' matul il-lejl mhux trasferibbli huma dawk id-depożiti ta' matul il-lejl li mhumiex direttament trasferibbli fuq talba biex isiru pagamenti.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Id-depożiti ta' żmien jikkorrispondu għal "Depożiti b'maturità miftiehma" fir-Regolament (UE) 2021/379 (BĊE/2021/2). Huma depożiti mhux trasferibbli li ma jistgħux jiġu kkonvertiti f'munita qabel terminu fiss miftiehem jew li jistgħu jiġu kkonvertiti biss f'munita qabel dak it-terminu miftiehem sakemm id-detentur ikollu jħallas xi tip ta' penali.
HD1210	Valur tal-kontijiet tat-tfaddil	Ammont totali f'EUR miżmum mill-unità domestika fil-kontijiet tat-tfaddil. Jikkorrispondi għas-somma tal-bilanċi tal-kont pożittiv. Jekk il-bilanċ tal-kont ikun negattiv, żero għandu jiġi rrapportat fuq in-naħa tal-assi f'HD1210. Bilanċi negattivi tal-kontijiet għandhom jiġu rrapportati bħala overdrafts f'HC0210.
HD1300	L-unità domestika għandha ishma/unitajiet ta' fondi mutwi	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex ishma/unitajiet ta' fondi mutwi. Ishma/unitajiet ta' fondi mutwi huma ishma/unitajiet maħruġa minn fondi mutwi. Il-fondi mutwi jirreferu għal fondi tas-suq monetarju (MMFs) definiti aktar fir-Regolament (UE) /2013/38 (BĊE/2021/2) u fondi ta' investiment mhux MMF (non-MMFs) definiti aktar fir-Regolament (UE) 2024/1988 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/17) ([2]). Il-fondi mutwi huma impriżi ta' investiment kollettiv li jinvestu f'assi finanzjarji u/jew mhux finanzjarji, sal-punt li l-objettiv ikun li jiġi investit kapital miġbur mill-pubbliku. Il-fondi mutwi jiġbru l-flus mill-investituri u jinvestu dawn il-flus f'eż. stokks, bonds, strumenti tas-suq monetarju għal żmien qasir, proprjetà immobbli, fondi mutwi oħra.
HD1310v Fejn v = a,b,c,d,e,f	Tipi ta' fondi mutwi Fond li b'mod predominanti jinvesti f' a: ekwità b: bonds c: strumenti tas-suq monetarju; d: immobbli e: fondi ħeġġ f: oħrajn	Tipi ta' fondi mutwi li l-unità domestika tippossjedi. Jekk il-fond ikun fond ħeġġ, dan għandu jiġi rreġistrat taħt fondi ħeġġ elettroniċi, irrispettivament mill-politika ta' investiment tal-fond. "B'mod predominanti" tirreferi għall-ogħla perċentwal.
HD1320v Fejn v = a,b,c,d,e,f	Il-valur tas-suq tal-fondi mutwi — portafoll Fond li b'mod predominanti jinvesti f' a: ekwità b: bonds c: strumenti tas-suq monetarju; d: immobbli e: fondi ħeġġ f: oħrajn	Il-valur tas-suq kurrenti tal-investimenti tal-unità domestika f'kull tip ta' fond.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HD1330	Il-valur tas-suq tal-fondi mutwi – il-fondi kollha flimkien	Il-valur tas-suq totali f'EUR ta' ishma/unitajiet ta' fondi mutwi miżmuma mill-unità domestika.
HD1400	L-unitajiet domestiċi huma sidien ta' bonds	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex bonds. Bonds jikkorrispondu għal "Titoli ta' dejn" fir-Regolament (UE) 2021/379 (BĊE/2021/2). Titoli ta' dejn huma ddefiniti bħala strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn li normalment jiġu nnegozjati fis-swieq sekondarji; jew jistgħu jiġu paċuti fis-suq u li ma jagħtu ebda tip ta' dritt ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ lid-detentur. Din tinkludi l-pussess ta' titoli li jagħtu lill-pussessur, id-dritt mingħajr kundizzjoni għal dħul fiss jew stabbilit taħt kuntratt fil-forma ta' pagamenti ta' ċedoli u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'ċerta data jew dati jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ.
HD1420	Il-valur tas-suq tal-bonds	Il-valur tas-suq totali f'EUR ta' bonds miżmuma mill-unità domestika.
HD1500	Unità domestika tippossjedi ishma nnegozjati pubblikament	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex ishma nnegozjati pubblikament. Ishma nnegozjati pubblikament jikkorrispondu għal "Ishma ikkwotati" fi ħdan "ekwità" fir-Regolament (UE) 2021/379 (BĊE/2021/2). L-ekwità tirrappreżenta drittijiet ta' proprjetà fuq korporazzjonijiet jew kważi korporazzjonijiet; hija pretensjoni fuq il-valur residwu wara li l-pretensjonijiet tal-krediturи kollha jkunu ġew issodisfati. L-ishma kkwotati huma titoli tal-ekwità kkwotati fuq borża. Din il-borża tista' tkun borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma kkwotati huma wkoll imsejħin ishma kkwotati fil-borża. L-eżistenza ta' prezzijiet ikkwotati ta' ishma elenkati f'borża tfisser li l-prezzijiet kurrenti tas-suq normalment ikunu faċilment disponibbli.
HD1510	Valur tal-ishma nnegozjati pubblikament	Il-valur tas-suq totali f'EUR ta' ishma nnegozjati pubblikament miżmuma mill-unità domestika.
HD1600	Kontijiet ġestiti mill-unitajiet domestiċi	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex kontijiet ta' tfaddil ġestiti. Il-kontijiet ġestiti huma kontijiet li huma proprjetà tal-unità domestika iżda ġestiti b'tariffa minn maniġer tal-kont professjonali, jiġifieri l-maniġer tal-kont jieħu deċiżjonijiet dwar l-investimenti f'isem l-investitur. Dan ma jinkludix pensjonijiet jew kuntratti tal-assigurazzjoni.
HD1610	Kontijiet ġestiti – assi mhux diġà rreġistrati	Jindika (Iva/Le) jekk il-kontijiet ġestiti indikati mill-unità domestika taħt HD1600 jinkludu xi assi li kienu għadhom ma ġewx irreġistrati fil-varjabbli tal-output preċedenti.
HD1620	Valur ta' assi addizzjonali f'kontijiet ġestiti	Valur totali f'EUR ta' kwalunkwe assi addizzjonali f'kontijiet ġestiti mhux irreġistrati f'varjabbli tal-output preċedenti.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HD1700	Hemm min għandu jagħti flus lill-unità domestika	Jindika (Iva/Le) jekk xi ħadd għandux iħallas flus lill-unità domestika li huwa mistenni li jitħallas lura f'xi punt fil-futur. Dan jista' jinkludi self lil ħbieb jew qraba, self privat ieħor, depożiti ta' kera jew kwalunkwe self ieħor bħal dan mhux irreġistrat xi mkien ieħor.
HD1710	Ammont dovut lill-unità domestika	Ammont totali dovut lill-unità domestika (ara HD1700).
HD1900	Kwalunkwe assi finanzjarji oħrajn	Assi finanzjarji oħrajn mhux irreġistrati xi mkien ieħor. Dan jista' jinkludi pereżempju assi bħal opzjonijiet, futuri, ċertifikati tal-indiċi, kriptoassi, metalli prezzjużi, kirjiet taż-żejt u tal-gass, rikavat futur minn kawża jew proprjetà li tkun qed tiġi saldata, royalties. Il-ġojjellerija mhijiex inkluża f'din il-varjabbli tal-output peress li hija inkluża fil-varjabbli tal-output HB4700 ("Sjieda ta' oġġetti ta' valur oħrajn"). Id-drittijiet tal-pensjoni u l-kuntratti tal-assigurazzjoni mhumiex inklużi peress li huma koperti minn varjabbli tal-output dwar "Pensjonijiet u poloz tal-assigurazzjoni".
HD1920	Valur tal-assi l-oħrajn	Valur totali tal-assi finanzjarji l-oħrajn mhux irreġistrati x'imkien ieħor (ara HD1900).
HD1800	Attitudnijiet ta' investiment	Jiddeskrivi l-ammont ta' riskju finanzjarju li l-unità domestika hija lesta li tieħu meta tfaddal jew tinvesti.
SUĠĠETT: IMPJIEG		
PE0100v Fejn v = a,b,c,d	L-istatus tax-xogħol a: l-ewwel għażla tal-istatus tax-xogħol b: għażla sekondarja tal-istatus tax-xogħol c: għażla sekondarja tal-istatus tax-xogħol d: għażla sekondarja tal-istatus tax-xogħol	L-istatus tax-xogħol tal-membru tal-unità domestika, li jibda bl-istatus tax-xogħol l-aktar importanti (a), segwit minn kwalunkwe status tax-xogħol ieħor (b-d). Il-varjabbli tal-output jirreferi għall-perċezzjoni proprja ta' persuna tal-istatus tal-attività ewlenija kurrenti tagħha. L-istatus ewlieni jirreferi għas-sitwazzjoni kurrenti (is-sitwazzjoni fiż-żmien tal-ġbir/l-intervista tad-data). Minn dan isegwi li kwalunkwe bidla definittiva fis-sitwazzjoni tal-attività tiġi kkunsidrata. Pereżempju, jekk persuna tkun tilfet impjieg jew tkun irtirat reċentement, jew l-istatus ta' attività jkun inbidel mod ieħor b'mod definittiv, tiġi rrapportata s-sitwazzjoni fiż-żmien tal-intervista. L-istatus ta' attività ewlenija awtodikjarat huwa, fil-prinċipju, iddeterminat fuq il-bażi tal-biċċa l-kbira tal-ħin imqatta', iżda l-ebda kriterju mhuwa speċifikat b'mod espliċitu. F'każ li dawk li wieġbu jeżitaw bejn it-tweġibiet "b'diżabbiltà permanenti" u "irtirat", il-kodiċi "irtirat" għandu jintuża għal persuni li jkunu laħqu l-età legali tal-irtirar l-aktar frekwenti jew dik fl-okkupazzjoni preċedenti tagħhom. Il-kategorija "fuq liv minħabba mard/maternità/liv ieħor (ħlief vaganzi), li tippjana li terġa' lura għax-xogħol" tapplika għal sitwazzjonijiet fejn dak li jwieġeb ikollu kuntratti ta' impjieg eżistenti/attività ta' impjieg indipendenti li minnhom ikun assenti temporanjament biss minħabba mard, perijodu ta' liv tal-maternità jew raġunijiet tranżitorji oħra u j/tistenna li j/terġa' lura għal dak l-impjieg. Dawn il-persuni jitqiesu bħala impjegati u għalhekk fatturi varjabbli ewlenin oħra tal-output dwar l-impjieg huma applikabbli għalihom ukoll. Il-kategorija "servizz militari obbligatorju jew servizz soċjali ekwivalenti" ma tistax tapplika fil-pajjiżi kollha u tista' titħalla barra f'dan il-każ. Ħaddiema tal-familja mhux imħallsa jaqgħu taħt il-kategorija 1 "Jagħmlu xogħol regolari bi ħlas/jaħdmu għal rashom/jaħdmu fil-familja".

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
PE0200	Status fl-impjieg	L-impjieg ewlieni kurrenti għal persuna f'impjieg. Il-varjabbli tal-output hija bbażata fuq il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Istatus fl-Impjieg (ICSE-93). Jekk jinżammu jew inżammu diversi impjiegi, l-impjieg ewlieni jirreferi għal dak bl-akbar numru ta' siegħat maħduma normalment. *Impjegat:* persuna li taħdem għal impjegatur pubbliku jew privat abbażi ta' kuntratt bil-miktub jew orali u li tirċievi pagament fi flus kontanti jew in natura. Membri mhux bil-lieva tal-forzi armati huma inklużi wkoll. Impjegat normalment jaħdem għal impjegatur estern. Dawn li ġejjin huma inklużi wkoll taħt "impjegat": — membru tal-familja (iben jew bint, pereżempju), li qed jaħdem fid-ditta tal-familja u jirċievi paga regolari, — persuna li tieħu ħsieb it-tfal ta' ħaddieħor f'darha stess jekk titħallas biex tagħmel dan mill-awtorità lokali (jew kwalunkwe amministrazzjoni pubblika oħra) u jekk ma tieħu l-ebda deċiżjoni li taffettwa lill-intrapriża (eż. skedi jew numru ta' tfal). persuna li tagħmel dan privatament għandha tiġi kklassifikata bħala persuna li taħdem għal rasha, — apprendisti, jew apprendisti li jirċievu r-rinumerazzjoni, — qassisin (ta' kwalunkwe tip ta' reliġjon). *Persuni li jaħdmu għal rashom b'impjegati*: persuna li taħdem fin-negozju, fil-prattika professjonali jew fir-razzett tagħha stess bl-għan li taqla' profitt li ġej mill-oġġetti jew mis-servizzi prodotti, u li timpjega mill-inqas persuna waħda oħra. Jekk persuna li taħdem fin-negozju, il-prattika professjonali jew l-azjenda agrikola ma titħallasx allura huma għandhom jitqiesu bħala persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati. *Persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati*: persuna li taħdem fin-negozju, fil-prattika professjonali jew fir-razzett tagħha stess bl-għan li taqla' profitt li ġej mill-oġġetti jew mis-servizzi prodotti, u li ma jimpjegaw l-ebda persuna oħra. Persuni li jimpjegaw biss membri tal-familja tagħhom stess jew apprendisti li ma jitħallsux għandhom jiġu kklassifikati f'din il-kategorija. Dan jinkludi l-bdiewa li jużaw biss l-assistenza tal-membri tal-familja. Dawn li ġejjin jitqiesu bħala persuni li jaħdmu għal rashom: — persuna li tieħu ħsieb wild wieħed jew aktar li mhumiex tagħhom fuq bażi privata u li tirċievi ħlas għal dan is-servizz, — persuna li taħdem għal rasha (freelancer) Madankollu, f'sitwazzjonijiet fejn persuna li taħdem għal rasha taħdem għal impjegatur wieħed u tirċievi drittijiet ta' impjieg (eż. paga għall-btajjel) minn dak l-impjegatur, dawn għandhom jiġu kklassifikati bħala impjegati. *Ħaddiem tal-familja mhux imħallas*: persuna li tgħin lil membru ieħor tal-familja biex imexxi azjenda agrikola jew negozju ieħor tal-familja, sakemm ma jitqisux bħala impjegati fis-sens li ma jistgħux jirċievu pagament għax-xogħol tagħhom. Il-kategorija "ħaddiem tal-familja mhux imħallas" tinkludi qraba li jaħdmu għal negozju tal-familja jew f'razzett tal-familja mingħajr ħlas. Dan jinkludi pereżempju tifel jew tifla li jaħdmu għan-negozju tal-ġenituri jew fir-razzett tal-ġenituri mingħajr ħlas jew mara li tassisti lir-raġel tagħha, jew viċi versa, fin-negozju tagħhom mingħajr ħlas. L-għajnuna lill-membri tal-familja ma tfissirx li jkollhom jgħixu fl-istess unità domestika jew fl-istess sit.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Każ speċjali: Membri tal-kooperattivi tal-produtturi Il-membri tal-kooperattivi tal-produtturi għandhom jitqiesu li jaħdmu għal rashom jekk fil-kooperattiva, kull membru jieħu sehem fuq l-istess livell ma' membri oħra fid-determinazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni, il-bejgħ u/jew xogħol ieħor tal-istabbiliment, l-investimenti, u d-distribuzzjoni tal-qligħ tal-istabbiliment fost il-membri. Jekk kooperattiva tkun impjegat ħaddiema u dawn il-ħaddiema jkollhom kuntratt ta' impjieg li jagħtihom paga bażika (li mhijiex direttament dipendenti fuq l-introjtu tal-kooperattiva), dawn il-ħaddiema jiġu identifikati bħala impjegati tal-kooperattiva. Madankollu, anki jekk il-kooperattiva għandha impjegati (eż. kontabilist), il-membri tal-kooperattiva għandhom jitqiesu bħala "persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati" minħabba li l-kooperattiva bħala istituzzjoni (u mhux kwalunkwe wieħed mill-membri tagħha) hija l-impjegatur. Każijiet oħra: — persuni li jaħdmu għal rashom għal finijiet ta' taxxa iżda li jaħdmu taħt l-awtorità/id-direzzjoni ta' oħrajn u jirċievu salarju definit minn qabel (salarju li ma jiddependix fuq ir-riżultati ekonomiċi tal-kumpanija/istituzzjoni li jaħdmu fiha) għandhom jiġu kkodifikati bħala impjegati, — is-sid ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, li jaħdem għal dik il-kumpanija (jew li jkollu rwol attiv fit-tmexxija tagħha) u li jirċievi paga, jenħtieġ li jitqies bħala persuna li taħdem għal rasha, u jiġi kkodifikat bħala 2 jew 3 skont l-eżistenza ta' impjegati oħra minbarra s-sidien.
PE0300	Deskrizzjoni tal-impjieg / ISCO	L-impjieg ewlieni kurrenti għal persuna f'impjieg. Jekk jinżammu diversi impjiegi, l-impjieg ewlieni għandu jkun dak li fih normalment jinħadmu l-akbar numru ta' sigħat. L-okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni hija kkodifikata abbażi tal-klassifikazzjoni ISCO-08, il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Impjiegi (Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, ILO). Fir-riżoluzzjoni tal-ILO li tadotta l-ISCO-08, l-okkupazzjoni hija definita bħala sett ta' impjiegi li l-kompiti u d-dmirijiet ewlenin tagħhom huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' xebh.
PE0400	Impjiegi ewlenin – NACE	Is-settur ekonomiku tal-impjegatur ewlieni kkodifikat skont il-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi tan-NACE, Rev 2 (2008), l-ewwel livell. Tirreferi għall-impjieg ewlieni. Jekk jinżammu diversi impjiegi, l-impjieg ewlieni għandu jkun dak li fih normalment jinħadmu l-akbar numru ta' sigħat. Jekk il-kumpanija hija kumpanija diversifikata, hija tirreferi għall-attività tas-sussidjarja li fiha jaħdem il-membru tal-unità domestika. Jekk l-impjegatur jopera f'diversi lokalitajiet, l-attività ekonomika tal-impjegatur tirreferi għall-unità lokali fejn jaħdem il-membru tal-unità domestika. L-"unità lokali" hija l-post ġeografiku fejn ix-xogħol jitwettaq prinċipalment, jew, fil-każ ta' okkupazzjonijiet itineranti, jista' jingħad li hija bbażata. Normalment tikkonsisti f'bini wieħed, parti minn bini, jew, fl-akbar, grupp awtonomu ta' bini. L-"unità lokali" hija għalhekk il-grupp ta' impjegati tal-intrapriża li jinsabu ġeografikament fl-istess sit.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
PE0500	Tip ta' kuntratt	Tip ta' kuntratt li jkollu l-membru tal-unità domestika. Tirreferi għall-impjieg ewlieni. Jekk jinżammu diversi impjiegi, l-impjieg ewlieni għandu jkun dak li fih normalment jinħadmu l-akbar numru ta' siegħat. *Pożizzjoni permanenti* tirreferi għal impjieg b'kuntratt permanenti bil-miktub jew verbali, imsejjaħ ukoll kuntratt ta' xogħol ta' tul ta' żmien mhux limitat (jiġifieri impjieg mingħajr tmiem fiss). *Pożizzjoni temporanja* tirreferi għal impjieg b'kuntratt bil-miktub jew verbali b'terminu fiss, imsejjaħ ukoll kuntratt ta' xogħol ta' tul limitat (jiġifieri l-impjieg jintemm wara perijodu predefinit). Impjieg jitqies bħala temporanju jekk ikun mifhum kemm mill-impjegatur kif ukoll mill-impjegat li t-terminazzjoni tal-impjieg hija ddeterminata minn kriterji oġġettivi bħall-kisba ta' ċerta data, it-tlestija ta' assenjazzjoni jew ir-ritorn ta' impjegat ieħor li jkun ġie sostitwit temporanjament. Fil-każ ta' kuntratt tax-xogħol ta' tul determinat, il-kundizzjoni għat-terminazzjoni tiegħu ġeneralment tissemma fil-kuntratt. Dawn li ġejjin jitqiesu bħala pożizzjonijiet temporanji: — ħaddiema staġonali — persuni li għandhom kuntratt għal perijodu ta' prova, fejn il-kuntratt jintemm awtomatikament fi tmiem il-perijodu ta' prova, li jeħtieġ kuntratt ġdid jekk il-persuna tibqa' impjegata mill-istess persuna li timpjega. — persuni b'kuntratti speċifiċi ta' taħriġ, sakemm ma jkun hemm l-ebda kriterju oġġettiv għat-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol. Għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, il-kategorizzazzjoni tiddependi mit-tip ta' kuntratt mal-aġenzija tal-impjiegi. Dawn jitqiesu bħala li għandhom pożizzjoni permanenti biss jekk ikun hemm kuntratt ta' xogħol għal żmien mhux limitat mal-aġenzija tal-impjiegi. Dak li jgħodd huwa l-arranġament kontrattwali (jew informali/verbali) tar-relazzjoni ta' impjieg, u mhux l-aspettattiva li l-membru tal-unità domestika jista' jitlef l-impjieg, jew għandu pjan li jitlaq minnha, jew jixtieq jibqa' jew il-probabbiltà li jibqa' hemm b'mod permanenti.
PE0600	Siegħat ta' xogħol fil-ġimgħa – impjieg ewlieni	Numru ta' siegħat maħduma fil-ġimgħa bħala medja fuq sena fl-impjieg ewlieni. Jekk il-membru tal-unità domestika jkollu diversi impjiegi, l-impjieg ewlieni jkun dak li fih normalment jinħadmu l-aktar siegħat. Numru ta' siegħat jikkorrispondi għan-numru ta' siegħat li l-persuna normalment taħdem fl-impjieg ewlieni tagħha. Dan ikopri s-siegħat kollha inklużi siegħat żejda, jew imħallsa jew mhux imħallsa, li l-persuna normalment taħdem, iżda jeskludi l-ħin tal-ivvjaġġar bejn id-dar u l-post tax-xogħol kif ukoll il-pawża ewlenija għall-ikel. Persuni li normalment jaħdmu wkoll id-dar (skont id-definizzjonijiet mogħtija hawn taħt) għandhom jinkludu wkoll in-numru ta' siegħat li normalment jaħdmu d-dar. L-apprendisti, it-trainees, u persuni oħra f'taħriġ vokazzjonali għandhom jeskludu l-ħin imqatta' fl-iskola jew f'ċentri oħra ta' taħriġ speċjali.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Xi persuni, b'mod partikolari dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema tal-familja, jista' ma jkollhomx is-sigħat tas-soltu, fis-sens li s-sigħat tagħhom ivarjaw b'mod konsiderevoli minn ġimgħa għal ġimgħa jew xahar għal xahar. Meta l-membru tal-unità domestika ma jkunx jista' jipprovdi n-numru ta' sigħat tas-soltu għal din ir-raġuni, il-medja tas-sigħat maħduma fil-ġimgħa matul l-aħħar 4 ġimgħat tintuża bħala kejl tas-sigħat tas-soltu. B'mod partikolari għall-persuni li jaħdmu għal rashom, is-sigħat normali jistgħu jinkludu wkoll xogħol li jsir id-dar, bħall-ippjanar, iż-żamma ta' rekords eċċ. Persuni li normalment jaħdmu wkoll id-dar: Dan il-kunċett japplika għal ħafna persuni li jaħdmu għal rashom, pereżempju f'attivitajiet artistiċi jew professjonali, li jaħdmu kompletament jew parzjalment fid-dar, spiss f'parti mill-akkomodazzjoni fejn jgħixu mwarrba għal dan l-għan. Madankollu, jekk il-post tax-xogħol jinkludi unità separata (pereżempju, klinika ta' tabib jew prattika ta' konsulent tat-taxxa) li tkun maġenb id-dar tal-persuna iżda jkun fiha daħla separata, ix-xogħol imwettaq hemmhekk ma għandux jitqies li sar "mid-dar". Bl-istess mod, bidwi ma għandux/hiex j/titqies li j/taħdem "mid-dar" meta j/tkun okkupat/a f'għelieqi jew f'bini maġenb id-dar tiegħu. Fil-każ tal-impjegati, "li jaħdmu mid-dar" għandha tiġi interpretata b'mod strett f'termini ta' arranġamenti formali tax-xogħol, fejn ikun mifhum b'mod reċiproku mill-impjegat u mill-impjegatur li ċerta parti mix-xogħol għandha ssir id-dar. Tali arranġament jista' jiġi inkluż b'mod espliċitu fit-termini tal-impjieg, jew jista' jiġi rikonoxxut b'modi oħra (pereżempju, jekk l-impjegat jinnotifika b'mod espliċitu lill-impjegatur b'dan ix-xogħol billi jimla skeda ta' żmien, jew billi jitlob ħlas addizzjonali jew forma oħra ta' kumpens). Dan l-arranġament huwa rikonoxxut ukoll jekk impjegat/a i/tkun mgħammar b'kompjuter fid-dar tiegħu/tagħha sabiex i/twettaq xogħlu/xogħolha. Eżempji tipiċi oħra ta' "xogħol mid-dar" jinkludu bejjiegħa li jivvjaġġaw li jippreparaw mid-dar għal appuntamenti ma' klijenti li mbagħad jinżammu fl-uffiċċji jew fid-djar tal-klijenti, jew persuni li jittajpjaw jew jagħmlu n-knitting li meta jkunu lesti jintbagħat f'post ċentrali. "Xogħol mid-dar" ma tkoprix każijiet fejn l-impjegati jwettqu kompiti fid-dar (minħabba interess personali jew pressjoni ta' ħin), li skont l-arranġamenti tax-xogħol tagħhom setgħu twettqu bl-istess mod fil-post tax-xogħol tagħhom. Jekk il-persuna tkun ħaddiem staġonali, in-numru ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa li għandhom jiġu rrapportati għandu jikkorrispondi għall-medja matul is-sena, jiġifieri n-numru ta' sigħat fil-ġimgħa (matul il-perijodi tax-xogħol attivi) immultiplikat bin-numru ta' ġimgħat tax-xogħol fis-sena diviż b'52.
PE0700	Numru ta' snin fl-impjieg ewlieni	Numru ta' snin konsekuttivi li l-membru tal-unità domestika jkun ħadem għall-attività tal-kumpanija/organizzazzjoni/impjieg indipendenti li għaliha jkun qed jaħdem fiż-żmien tal-intervista. Ikkodifikat bħala żero jekk inqas minn sena ma' dan l-impjegatur. It-tul tal-impjieg kurrenti mhuwiex affettwat minn: 1) bidla fil-pożizzjoni fil-kumpanija, 2) liv off-duty li matulu r-relazzjoni ta' impjieg ma tkunx twaqqfet u li ma jkunux damu aktar minn sena, 3) liv tal-ġenituri jew 4) bidliet fl-isem tal-kumpanija minħabba bidliet fis-sjieda jew fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet.
PE0800	Bħalissa aktar minn impjieg wieħed	Jindika (Iva/Le) jekk il-membru tal-unità domestika għandu xi impjieg ieħor minbarra l-impjieg ewlieni.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
PE0900	Qatt kien impjegat	Jindika (Iva/Le) jekk il-membru tal-unità domestika qatt ħadem (full-time jew part-time) għas-sena kollha jew għall-biċċa l-kbira minnha.
PE0270	Status ewlieni fl-impjieg għal persuni rtirati jew persuni inattivi oħra	L-impjieg ewlieni ta' membru tal-unità domestika li ħadem fil-passat iżda li bħalissa huwa rtirat jew inattiv. Il-varjabbli tal-output hija bbażata fuq il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Istatus fl-Impjieg (ISCE-93). Jekk jinżammu diversi impjiegi, l-impjieg ewlieni jirreferi għal dak bl-akbar numru ta' siegħat maħduma normalment. Deskrizzjoni tal-għażliet disponibbli għall-istatus ewlieni fl-impjieg (jiġifieri impjegat, persuna li taħdem għal rasha b'impjegati, persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati u ħaddiem tal-familja mhux imħallas) hija pprovduta taħt il-varjabbli tal-output PE0200 ("status fl-impjieg").
PEZ010	Probabbiltà li jintilef l-impjieg	Il-valutazzjoni tal-membri tal-unità domestika tal-probabbiltà li jitilfu l-impjieg kurrenti tagħhom fit-12-il xahar li ġejjin (fuq skala minn 0 sa 100, fejn 0 tirreferi għal "mhux probabbli xejn" u 100 tirreferi għal "probabbli ħafna"). L-impjegati jistgħu jitilfu l-impjieg tagħhom għal diversi raġunijiet lil hinn mill-kontroll immedjat tagħhom, bħall-iskadenza jew it-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom, it-tkeċċija, jew raġuni simili oħra. Il-persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jieqfu milli jibqgħu impjegati għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll immedjat tagħhom, bħat-telf ta' klijenti, il-falliment tan-negozju, jew raġunijiet simili oħra.
PEZ020	Probabbiltà li ssib impjieg	Il-valutazzjoni tal-membri tal-unità domestika tal-probabbiltà li jsibu impjieg fit-12-il xahar li ġejjin (fuq skala minn 0 sa 100, fejn 0 tirreferi għal "mhux probabbli xejn" u 100 tirreferi għal "probabbli ħafna").
PE1005	Numru ta' snin fl-impjieg	Numru ta' snin, mill-bidu tal-ewwel impjieg regolari, li l-membru tal-unità domestika qatta' fuq ix-xogħol, kemm jekk bħala impjegat kif ukoll jekk jaħdem għal rasu. Meta persuna kellha impjieg, iżda kienet temporanjament assenti minħabba liv tal-maternità, korriment jew diżabbiltà temporanja, nuqqas ta' xogħol għal raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi, il-perijodu rilevanti għandu jingħadd bħala xogħol meta jiġi kkalkulat in-numru ta' snin li tqatta' f'xogħol imħallas. "Ix-xogħol" hija awtodefinita. F'każijiet fejn ikun hemm dubju, bħal meta l-persuna qattgħet numru ta' snin taħdem fuq bażi part-time, għandha tittieħed il-perċezzjoni tal-persuna stess dwar jekk l-attività ewlenija tagħha kinitx "ix-xogħol" jew xi ħaġa oħra.
PE1100	Età mistennija biex tieqaf taħdem bi ħlas	L-età li fiha l-membru tal-unità domestika jippjana li jieqaf jaħdem bi ħlas.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
SUĠĠETT: PENSJONIJIET U POLOZ TAL-ASSIGURAZZJONI FUQ IL-ĦAJJA		
PFA0100	Numru ta' pjanijiet tal-pensjoni u poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja	Numru ta' pjanijiet tal-pensjoni u poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja kollha li l-membru tal-unità domestikajiżomm.
PFA020$x	Tip ta' pjan tal-pensjoni $x	$x: Ċiklu għal massimu ta' 7 pjanijiet tal-pensjoni Tip ġenerali (pubbliku, okkupazzjonali, volontarju, assigurazzjoni tal-ħajja sħiħa, oħrajn) tal-pjan tal-pensjoni. *Pjanijiet ta' pensjoni okkupazzjonali*: aċċess għal tali pjanijiet huwa marbut ma' relazzjoni ta' impjieg jew professjonali bejn il-membru tal-pjan u l-entità li tistabbilixxi l-pjan (l-isponsor tal-pjan). Pjanijiet okkupazzjonali jistgħu jiġu stabbiliti minn impjegaturi jew gruppi tagħhom (eż. assoċjazzjonijiet tal-industrija) u assoċjazzjonijiet tax-xogħol jew professjonali, b'mod konġunt jew separat. Il-pjan jista' jiġi amministrat direttament mill-isponsor tal-pjan jew minn entità indipendenti (fond tal-pensjoni jew istituzzjoni finanzjarja li taġixxi bħala fornitur tal-pensjoni). Fil-każ tal-aħħar, l-isponser tal-pjan xorta jista' jkollu responsabbiltajiet ta' sorveljanza fuq l-operat tal-pjan. Dawn jissejħu wkoll pjanijiet ta' pensjoni tal-kumpanija jew pjanijiet ta' pensjoni tal-impjegatur. *Pjanijiet tal-pensjoni personali (volontarji)*: L-aċċess għal dawn il-pjanijiet ma għandux għalfejn ikun marbut ma' relazzjoni ta' impjieg. Il-pjanijiet huma stabbiliti u amministrati direttament minn fond tal-pensjoni jew istituzzjoni finanzjarja li taġixxi bħala fornitur tal-pensjoni mingħajr ebda intervent minn' min iħaddem. L-individwi jixtru u jagħżlu b'mod indipendenti aspetti materjali tal-arranġamenti. Madankollu, impjegatur jista' jagħmel kontribuzzjonijiet għall-pjanijiet ta' pensjoni personali. Ċerti pjanijiet personali jista' jkollhom sħubija ristretta (eż. dawk li jaħdmu għal rashom, persuni, membri ta' sengħa jew assoċjazzjoni kummerċjali partikolari, individwi li ma jappartjenux diġà għal pjan okkupazzjonali, eċċ.). Il-parteċipazzjoni f'dawn il-pjanijiet hija ġeneralment volontarja għall-individwi. Bil-liġi l-individwi mhumiex obbligati jipparteċipaw. Jew jagħmlu kontribuzzjonijiet tal-pensjoni għal pjan tal-pensjoni. *Assigurazzjoni tal-ħajja*: id-detenturi tal-poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja jagħmlu pagamenti lil assiguratur, li għalih l-assiguratur jiggarantixxi li jħallas lid-detentur tal-polza somma minima miftiehma jew annwalità, f'data partikolari jew mal-mewt tad-detentur tal-polza, jekk dan iseħħ qabel. Assigurazzjoni fuq il-ħajja għal żmien fiss, fejn il-benefiċċji huma pprovduti fil-każ ta' mewt iżda fl-ebda ċirkostanza oħra, hija eskluża.
PFA030$x	Għadhom jikkontribwixxu għall-pjan tal-pensjoni $x	$x: Ċiklu għal massimu ta' 7 pjanijiet tal-pensjoni Jindika (Iva/Le) jekk il-membru tal-unità domestika għadux qed jikkontribwixxi għall-pjan tal-pensjoni. Il-membru tal-unità domestika jista' ma jkunx qed jikkontribwixxi minħabba, pereżempju, il-liv tal-maternità, il-qgħad. Jekk ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat jekk l-unità domestika għadhiex qed tikkontribwixxi u l-ammont tal-kontribuzzjoni (PFA050x), għandu jintuża l-kodiċi -3 (mhux rilevanti).

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Din il-varjabbli tal-output hija meħtieġ għall-pjanijiet tal-pensjoni li ma għandhomx bilanċ u li jistgħu jitqiesu bħala pjanijiet ta' benefiċċju definit. Fil-każ ta' pjanijiet ta' benefiċċju definiti, il-benefiċċji pagabbli (lill-impjegat) mal-irtirar jiġu ddeterminati bl-użu ta' formula, jew waħedha jew flimkien ma' ammont minimu garantit pagabbli.
PFA040$x	Numru ta' snin ikkontribwiti għall-pjan $x	$x: Ċiklu għal massimu ta' 7 pjanijiet tal-pensjoni Numru ta' snin li l-membru tal-unità domestika kkontribwixxa għall-pjan tal-pensjoni. Din il-varjabbli tal-output hija meħtieġa għall-pjanijiet tal-pensjoni li ma għandhomx bilanċ u li jistgħu jitqiesu bħala pjanijiet ta' benefiċċju definiti. Kodiċi -4 (mhux meħtieġ) għandu jintuża meta jiġi pprovdut il-valur kurrenti tal-pjan tal-pensjoni (PF080 $x).
PFA050$x	Kontribuzzjoni ta' kull xahar għall-pjan $x	$x: Ċiklu għal massimu ta' 7 pjanijiet tal-pensjoni Kontribuzzjoni medja fix-xahar tal-pjan tal-pensjoni matul l-aħħar 12-il xahar. Din il-varjabbli tal-output hija meħtieġa għall-pjanijiet tal-pensjoni li ma għandhomx bilanċ u li jistgħu jitqiesu bħala pjanijiet ta' benefiċċju definiti. Kodiċi -3 (mhux rilevanti/mhux determinat) għandu jintuża meta l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi dedotta mis-sitwazzjoni tal-membru tal-unità domestika u mill-karatteristiċi tal-pjan. Kodiċi -4 (mhux meħtieġ) għandu jintuża meta jiġi pprovdut il-valur kurrenti tal-pjan tal-pensjoni (PF080 $x).
PFA060$x	Il-pjan tal-pensjoni $x għandu bilanċ	$x: Ċiklu għal massimu ta' 7 pjanijiet tal-pensjoni Jindika (Iva/Le) jekk il-pjan tal-pensjoni għandux bilanċ u b'hekk jindika jekk il-pjan jaħdimx fis-sens ta' pjan ta' kontribuzzjoni definita. Fil-każ ta' pjanijiet ta' kontribuzzjoni definita, il-benefiċċji huma definiti f'termini tal-livell tal-fond akkumulat mill-kontribuzzjonijiet magħmula (matul il-ħajja tax-xogħol tal-impjegat) u ż-żidiet fil-valur li jirriżultaw mill-investiment ta' tali fondi.
PFA080$x	Il-valur kurrenti tal-pjan tal-pensjoni $x	$x: Ċiklu għal massimu ta' 7 pjanijiet tal-pensjoni. Bilanċ kurrenti tal-pjan li jirreferi għall-valur kurrenti tal-kontribuzzjonijiet akkumulati u investiti (jiġifieri l-ammont disponibbli fil-pjan tal-pensjoni).
PFA100$x	L-età li fiha huwa mistenni l-ħlas mill-pjan tal-pensjoni $x	$x: Ċiklu għal massimu ta' 7 pjanijiet tal-pensjoni L-età li fiha l-membru tal-unità domestika jistenna li jibda jirċievi pagament mill-pjan.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
SUĠĠETT: INTROJTU		
PG0100	Introjtu tal-impjegat irċevut	Jindika (Iva/Le) jekk il-membru tal-unità domestika rċeviex introjtu fi flus kontanti jew fi kważi flus tal-impjegat matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. L-introjtu gross fi flus kontanti jew fi kważi flus tal-impjegat jirreferi għall-komponent monetarju tal-kumpens tal-impjegati fi flus pagabbli minn impjegatur lil impjegat. Dan jinkludi l-valur ta' kull kontribuzzjoni soċjali u ta' taxxa fuq l-introjtu pagabbli minn impjegat jew mill-impjegatur f'isem l-impjegat għal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jew lill-awtoritajiet tat-taxxa. L-introjtu gross fi flus kontanti jew fi kważi flus tal-impjegat jinkludi l-partiti li ġejjin (u għandhom ikunu koperti, anki jekk f'arretrati): — pagi u salarji mħallsin fi flus għall-ħin maħdum jew għax-xogħol magħmul fl-impjieg ewlieni jew f'xi impjieg sekondarju jew każwali; — remunerazzjoni għall-ħin mhux maħdum (eż. pagamenti waqt vaganza); — rati ta' ħlas ogħla għal sahra; — pagamenti mħallsin lil diretturi ta' intrapriżi inkorporati; — pagamenti bir-rata ta' mqietgħa; — pagamenti għall-fostering tat-tfal (ammont ta' flus li l-gvern jew l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi jagħtu lill-familji biex jieħdu ħsieb it-tfal; Dawn it-tfal jgħixu f'familja minflok jgħixu f'istituzzjoni. It-tfal m'għandhomx l-istatus legali ta' "tfal tal-familja"), — kummissjoni, perkaċċi u gratwitajiet, — pagamenti supplimentari (eż. pagament fit-13 tax-xahar), — tqassim ta' profitti u bonus imħallsin fi flus, — pagamenti addizzjonali bbażati fuq il-produttività, — allowances imħallsa għal xogħol f'postijiet imbiegħda (meqjusin bħala parti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol), — allowances għat-trasport lejn jew mix-xogħol, — pagamenti addizzjonali magħmula minn impjegatur lil impjegat tagħhom jew lil dawk li qabel kienu impjegati u persuna eliġibbli oħra biex jissupplimentaw l-intitolament tal-morda, tad-diżabilità, tal-liv tal-maternità, jew tal-paga tas-superstiti minn skemi ta' assigurazzjoni soċjali, fejn tali pagamenti ma jistgħux jiġu identifikati separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali; — pagamenti magħmula mill-impjegatur lil impjegat minflok pagi u salarji permezz ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali meta dak l-impjegat ma jkunx jista' jaħdem minħabba mard, diżabilità jew liv tal-maternità meta pagament bħal dan ma jkunx jista' jiġi identifikat separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali; — sussidji fi flus irċevuti mingħand l-impjegatur għall-ispejjeż tal-abitazzjoni. L-introjtu gross fi flus kontanti jew fi kważi flus tal-impjegat jeskludi: — pagamenti magħmula mill-impjegatur biex jirrimborża spejjez relatati max-xogħol (eż. vjaġġar fuq xogħol); — paga għat-terminazzjoni tal-impjieg u kumpens għas-sensja biex l-impjegati jiġu kkumpensati għal impjieg li jintemm qabel ma l-impjegat ikun laħaq l-età normali tal-irtirar għal dak l-impjieg, u pagamenti għas-sensja (huma inklużi taħt "introjtu minn sorsi oħra ta' introjtu", HG0600/HG0610),

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		— allowances għal spejjeż marbutin għalkollox mal-impjieg bħal dawk għall-ivvjaġġar u tas-sussistenza jew għall-ilbies protettiv, — pagamenti ta' somma f'daqqa fid-data normali tal-irtirar (inklużi taħt HG0600/HG0610), — ħlas għal strajk tal-union, — il-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali ta' min iħaddem; — pagi mħallsa lis-sidien ta' intrapriżi mhux innegozjati pubblikament li jaħdmu għan-negozju proprjetà tagħhom. Jekk persuna li taħdem għal rasha jkollha salarju ddikjarat għalih innifsu (eż. minn data amministrattiva) li ma jistax jiġi sseparat minn pagi u salarji annwali oħra, l-ammont jista' jiġi inkluż fl-introjtu fi flus gross tal-impjegat.
PG0110	Introjtu gross fi flus tal-impjegat	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu fi flus kontanti jew fi kważi flus tal-impjegat irċevut mill-membru tal-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
PG0200	Introjtu minn impjieg ta' min jaħdem għal rasu rċevut	Jindika (Iva/Le) jekk il-membru tal-unità domestika rċeviex introjtu minn impjieg indipendenti matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Introjtu ta' min jaħdem għal rasu tfisser l-introjtu li jirċievu individwi waqt il-perijodu ta' referenza tal-introjtu, għalihom infushom jew fir-rigward ta' xi membri tal-familja tagħhom, talli jkunu jew kienu jaħdmu għal rashom. Impjieg indipendenti jirreferi għal impjiegi li fihom ir-remunerazzjoni tiddependi direttament fuq il-profitti (jew il-potenzjal għall-profitti) derivati mill-oġġetti u s-servizzi prodotti (bil-konsum proprju meqjus bħala parti mill-profitti). Persuna li taħdem għal rasha tieħu d-deċiżjonijiet operattivi li jaffettwaw l-intrapriża tagħha jew tiddelega tali deċiżjonijiet filwaqt li żżomm ir-responsabbiltà għall-benesseri tal-intrapriża. (F'dan il-kuntest, "intrapriża" tinkludi operazzjonijiet imwettqa minn persuna waħda). Ir-remunerazzjoni għall-involviment f'passatemp titqies bħala każ ta' impjieg ta' persuna li taħdem għal rasha. Jekk l-introjtu miġbur jew ikkompilat ikun jikkorrispondi għall-perijodu taż-żmien qabel il-perijodu ta' referenza, għandhom jiġu applikati aġġustamenti bażiċi biex jaġġornaw id-data dwar il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. L-introjtu minn impjieg indipendenti jinkludi: — qligħ u telf operatorju nett li jakkumula għal sidien li jaħdmu ta', jew sħab fi, intrapriża mhux inkorporata, bit-tnaqqis tal-imgħax fuq self tan-negozju; — ħlas fuq drittijiet miksuba minn kitba, invenzjonijiet u l-bqija, mhux inkużi fil-profitt/telf ta' intrapriżi mhux inkorporati; — kirjiet minn bini tan-negozju, vetturi, tagħmir, eċċ., mhux inklużi fil-profitt/telf ta' intrapriżi mhux inkorporati, wara t-tnaqqis tal-kostijiet relatati bħall-imgħax fuq self assoċjat, tiswijiet u manutenzjoni u tariffi tal-assigurazzjoni. Dan jeskludi: — it-tariffi tad-diretturi li jaqilgħu s-sidien ta' intrapriżi inkorporati (li huma inklużi taħt "introjtu gross fi flus kontanti tal-impjegat", PG0110), — dividendi mħallsa minn intrapriżi inkorporati (li huma inklużi taħt "introjtu gross minn investimenti finanzjarji, HG0410)",

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		— profitti minn kapital investit f'intrapriża mhux inkorporata li fiha l-persuna ma taħdimx ("sħab akkomandanti") (dawn il-profitti huma inklużi taħt "Introjtu gross minn negozju privat għajr impjieg indipendenti", HG0510), — kera minn art u rċevuti minn inkwilini jew lokatarji (li huma inklużi taħt "Introjtu gross mill-kiri minn proprjetà immobbli", HG0310), — kirjiet minn abitazzjonijiet mhux inklużi fil-profitt/telf ta' intrapriżi mhux inkorporati (li huma inklużi taħt "Introjtu gross mill-kiri minn proprjetà immobbli", HG0310), — il-valur tal-oġġetti prodotti għall-konsum proprju. Fil-prattika, jekk il-persuna li taħdem għal rasha jew in-negozju tħejji kontijiet annwali għall-finijiet tat-taxxa, il-benefiċċji/it-telf tal-introjtu gross għandhom jiġu kkalkulati bħala benefiċċji/telf operattiv netti murija fuq dan il-kont tat-taxxa għall-perijodu l-aktar reċenti ta' 12-il xahar, qabel it-tnaqqis tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kontribuzzjonijiet obbligatorji tal-assigurazzjoni soċjali. Fin-nuqqas ta' kontijiet annwali, jew għal finijiet ta' taxxa jew bħala kont tan-negozju, l-approċċ alternattiv għall-kejl tal-introjtu minn impjieg indipendenti għandu jirreġistra l-ammont ta' flus (u oġġetti) miġbud min-negozju għall-użu personali (għall-konsum jew għat-tfaddil, inkluż il-valur tas-suq tal-oġġetti prodotti jew mixtrija min-negozju iżda meħuda għall-użu personali).
PG0210	Introjtu gross minn impjieg ta' min jaħdem għal rasu (profitt/telf ta' intrapriżi mhux inkorporati)	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn impjieg indipendenti rċevut mill-membru tal-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
PG0300	Introjtu irċevut minn pensjonijiet pubbliċi	Jindika (Iva/Le) jekk il-membru tal-unità domestika rċeviex introjtu minn skemi ta' pensjoni pubblika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. L-introjtu mill-pensjonijiet pubbliċi huma benefiċċji soċjali irċevuti mill-membri tal-unità domestika. Il-benefiċċji soċjali huma definiti bħala trasferimenti kurrenti rċevuti mill-membri tal-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu u maħsuba biex jeħilsuhom mill-piż finanzjarju ta' ċerti riskji jew ħtiġijiet, magħmula permezz ta' skemi organizzati b'mod kollettiv, jew barra minn skemi bħal dawn minn unitajiet tal-gvern u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi. Il-benefiċċji soċjali jinkludu l-valur ta' kull kontribuzzjoni soċjali jew taxxa fuq l-introjtu pagabbli fuq il-benefiċċji mill-benefiċjarju għall-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jew lill-awtoritajiet tat-taxxa. Sabiex jiġi kklassifikat bħala benefiċċju soċjali, trasferiment irid jissodisfa wieħed minn żewġ kriterji: (1) il-kopertura tkun obbligatorja (skont liġi, regolament jew ftehim ta' negozjar kollettiv) għall-grupp inkwistjoni, (2) dan ikun ibbażat fuq il-prinċipju tas-solidarjetà soċjali (jiġifieri jekk hi pensjoni ibbażata fuq assigurazzjoni, il-primjum u intitolamenti mhumiex proporzjonati mal-espożizzjoni individwali għar-riskju tal-persuni protetti).

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Il-benefiċċji tal-anzjanità jkopru l-benefiċċji li jipprovdu introjtu sostitut meta l-persuna anzjana tirtira mis-suq tax-xogħol jew li jiggarantixxu ċertu introjtu meta l-persuna anzjana tkun laħqet età stabbilita minn qabel. Il-benefiċċji tas-superstiti jirriferu għall-benefiċċji li jipprovdu introjtu temporanju jew permanenti lil persuni taħt l-età tal-irtirar wara l-mewt tal-konjuġi, tas-sieħeb/sieħba jew tal-eqreb qarib tagħhom, normalment meta dik il-persuna tkun dik li taqla' l-għajxien prinċipali. Il-benefiċċji tad-diżabilità jirreferu għal benefiċċji li jipprovdu introjtu għal persuni taħt l-età standard tal-irtirar li l-kapaċità tagħhom li jaħdmu u jaqilgħu hija indebolita minn diżabilità fiżika jew mentali, lil hinn minn livell minimu stabbilit mil-leġiżlazzjoni. L-introjtu mill-pensjonijiet pubbliċi jinkludi (anki jekk f'arretrati): — pensjoni tal-irtirar: il-pagamenti perijodiċi maħsuba biex isostnu l-introjtu tal-benefiċjarju wara l-irtirar minn impjieg bi qligħ fl-età standard jew biex isostnu l-introjtu ta' persuna anzjana; — pensjoni tal-irtirar kmieni: pagamenti perijodiċi maħsuba biex iżommu l-introjtu tal-benefiċjarju li jirtira qabel l-età standard kif definit fl-iskema rilevanti jew fl-iskema ta' referenza. Dan jista' jseħħ bi tnaqqis jew mingħajr tnaqqis fil-pensjoni normali; — pensjoni tal-irtirar parzjali: il-pagament perijodiku ta' porzjon mill-pensjoni tal-irtirar sħiħa lil ħaddiem akbar fl-età li jibqa' jaħdem iżda li jnaqqas il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu jew li l-introjtu tiegħu minn attività professjonali jkun inqas minn limitu definit; — pensjoni tas-superstiti: pagamenti perijodiċi, anki wara l-età standard tal-irtirar, lil persuna li l-intitolament tagħha jirriżulta mir-relazzjoni tagħha ma' persuna mejta protetta minn skema (romol irġiel u nisa, orfni u simili); — pensjoni ta' disabbiltà: pagamenti perijodiku maħsub biex iżomm jew jappoġġa l-introjtu ta' xi ħadd taħt l-età standard tal-irtirar li jsofri minn diżabbiltà li tfixkel il-kapaċità tiegħu li jaħdem jew jaqla' lil hinn minn livell minimu stabbilit mil-leġiżlazzjoni. L-introjtu mis-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi minn barra l-pajjiż huwa inkluż ukoll. Dan jeskludi: — pensjonijiet irċevuti minn pjanijiet ta' pensjoni okkupazzjonali u privati, — introjtu mill-qgħad.
PG0310	Introjtu gross mill-pensjonijiet pubbliċi	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn pensjonijiet pubbliċi rċevuti mill-membru tal-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
PG0400	Introjtu irċevut minn pjanijiet ta' pensjoni okkupazzjonal u privata	Jindika (Iva/Le) jekk il-membru tal-unità domestika rċeviex introjtu minn pjanijiet privati ta' pensjoni/kuntratti tal-assigurazzjoni okkupazzjonali u individwali matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Pensjoni regolari minn pjanijiet privati tirriferi għal pensjonijiet u annwalitajiet irċevuti, matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu, fil-forma ta' introjtu mill-imgħax jew mid-dividendi minn pjanijiet individwali tal-assigurazzjoni privata, jiġifieri skemi organizzati bis-sħiħ fejn il-kontribuzzjonijiet ikunu fid-diskrezzjoni tal-kontributur, indipendentement mill-impjegaturi jew mill-gvern tiegħu jew tagħha.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Dan jinkludi (anki jekk f'arretrati): — pensjonijiet tal-irtirar, tas-superstiti, tal-mard, tad-diżabilità, u tal-qgħad irċevuti bħala imgħax jew dividendi minn pjanijiet privati tal-assigurazzjoni individwali. Dan jeskludi: — pensjonijiet minn skemi ta' pensjonijiet pubbliċi (taħt PG0310).
PG0410	Introjtu gross minn pjanijiet ta' pensjoni okkupazzjonali u privata	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn pjanijiet ta' pensjoni okkupazzjonali u privati rċevuti mill-membru tal-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu..
PG0500	Introjtu rċevut mill-benefiċċji tal-qgħad	Jindika (Iva/Le) jekk il-membru tal-unità domestika rċeviex xi trasferimenti regolari minn aġenziji tas-sigurtà soċjali jew aġenziji governattivi oħra fil-forma ta' benefiċċji tal-qgħad matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Il-benefiċċji tal-qgħad huma benefiċċji soċjali li jirċievu l-membri tal-unità domestika. Definizzjoni ġenerali tal-benefiċċji soċjali hija pprovduta taħt il-PG0300. Il-benefiċċji tal-qgħad jirreferu għall-benefiċċji li jpattu għalkollox jew parzjalment għat-telf tal-introjtu ta' ħaddiem minħabba t-telf ta' impjieg bi qligħ; jipprovdu introjtu ta' sussistenza (jew aħjar) għall-individwi li jidħlu jew li jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol; jikkumpensaw għal telf fil-qligħ minħabba qgħad parzjali; ipattu għalkollox jew parzjalment għat-telf tal-introjtu ta' ħaddiem akbar fl-età li jirtira mill-impjieg bi qligħ qabel l-età legali tal-irtirar minħabba tnaqqis fl-impjiegi għal raġunijiet ekonomiċi; jikkontribwixxu għall-kost tat-taħriġ jew tat-taħriġ mill-ġdid tal-persuni li qed ifittxu impjieg; jew jgħinu lin-nies qiegħda biex jagħmlu tajjeb għall-kostijiet tal-ivvjaġġar jew tar-rilokazzjoni biex isibu impjieg. Jinkludi: — benefiċċji tal-qgħad sħaħ: il-benefiċċji li jikkumpensaw għat-telf ta' qligħ meta persuna tkun kapaċi taħdem u lesta għax-xogħol iżda ma tkunx tista' issib impjieg xieraq, inkluż il-persuni li ma kinux impjegati qabel; — benefiċċju tal-qgħad parzjali: il-benefiċċji li jikkumpensaw għat-telf ta' pagi jew ta' salarju minħabba arranġamenti tax-xogħol formali għal żmien qasir jew skedi tax-xogħol intermittenti, jew it-tnejn li huma, irrispettivament mill-kawża tagħhom (riċessjoni fin-negozju jew tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, ħsara fil-makkinarju, kundizzjonijiet klimatiċi, inċidenti u l-bqija), u meta tissokta r-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-impjegat; — irtirar kmieni minħabba raġunijiet ta' suq tax-xogħol: pagamenti perijodiċi lil ħaddiema akbar fl-età li jirtiraw qabel l-età standard tal-irtirar minħabba qgħad jew tnaqqis fl-impjiegi kkawżat minn miżuri ekonomiċi bħar-ristrutturar ta' settur industrijali jew ta' intrapriża kummerċjali Dawn il-pagamenti normalment jieqfu meta l-benefiċjarju ikun intitolat għall-pensjoni tal-irtirar; — allowances għal taħriġ vokazzjonali: il-pagamenti minn fondi tas-sigurtà soċjali jew minn aġenziji pubbliċi lil gruppi partikolari ta' persuni fil-forza tax-xogħol li jieħdu sehem fi skemi tat-taħriġ maħsuba biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom għax-xogħol;

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		— mobbiltà u impjieg mill-ġdid: pagamenti minn fondi ta' sigurtà soċjali jew aġenziji pubbliċi lil persuni bla xogħol biex jinkoraġġuhom imorru f'lokalità oħra jew jibdlu l-okkupazzjoni tagħhom sabiex ifittxu jew jiksbu x-xogħol; — benefiċċji oħra fi flus kontanti: assistenza finanzjarja oħra, partikolarment pagamenti lill-persuni qiegħda fit-tul. Dan jeskludi: — allowances tal-familja mħallsa għal tfal dipendenti, anki jekk l-eliġibbiltà għalihom tiddependi fuq il-fatt li l-membru tal-unità domestika jkun qiegħed (inkluż taħt l-introjtu minn trasferimenti pubbliċi, HG0100/HG0110); — pagamenti ta' sensja u terminazzjoni tal-impjieg (benefiċċji li jikkumpensaw lill-impjegati għal impjieg li jintemm qabel ma jilħqu l-età normali tal-irtirar għall-impjieg ikkonċernat, inklużi taħt sorsi oħra ta' introjtu HG0600/HG0610); — kumpens għas-sensja: somom kapitali mħallsa lill-impjegati li tkeċċew mingħajr ħtija tagħhom stess minn intrapriża li qed twaqqaf jew tnaqqas l-attivitajiet tagħha (inklużi taħt sorsi oħra ta' introjtu HG0600/HG0610).
PG0510	Introjtu gross mill-benefiċċji tal-qgħad	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn pensjonijiet pubbliċi rċevuti mill-membru tal-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
HG0100	Introjtu irċevut minn trasferimenti pubbliċi regolari	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika rċevietx trasferimenti pubbliċi regolari minn aġenziji tas-sigurtà soċjali jew aġenziji governattivi oħra li mhumiex inklużi xi mkien ieħor, matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Introjtu minn trasferimenti pubbliċi regolari huma benefiċċji soċjali rċevuti mill-unitajiet domestiċi. Definizzjoni ġenerali tal-benefiċċji soċjali hija pprovduta taħt il-PG0300. Introjtu minn trasferimenti pubbliċi regolari jinkludi: — allowances tal-familja/relatati mat-tfal (eż. benefiċċju tal-liv tal-ġenituri, allowance tal-familja jew tat-tfal); — allowances għall-akkomodazzjoni: interventi mill-awtoritajiet pubbliċi biex jgħinu lill-unitajiet domestiċi jlaħħqu mal-ispiża tal-akkomodazzjoni; — allowances relatati mal-edukazzjoni: għotjiet, boroż ta' studju u għajnuna oħra għal skopijiet edukattivi li jirċievu l-istudenti F'każ ta' dubju dwar il-provenjenza tal-boroż ta' studju, dawn huma inklużi f'din il-varjabbli tal-output, — età anzjana, romol, mard, diżabbiltà, eċċ. pensjonijiet regolari u allowances li mhumiex relatati mal-impjieg jew dipendenti fuq kontribuzzjonijiet diretti għal skema ta' assigurazzjoni mill-benefiċjarju, — sussistenza minima ta' tipi ta' skemi ta' introjtu minimu ta' benefiċċju soċjali, pagamenti perijodiċi lil persuni b'riżorsi insuffiċjenti, — tipi oħra ta' benefiċċji soċjali.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Dan jeskludi: — introjtu minn skemi ta' pensjonijiet pubbliċi (koperti taħt PG0300); — benefiċċji tal-qgħad (koperti taħt PG0500); — pagamenti speċjali ta' darba.
HG0110	Introjtu gross minn trasferimenti pubbliċi regolari	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn trasferimenti pubbliċi regolari rċevuti mill-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
HG0200	Introjtu irċevut minn trasferimenti privati regolari	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika rċevietx trasferimenti regolari minn entitajiet privati u/jew unitajiet domestiċi oħra matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Trasferimenti regolari ta' flus irċevuti mingħand unitajiet domestiċi jirreferu għal ammonti regolari ta' flus irċevuti, waqt il-perijodu ta' referenza tal-introjtu, minn unitajiet domestiċi u minn persuni oħra. Dawn it-trasferimenti bejn l-unitajiet domestiċi għandhom ikunu: — regolari, jiġifieri l-irċevuti tat-trasferiment għandhom sa ċertu punt jiġu antiċipati u affidabbli; — kurrenti, jiġifieri disponibbli għall-konsum matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. "Regolari" ma timplikax żmien preċiż u ma teħtieġx perijodiċità qawwija. It-trasferimenti regolari ta' flus kontanti irċevuti bejn l-unitajiet domestiċi jinkludu: — manteniment obbligatorju u sostenn għall-ulied; — manteniment volontarju u sostenn għall-ulied irċevuti fuq bażi regolari, — appoġġ regolari fi flus kontanti minn persuni li mhumiex membri tal-unità domestika (eż. flus kontanti rċevuti minn tfal li jistudjaw lil hinn mid-dar jew minn qraba anzjani li jgħixu f'unità domestika oħra); — appoġġ regolari fi flus kontanti minn unitajiet domestiċi f'pajjiżi oħra, It-trasferimenti regolari ta' flus kontanti irċevuti bejn l-unitajiet domestiċi jeskludu: — wirt u trasferimenti kapitali oħra, jiġifieri trasferimenti rċevuti minn unitajiet domestiċi oħra li l-unità domestika ma tqisx li huma kompletament disponibbli għall-konsum fil-perijodu ta' referenza tal-introjtu (koperti bħala wirt taħt HH0100); — rigali u flussi oħra ta' flus kbar, ta' darba u mhux mistennija, bħal somom f'daqqa għax-xiri ta' karozza, dar, eċċ jew li għandhom jiġu mfaddla għall-konsum fit-tul (aktar minn sena bil-quddiem) (koperti bħala rigali taħt HH0100).

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		L-introjtu minn trasferimenti privati regolari jinkludi wkoll appoġġ regolari irċevut minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ inklużi organizzazzjonijiet tal-karità, bħal assistenza regolari pprovduta minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi, paga tal-istrajk minn unions irċevuti fuq bażi regolari, borża ta' studju minn trusts karitatevoli. Nota: id-definizzjoni tirrifletti dik applikata għat-trasferimenti bejn l-unitajiet domestiċi mħallsa taħt HI0300.
HG0210	Introjtu minn trasferimenti privati regolari	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn trasferimenti privati regolari irċevuti mill-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
HG0250	Introjtu irċevut minn trasferimenti privati oħra	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika rċevietx assistenza finanzjarja minn persuni barra l-unità domestika, bħal qraba, ħbieb, jew minn organizzazzjonijiet privati matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Jeskludi l-appoġġ minn eks konjuġi, eks sħab jew trasferimenti regolari oħra diġà koperti f'varjabbli tal-output preċedenti.
HG0260	Introjtu minn trasferimenti privati oħra	Ammont totali f'EUR ta' introjtu minn trasferimenti privati oħra rċevuti mill-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
HG0300	Introjtu rċevut minn proprjetà immobbli	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika rċevietx introjtu mill-kiri ta' proprjetà immobbli matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. L-introjtu mill-kiri ta' proprjetà jew ta' art jirreferi għal-introjtu irċevut, waqt il-perijodu ta' referenza tal-introjtu, minn kiri ta' proprjetà (pereżempju l-introjtu minn kiri ta' abitazzjoni mhux inkluż fil-qligħ/fit-telf ta' intrapriżi mhux inkorporati, introjtu ta' flus mingħand persuni li jorqdu f'kulleġġ jew alloġġjanti jew ċens) wara tnaqqis tal-kostijiet bħar-ripagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki, tiswijiet żgħar, manutenzjoni, assigurazzjoni u imposti oħra. Jekk il-kiri tal-proprjetà jkun parti minn negozju mhux inkorporat (eż. il-kiri ta' appartamenti tas-sajf bħala negozju ta' min jaħdem għal rasu), l-introjtu għandu jkun inkluż fl-introjtu minn impjieg indipendenti taħt il-PG0200.
HG0310	Introjtu gross mill-kiri minn proprjetà immobbli	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn proprjetà immobbli mikrija irċevut mill-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
HG0400	Introjtu rċevut minn investimenti finanzjarji	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika rċevietx introjtu fil-forma ta' imgħax jew dividendi minn investimenti finanzjarji matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Jinkludi imgħax u dividendi minn kumpanniji nnegozjati pubblikament (li ma jinkludux il-profitt/telf ta' intrapriżi mhux inkorporati u investimenti f'kumpanniji li mhumiex innegozjati pubblikament). Jirreferi għall-ammont ta' imgħax minn assi bħal kontijiet bankarji, ċertifikati ta' depożiti, bonds, eċċ. u dividendi minn ishma nnegozjati pubblikament, eċċ. irċevuti matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu bit-tnaqqis tal-ispejjeż imġarrba.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		L-imgħax huwa introjtu mill-proprjetà riċevibbli mis-sidien ta' assi finanzjarju (kreditur) biex jitqiegħed għad-dispożizzjoni tad-debitur. Id-dividendi huma forma ta' introjtu mill-proprjetà li s-sidien tal-ishma jsiru intitolati għaliha bħala riżultat, pereżempju, tat-tqegħid ta' fondi għad-dispożizzjoni tal-korporazzjonijiet. Tirreferi biss għall-introjtu irċevut matul il-perijodu ta' referenza. Pereżempju, imgħax minn kontijiet ta' tfaddil li jsir disponibbli biss fil-maturità tad-depożitu mhuwiex inkluż hawnhekk jekk il-kont ma jkunx laħaq il-maturità matul il-perijodu ta' referenza.
HG0410	Introjtu gross minn investimenti finanzjarji	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn investimenti finanzjarji rċevuti mill-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
HG0500	Introjtu rċevut minn negozju privat għajr impjieg ta' min jaħdem għal rasu	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika rċevietx introjtu minn negozju privat jew sħubija matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Jinkludi profitti minn investiment kapitali f'negozju mhux inkorporat għajr introjtu minn impjieg indipendenti (PG0210) u introjtu minn investimenti finanzjarji (HG0400). Jirreferi għal profitti minn investimenti kapitali f'negozju mhux inkorporat u inkorporati f'negozju privat mhux innegozjat pubblikament li fih il-persuna ma taħdimx, irċevuti matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu, bit-tnaqqis tal-ispejjeż imġarrba.
HG0510	Introjtu gross minn negozju privat għajr impjieg ta' min jaħdem għal rasu	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn negozju privat li mhux xogħol għal rasek irċevut mill-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
HG0600	Introjtu rċevut minn sorsi oħra ta' introjtu	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika rċevietx introjtu minn sorsi oħra ta' introjtu matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Din hija partita residwa u tirreferi għal kwalunkwe introjtu ieħor li ma jiġi rreġistrat fl-ebda wieħed mill-varjabbli tal-output l-oħrajn fuq is-sorsi tal-introjtu. Jinkludi: — pagamenti għat-terminazzjoni tal-impjieg u għas-sensja (il-benefiċċji li jikkumpensaw lill-impjegati għat-tmiem tal-impjieg qabel ma jkunu laħqu l-età normali tal-irtirar mill-impjieg ikkonċernat); — kumpens għas-sensja: somom kapitali mħallsa lill-impjegati li tkeċċew mingħajr ħtija tagħhom stess minn intrapriża li qed twaqqaf jew tnaqqas l-attivitajiet tagħha; — pagamenti ta' somma f'daqqa fid-data normali tal-irtirar; — irtirar prematur minn skemi ta' pensjoni privati; — ir-rebħ tal-premjijiet; — saldi tal-assigurazzjoni. Dan jeskludi: — rifużjonijiet tat-taxxa.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HG0610	Introjtu gross minn sorsi oħra ta' introjtu	Ammont gross totali f'EUR ta' introjtu minn sorsi ta' introjtu oħrajn irċevuti mill-unità domestika matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu.
HG0700	Huwa l-introjtu "normali" fil-perijodu ta' referenza	Jindika kif l-unità domestika tivvaluta l-introjtu tagħha matul l-aħħar 12-il xahar, filwaqt li tqis is-sorsi kollha ta' introjtu.
HG0800	Aspettattivi futuri dwar l-introjtu	Jindika kif l-unità domestika tistenna li l-introjtu totali tagħha jevolvi s-sena d-dieħla meta mqabbel mal-evoluzzjoni tal-prezzijiet.
SUĠĠETT: RIGALI/WIRT		
HH0100	Kwalunkwe rigal jew wirt sostanzjali rċevut	Jindika (Iva/Le) jekk xi membru tal-unità domestika qatt irċieva wirt sostanzjali jew rigal sostanzjali, inklużi flus jew kwalunkwe assi oħra, minn xi ħadd li mhux parti mill-unità domestika kurrenti. Il-wirt jirreferi għal trasferimenti ta' assi b'rabta mal-mewt ta' persuna. Rigal jirreferi għal trasferiment ta' assi magħmul matul il-ħajja ta' donatur, mhux marbut mal-mewt ta' dik il-persuna. Rigali u donazzjonijiet irċevuti regolarment huma esklużi. Dawn huma inklużi f'HG0200/HG0210 ("Introjtu minn trasferimenti privati regolari"). Ir-rigali u d-donazzjonijiet l-oħra kollha huma inklużi, kemm jekk kellhom bżonn jiġu rrapportati lill-awtorità tat-taxxa kif ukoll jekk le. Rigali/wirt fil-proċess li jiġu rċevuti mhumiex inklużi. "Sostanzjali" titħalla għall-interpretazzjoni tal-unità domestika. Dan jista' jiġi deskritt bħala rigal jew wirt li ħalla impatt sinifikanti fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-unità domestika.
HH0110	Numru ta' rigali/wirt sostanzjali irċevuti	Numru ta' rigali jew wirt sostanzjali irċevuti mill-membri tal-unità domestika. Rigali jew wirt irċevuti fl-istess ħin mill-istess persuna jiġu ttrattati bħala wieħed.
HH020$x	Rigal/wirt sostanzjali $x: sena tar-rigal/wirt rċevuti	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 rigali/wirt. Is-sena li fiha l-unità domestika rċeviet ir-rigal/il-wirt, li tibda bl-aktar wieħed importanti għall-ġid kurrenti tal-unità domestika, segwit minn rigal/wirt ta' importanza dejjem tonqos.
HH030 $xv Fejn v = a sa k	Rigal/wirt sostanzjali $x: tip ta' assi rċevuti a: flus b: abitazzjoni, għajr HMR c: użu ta' abitazzjoni (taħt riżerva jew użufrutt) d: art e: kummerċjali f: titoli, ishma g: ġojjellerija, għamara, xogħol tal-arti	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 rigali/wirt. Jiddeskrivi l-assi li ġew rċevuti għal kull rigal/wirt x, jiġifieri total ta' 10 varjabbli tal-output (v = a sa i) għal kull rigal/wirt x. c – użufrutt: id-dritt legali li tgawdi l-użu u l-vantaġġi tal-proprjetà ta' persuna oħra. e – negozju: jinkludi wkoll negozji tal-azjendi agrikoli. h – assigurazjoni tal-ħajja: tkopri każijiet fejn persuna barra mill-unità domestika tagħmel lil wieħed mill-membri tal-unità domestika benefiċjarju ta' assigurazzjoni tal-ħajja. F'każ li l-membru tal-unità domestika jirrikonoxxi biss li huwa l-benefiċjarju tal-assigurazzjoni tal-ħajja meta din ġiet monetarizzata, din għandha tiġi rreġistrata taħt "a – Flus".

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
	h: assigurazzjoni tal-ħajja j: karozza/vettura k: HMR i: assi oħrajn	
HH040$x	Rigal/wirt sostanzjali $x: valur	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 rigali/wirt. Il-valur gross tar-rigal/wirt fiż-żmien li tirċevihom l-unità domestika (jiġifieri t-taxxi fuq il-wirt jew id-donazzjoni ma jitnaqqsux).
SUĠĠETT: KONSUM:		
HI0100	Ammont ta' kull xahar li jintefaq fuq l-ikel fid-dar	L-ammont li ntefaq bħala medja fix-xahar (matul l-aħħar 12-il xahar / sena kalendarja) fuq ikel u xorb id-dar. L-ikel u x-xorb jinkludu dan li ġej, f'konformità mal-klassifikazzjoni COICOP 2018 (Klassifikazzjoni tal-Konsum Individwali Skont l-Iskop): 01.1. – Ikel (ċereali u prodotti taċ-ċereali; laħam; il-ħut u l-frott tal-baħar; ħalib, prodotti oħra tal-ħalib u bajd; żjut u xaħmijiet; il-frott u l-ġewż; ħaxix; zokkor, ħelu u deżerti; ikel lest; oħrajn) 01.2. – Xarbiet mhux alkoħoliċi (meraq tal-frott u l-ħaxix; il-kafè u sostituti tal-kafè; te; xarbiet tal-kokodina, ilma; xorb minerali; oħrajn) 02.1 – Xorb alkoħoliku (spirti u likuri; inbid; birra; oħrajn) L-ammonti minfuqa fuq ikliet imwassla d-dar minn ristoranti u servizzi ta' catering huma esklużi.
HI0200	Ammont ta' kull xahar minfuq fuq ikel barra d-dar	L-ammont li ntefaq bħala medja fix-xahar (matul l-aħħar 12-il xahar / sena kalendarja) fuq ikel u xorb barra d-dar. Jinkludi spejjeż f ristoranti, canteens, kafetteriji u affarijiet simili. Dawn huma konformi mal-klassifikazzjoni COICOP 2018 li ġejja: 11.1.1 - ristoranti, kafetteriji u postijiet simili 11.1.2 - canteens, kafetteriji u refettorji L-ammonti minfuqa fuq ikliet imwassla d-dar minn ristoranti u servizzi ta' catering huma inklużi. Jekk ikliet sussidjati jiġu pprovduti bħala parti mill-pakkett tal-impjiegi, huwa inkluż biss l-ammont effettivament imħallas mill-unità domestika.
HI0210	Ammont ta' kull xahar minfuq fuq l-utilitajiet	L-ammont li ntefaq bħala medja fix-xahar (matul l-aħħar 12-il xahar / sena kalendarja) fuq l-utilitajiet. Jinkludi ħlasijiet relatati mal-provvista tal-ilma, l-elettriku, il-gass u fjuwils oħra, l-ispejjeż tat-telefown (fissi u mobbli), abbonamenti tal-Internet, tal-kejbil u tas-satellita. Dawn huma konformi mal-klassifikazzjonijiet COICOP 2018 li ġejjin: 04.4 - Provvista tal-ilma u servizzi mixxellanji marbuta mal-abitazzjoni 04.5 - Elettriku, gass u fjuwils oħra 08.3 - Servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Taxxi jew ħlasijiet li jixbhu t-taxxa relatati max-xandir li huma obbligatorji għal kull dar f'pajjiż huma esklużi. Tinkludi pagamenti relatati mal-abitazzjonijiet kollha li l-unità domestika tippossjedi u/jew il-kirjiet. Kemm il-kostijiet tal-istabbiliment tal-kuntratt imġarrba matul il-perijodu kif ukoll l-ispejjeż regolari huma inklużi.
HI0230	Spejjeż annwali għal vjaġġi u vaganzi	Ammont minfuq fuq vjaġġi ta' btala jew btala matul l-aħħar 12-il xahar / sena kalendarja. Tinkludi t-trasport, l-akkomodazzjoni, l-ikliet, il-pakketti tal-ivvjaġġar, id-divertiment u kwalunkwe spiża oħra relatata.
HI0240	Ammont ta' kull xahar minfuq fuq oġġetti u servizzi oħra tal-konsumatur	L-ammont li ntefaq bħala medja fix-xahar (matul l-aħħar 12-il xahar / sena kalendarja) fuq oġġetti u servizzi tal-konsumatur mhux koperti xi mkien ieħor. Dawn li ġejjin huma inklużi, f'konformità mal-klassifikazzjonijiet COICOP 2018: 03 - Ħwejjeġ u żraben 05 - Għamara, tagħmir tad-dar u manutenzjoni regolari tad-dar 06 - saħħa (mediċina u prodotti tas-saħħa, servizzi tas-saħħa) Partijiet minn 07 - Trasport (eż. fjuwil, manutenzjoni tal-karozzi, biljetti tat-trasport pubbliku) Partijiet minn 09 - Rikreazzjoni, sport u kultura (eż. kotba, gazzetti, biljetti taċ-ċinema, miżati tal-ġinnasju, servizzi veterinarji u servizzi oħra għall-annimali domestiċi) 10 - servizzi tal-edukazzjoni Parti minn 13 - Kura personali, protezzjoni soċjali u oġġetti u servizzi mixxellanji (eż. apparat tal-kura personali, parrukkiera, indukrar tat-tfal (childcare), servizzi tad-dar tal-anzjani)
HI0220	Ammont ta' kull xahar minfuq fuq oġġetti u servizzi għall-konsumatur – total	Ammont totali minfuq bħala medja fix-xahar (matul l-aħħar 12-il xahar / sena kalendarja) fuq oġġetti u servizzi għall-konsumatur (total ta' HI0100, HI0200, HI0210, HI0230/12, HI0240).
HI0300	Jagħmel pagamenti regolari oħra	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għamlitx pagamenti fuq bażi regolari lil persuni jew istituzzjonijiet barra mill-unità domestika (bħal manteniment, manteniment għat-tfal, organizzazzjonijiet tal-karità, eċċ.) fl-aħħar 12-il xahar. Pagamenti ta' darba huma esklużi. Trasferimenti regolari ta' flus kontanti mħallsa bejn l-unitajiet domestiċi jirreferu għal ammonti monetarji regolari mħallsa lil unitajiet domestiċi oħrajn matul il-perijodu ta' referenza tal-introjtu. Huma jirreferu għal pagamenti regolari, anki darba fis-sena, mill-introjtu. It-trasferimenti bejn l-unitajiet domestiċi għandhom ikunu: — pagamenti regolari, jiġifieri pagamenti ta' trasferiment għandhom sa ċertu punt ikunu antiċipati jew affidabbli — kurrenti, jiġifieri mill-introjtu mill-perijodu ta' referenza tal-introjtu "Regolari" ma timplikax żmien preċiż u ma teħtieġx perijodiċità qawwija. It-trasferimenti regolari mħallsa lill-unitajiet domestiċi jinkludu: — manteniment obbligatorju u sostenn għall-ulied, — manteniment volontarju u sostenn għall-ulied irċevuti fuq bażi regolari,

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		— appoġġ regolari fi flus lil persuni li mhumiex membri tal-unità domestika — appoġġ regolari fi flus kontanti minn unitajiet domestiċi f'pajjiżi oħra, It-trasferimenti regolari mħallsa bejn l-unitajiet domestiċi jeskludu: — trasferimenti ta' kapital u flus miġbuda mit-tfaddil — ħlasijiet lura ta' self/trasferimenti irċevuti. Pagamenti regolari oħra jinkludu wkoll: — donazzjonijiet regolari mogħtija lill-organizzazzjonijiet tal-karità/istituzzjonijiet (eż. il-knisja) Id-definizzjoni tirrifletti t-trasferimenti bejn l-unitajiet domestiċi rċevuti taħt HG0200.
HI0310	Ammont fix-xahar mogħti bħala manteniment eċċ kull xahar	L-ammont ta' pagamenti regolari oħra (HI0300) li saru kull xahar.
HI0500	Tqabbil tal-ispejjeż tal-aħħar 12-il xahar mal-medja	Tindika l-valutazzjoni tar-rispondent tal-ispejjeż ġenerali tal-unità domestika (minbarra kwalunkwe xiri ta' assi) matul l-aħħar 12-il xahar meta mqabbla mal-ispejjeż "normali" tal-unità domestika.
HI0600	L-ispejjeż tal-aħħar 12-il xahar kienu inqas/ogħla mill-introjtu	Tindika l-valutazzjoni tar-rispondent tal-ispejjeż ġenerali tal-unità domestika (minbarra kwalunkwe xiri ta' assi) matul l-aħħar 12-il xahar meta mqabbel mal-introjtu tal-unità domestika.
HI0400v Fejn v = a,b,c,d,e,f,g,h,i,j,k,l	L-għan tat-tfaddil: a: xiri ta' dar proprja b: xiri maġġuri ieħor (residenzi oħra, vetturi, għamara, eċċ) c: jiġi stabbilit negozju privat jew finanzjament investimenti f'negozju eżistenti d: investiment f'assi finanzjarji e: provvediment għal avvenimenti mhux mistennija f: il-ħlas tad-djun g: provvediment għax-xjuħija h: vjaġġi/vaganzi i: edukazzjoni/appoġġ ta' tfal jew neputijiet jew qraba oħra j: legati k: it-teħid ta' vantaġġ mis-sussidji mill-Istat (eż. sussidju għat-tfaddil f'istituzzjoni bankarja għall-bini) l: oħrajn	jindika r-raġunijiet l-aktar importanti għat-tfaddil tal-unità domestika.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
HI0700v Fejn v = a, b,c,d,e,f,g	Sors addizzjonali ta' likwidità biex jiġu koperti l-ispejjeż: a – assi mibjugħa b – għandu karta ta' kreditu/ faċilità ta' overdraft c – għandu xi self ieħor d – minfuqa mit-tfaddil e – għajnuna mitluba minn qraba jew ħbieb f – xi kontijiet baqgħu mhux imħallsa g – oħrajn	Jindika kif l-unità domestika ħallset l-ispejjeż li kienu ogħla mill-introjtu fl-aħħar 12-il xahar.
HIZ040v Fejn v = a,b	Gwadann mhux mistenni – lotterija a – nefqa matul it-12-il xahar li ġejjin fuq oġġetti u servizzi b – tfaddil jew investiment għal aktar tard, jew ħlas lura ta' dejn	Jindika, fil-każ li wieħed jirċievi flus minn lotterija b'mod mhux mistenni (ugwali għall-ammont ta' introjtu li l-unità domestika tirċievi f'xahar), x'perċentwal tonfoq l-unità domestika matul it-12-il xahar li ġejjin fuq oġġetti u servizzi għall-kuntrarju tat-tfaddil, l-investiment, jew il-ħlas lura tad-dejn.
HI0800	Ħila biex tinkiseb assistenza finanzjarja minn ħbieb jew qraba	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika tistax tirċievi, f'emerġenza, assistenza finanzjarja (EUR 5,000) minn ħbieb jew qraba li ma jgħixux mal-unità domestika.
SUĠĠETT: FAJL TAR-REĠISTRU TAL-KAMPJUNI		
SA0010	Id tal-unità domestika	Numru ta' identifikazzjoni tal-unità domestika assenjat lil kull unità domestika fil-kampjun.
SA0100	Pajjiż ta' residenza	Il-pajjiż li fih il-familja għandha r-residenza abitwali tagħha.
SA0110	ID tal-unità domestika tal-unità domestika preċedenti	In-numru ta' identifikazzjoni tal-unità domestika li ġie assenjat lill-unità domestika ta' panel fit-trażmissjoni tad-data għal sena ta' referenza tal-HFCS preċedenti. Għandha tirreferi għall-aħħar intervista, għalhekk għandha timtela biss għal unitajiet domestiċi li jkunu ġew intervistati b'suċċess f'mill-inqas sena ta' referenza tal-HFCS preċedenti, eż. jekk l-unità domestika tkun ġiet ikkuntattjata iżda ma tkunx ġiet intervistata f'referenza tas-sena HFCS preċedenti, u l-unità domestika tkun ġiet ikkuntattjata mill-ġdid fis-sena ta' referenza kurrenti tal-HFCS, din il-varjabbli tal-output tiġi trażmessa bħala nieqsa fit-trażmissjoni tad-data tas-sena ta' referenza kurrenti tal-HFCS. Jekk min-naħa l-oħra l-unità domestika ġiet intervistata f'sena ta' referenza preċedenti tal-HFCS u ġiet ikkuntattjata mill-ġdid fis-sena ta' referenza kurrenti tal-HFCS, din il-varjabbli tal-output fiha l-ID tal-unità domestika meta ġiet intervistata fis-sena ta' referenza preċedenti tal-HFCS.
SA0111	ID tal-unità domestika inizjali tal-persuna	In-numru ta' identifikazzjoni tal-unità domestika (SA0010) assoċjat mal-perijodu inizjali tal-ewwel intervista (RA0031) tal-membru tal-unità domestika fl-unità domestika kurrenti li jkun ġie inkluż għall-itwal perijodu fl-istħarriġ.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		SA0111 jibqa' kostanti jekk il-membri tal-unità domestika jħallu l-unità domestika tal-panel jew jekk membri mhux tal-panel jingħaqdu ma' unità domestika eżistenti. Jekk membru tal-bord minn unità domestika oħra jingħaqad mal-unità domestika kurrenti, imbagħad tiġi rieżaminata l-SA0111. Jekk il-membri tal-unità domestika jitilqu u jiffurmaw unità domestika oħra li tkun inkluża fil-panel, imbagħad SA0111 tiġi definita mill-ġdid għall-unità domestika l-ġdida.
SA0200	Perijodu inizjali tal-istħarriġ	Is-sena tal-intervista fir-rigward tad-data kurrenti.
SA0210	Perijodu inizjali tal-aħħar intervista (unità domestika)	Jindika s-sena ta' intervista mwettqa l-aħħar darba li unità domestika (jiġifieri unità domestika fuq panel) ġiet inkluża fl-istħarriġ. Għandha tirreferi għall-aħħar intervista, għalhekk għandha timtela biss għal unitajiet domestiċi li jkunu ġew intervistati b'suċċess f'mill-inqas sena ta' referenza tal-HFCS preċedenti. Ara wkoll il-varjabbli tal-output SA0110 (ID preċedenti tal-unità domestika).
SA0300	Żona ta' residenza tal-unità domestika (kodiċi nazzjonali)	Ir-reġjun fejn hija residenti l-unità domestika. Dan huwa kunċett speċifiku għall-pajjiż, adattat f'kull pajjiż għad-daqs u għar-riskju ta' divulgazzjoni statistika tiegħu.
SA0900	Mod ta' intervista	Il-mod tal-intervista jintuża b'mod aktar predominanti biex tinġabar informazzjoni mir-rispondent. Meta tinġabar informazzjoni li tikkombina data tal-intervisti ma' data amministrattiva, din il-varjabbli tal-output tirrapporta dwar il-mod ta' intervista użat biex tinġabar id-data tal-intervista.
SB0100	Kodiċi tal-eżitu finali tal-intervista	Jindika l-eżitu rigward l-intervista għall-unitajiet domestiċi kollha inklużi fil-kampjun.
SD0100	Strat	Il-varjabbli tal-output tipprovdi l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrat li għalih tappartjeni kull unità domestika, fl-eventwalità li l-kampjun ikun ġie stratifikat.
SD0300	Piż tad-disinn tal-każ	Il-piż tad-disinn ta' unità domestika huwa l-invers tal-probabbiltà tal-inklużjoni tagħha. Il-pożijiet tad-disinn jikkoreġu l-preġudizzju li jirriżulta mill-probabbiltà mhux ugwali li unità domestika tintgħażel minħabba d-disinn tal-kampjun.
SE0100	Eżitu tal-bażi tad-data tal-istħarriġ	Jindika jekk l-unità domestika fil-kampjun ġietx intervistata b'suċċess u l-informazzjoni statistika relatata ma' din l-unità domestika ġie inkluż fl-informazzjoni statistika trażmessa lill-BĊE jew le.
SUĠĠETT: VARJABBLI TAL-OUTPUT TEKNIĊI		
IM0100	ID implikata	F'konformità mal-Artikolu 6, kull valur nieqes li jiġi imputat għandu jiġi imputat ħames darbiet. Din il-varjabbli tal-output tirreferi għan-numru tal-imputazzjoni u għalhekk tista' tieħu n-numri 1 sa 5.
HW0010	Piż tal-unità domestika	Il-pożijiet trażversali finali li jindikaw kemm-il unità domestika tal-popolazzjoni statistika (fil-mira) tirrappreżenta kull unità domestika.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Dawn il-piżijiet finali jikkoreġu l-imperfezzjonijiet fil-kampjun mhux ponderat fir-rigward tal-popolazzjoni statistika (fil-mira) tal-HFCS. Dawn l-imperfezzjonijiet jinkludu eż. probabbiltà mhux ugwali li l-unità domestika tintgħażel, nuqqas ta' rispons tal-unità.
WR $$$$	Piż replikat $$$$	Piżijiet replikati, filwaqt li jitqies id-disinn tal-kampjunar użat f'kull stħarriġ tal-pajjiż, mibnija għall-fini tal-istima tal-varjanza. Il-pajjiżi għandhom jużaw il-metodu ta' replikazzjoni bootstrap biex jibnu l-piżijiet replikati. Għandhom jiġu trażmessi 1,000 sett ta' piżijiet replikati, innumerati minn WR0001 għal WR1000 (għal kull unità domestika).

([1]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([2]) Regolament (UE) 2024/1988 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024 dwar statistika dwar fondi ta' investiment u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/32 (BĊE/2014/62) (BĊE/2024/17) (ĠU L, 2024/1988, 23.7.2024) ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1988/oj.

Parti 3: Speċifikazzjonijiet ulterjuri rigward id-definizzjoni ta' "unità domestika privata"

12. Id-definizzjoni ta' "unità domestika privata" fl-Artikolu 2 tinkludi persuni li normalment ma jgħixux mar-rispondent iżda li hija kompletament jew fil-biċċa l-kbira finanzjarjament dipendenti fuq l-unità domestika, kif stabbilit f'dan l-Anness.

13. L-impjegati ta' residenti oħra (jiġifieri impjegati domestiċi residenti, au-pairs, eċċ.) u jikkondividu appartament mingħajr relazzjonijiet oħra tal-familja jew tas-sħubija ma' membri tad-dar (eż. inkwilini residenti, lokatarji, kerrejja, viżitaturi, eċċ.) jitqiesu bħala unitajiet domestiċi separati.

14. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet ulterjuri u speċifiċi stabbiliti f'dan l-Anness, il-persuni li ġejjin għandhom, jekk jaqsmu l-ispejjeż tal-familja u d-deċiżjonijiet finanzjarji, jitqiesu bħala membri tal-unità domestika:

(a) persuni normalment residenti, relatati ma' membri oħra tal-unità domestika;

(b) persuni normalment residenti, mhux relatati ma' membri oħra tal-unità domestika;

(c) persuni normalment residenti, iżda temporanjament assenti (għal raġunijiet ta' vjaġġar tal-vaganzi, xogħol, edukazzjoni jew simili);

(d) tfal tal-unità domestika li qed jiġu edukati 'l bogħod mid-dar;

(e) persuni assenti għal perijodi twal, iżda li għandhom rabtiet mad-dar: persuni li qegħdin jaħdmu bogħod mid-dar;

(f) persuni temporanjament assenti iżda li għandhom rabtiet mal-unitajiet domestiċi: persuni fi sptar jew f'dar tal-kura, fi skola tal-boarders jew f'istituzzjoni oħra.

15. Għall-finijiet tal-paragrafu 14, japplikaw ukoll il-kundizzjonijiet li ġejjin għall-inklużjoni bħala membri tal-unità domestika:

(a) għall-paragrafu 14(c): il-persuna bħalissa ma għandha l-ebda indirizz privat x'imkien ieħor u t-tul kurrenti jew maħsub tal-assenza hija ta' inqas minn 6 xhur;

(b) għall-paragrafu 14(d) u (e): irrispettivament mit-tul kurrenti jew intenzjonat tal-assenza, il-persuna hija s-sieħeb jew wild ta' membru tal-unità domestika, tkompli żżomm rabtiet mill-qrib mal-unità domestika, tirritorna regolarment f'dan l-indirizz (pereżempju, fi tmiem it-terminu akkademiku) u tqisu bħala r-residenza ewlenija tagħha;

(c) Fil-paragrafu 14(f): il-persuna għandha rabtiet finanzjarji ċari mal-unità domestika u t-tul kurrenti jew mistenni tal-assenza mill-unità domestika hija ta' inqas minn 6 xhur.

16. Il-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-unitajiet domestiċi tinkludi l-benefiċċju mill-ispejjeż (eż. tfal, persuni mingħajr introjtu) kif ukoll il-kontribut għall-ispejjeż. Jekk l-ispejjeż ma jiġux kondiviżi u l-finanzi jinżammu separati, allura l-persuna tikkostitwixxi unità domestika separata fl-istess indirizz.

17. Persuna titqies bħala membru abitwali tal-unità domestika jekk tqattal-biċċa l-kbira tal-mistrieħ ta' billejl tagħha hemm, evalwat matul is-6 xhur preċedenti (inklużi tfal f'kustodja konġunta u ġenituri anzjani jekk iqattgħu aktar jiem jgħixu fid-dar minn kwalunkwe post ieħor).

18. Persuni li jiffurmaw unitajiet domestiċi ġodda jew li jingħaqdu ma' unitajiet domestiċi eżistenti normalment jitqiesu bħala membri tal-unità domestika fil-post il-ġdid tagħhom; bl-istess mod, dawk li jitilqu biex jgħixu xi mkien ieħor mhux se jibqgħu jitqiesu bħala membri tal-unità domestika oriġinali. Il-kriterji tas-"sitt xhur preċedenti" fil-paragrafu 17 huma ssostitwiti bl-intenzjoni li jibqgħu għal perijodu ta' sitt xhur jew aktar fil-post il-ġdid ta' residenza. Għandu jittieħed kont ta' dak li jista' jitqies bħala movimenti "permanenti" ġewwa jew barra mill-unitajiet domestiċi. Għalhekk, persuna li tkun daħlet f'unità domestika għal żmien indeterminat jew bl-intenzjoni li toqgħod għal perijodu ta' 6 xhur jew iktar titqies bħala membru tad-dar, anki jekk il-persuna tkun għadha ma qagħditx fid-dar għal 6xhur u fil-fatt tkun qattgħet il-parti l-kbira ta' dak iż-żmien f'post ieħor ta' residenza. Bl-istess mod, persuna li tkun telqet mill-unità domestika għal xi post ieħor ta' residenza bl-intenzjoni li tibqa' barra mill-ewwel unità domestika għal sitt xhur jew aktar ma tibqax titqies bħala membru ta' dik l-unità domestika.

19. Jekk il-persuna li tkun temporanjament assenti tkun f'akkomodazzjoni privata, id-determinazzjoni ta' liema unità domestika tappartjeni tiddependi fuq it-tul tal-assenza.

20. B'mod eċċezzjonali, ċerti kategoriji ta' persuni b'rabtiet mill-qrib ħafna mal-unità domestika jistgħu jiġu inklużi bħala membri tal-istess unità domestika irrispettivament mit-tul tal-assenza, dment li ma jitqisux ukoll bħala membri ta' unità domestika privata oħra. B'mod partikolari, l-istudenti li jgħixu xi mkien ieħor iżda li jżommu rabtiet mill-qrib mal-unità domestika, jirritornaw regolarment f'dak l-indirizz tad-dar u jqisu li dik l-unità domestika hija r-residenza prinċipali tagħhom għandhom jitqiesu bħala parti mill-unità domestika irrispettivament mit-tul tas-soġġorn tagħhom f'indirizz ieħor.

21. Fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, l-għan huwa li jiġi minimizzat ir-riskju li individwi li għandhom żewġ indirizzi privati li fihom jistgħu potenzjalment jitqiesu li jgħixu ma jingħaddux darbtejn fil-qafas tal-kampjunar. Bl-istess mod, ir-riskju li xi persuni jiġu esklużi mis-sħubija ta' kwalunkwe unità domestika, minkejja li jappartjenu għas-settur domestiku privat, huwa wkoll imminimizzat.

22. Persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi kollettivi u f'istituzzjonijiet huma esklużi mill-popolazzjoni fil-mira u mhumiex koperti fid-definizzjoni ta' "unità domestika privata".

23. "Unità domestika kollettiva" tirreferi għal abitazzjoni kollettiva mhux istituzzjonali bħal post ta' alloġġament, dormitorju fi stabbiliment edukattiv jew postijiet tal-għajxien oħra kondiviżi minn aktar minn ħames persuni mingħajr ma jaqsmu l-ispejjeż tal-familja. Persuni li jgħixu bħala lokatarji f'unitajiet domestiċi b'aktar minn ħames lokatarji huma inklużi wkoll.

24. "Istituzzjoni" tirreferi għal djar tal-anzjani, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, istituzzjonijiet reliġjużi (kunventi, monasteri eċċ), u istituzzjonijiet korrettivi u penali. L-istituzzjonijiet huma distinti mill-unitajiet domestiċi kollettivi mill-fatt li dawk residenti ma għandhom l-ebda responsabbiltà individwali għaż-żamma tad-dar tagħhom. F'ċerti każijiet, id-djar tal-anzjani jistgħu jitqiesu bħala "unitajiet domestiċi kollettivi" abbażi ta' dan il-prinċipju.

ANNESS II

Varjabbli tal-output mhux ewlenin

1. Il-Banek Ċentrali Nazzjonali (BĊNi) jistgħu jirrapportaw varjabbli tal-output mhux ewlenin fuq (i) bażi ta' livell ta' unità domestika, (ii) bażi ta' livell individwali għall-membri kollha tal-unità domestika jew (iii) bażi ta' livell individwali għall-membri tal-unità domestika ta' 16-il sena jew aktar.

Parti 1 – Varjabbli tal-output mhux ewlenin

2. It-tabella A tistabbilixxi l-varjabbli tal-output mhux ewlenin li l-BĊNi jistgħu jirrapportaw lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) flimkien mal-varjabbli tal-output ewlenin stabbiliti fl-Anness I.

3. "Data/perijodu ta' referenza" tirreferi għad-data/perijodu li għalih huwa relatat varjabbli tal-output partikolari. "Kurrenti" tirreferi għall-ħin tal-ġbir tad-data, "Kostanti" tirreferi għal informazzjoni li tibqa' kostanti u ma tinbidilx maż-żmien (irrispettivament mill-ħin tal-ġbir tad-data), "Data ta' referenza tal-ġid" tirreferi għad-data kif definita fl-Artikolu 8(1) u (2), u "Perijodu ta' referenza tad-dħul" tirreferi għall-perijodu kif definit fl-Artikolu 8(3) u (4).

4. Ċerti varjabbli tal-output mhux ewlenin huma ċikliċi u dan jimplika li f'dawn il-każijiet jiġu rrapportati diversi varjabbli tal-output mhux ewlenin. L-identifikaturi tal-varjabbli tal-output tal-varjabbli li huma ċikliċi jinkludu s-sinjal "$" (mill-inqas 1). Dan japplika għal tipi differenti ta' self, proprjetajiet u rigali/wirtiet fejn in-numru ta' ċikli huwa awtomatikament ta' 3, iżda l-istħarriġ tal-pajjiżi jistgħu japplikaw ukoll 2 ċikli. Pereżempju, fil-każ ta' 3 ċikli, 3 varjabbli (HB2011, HB2012, HB2013) huma rrapportati għall-varjabbli "ipoteka HMR $x: bidla f'termini ta' "ipoteka" (HB201 $x fit-Tabella A). Fil-każ ta' pjanijiet tal-pensjoni sa 7 ċikli jistgħu jiġu applikati.

5. Għal ċerti varjabbli tal-output mhux ewlenin hemm disponibbli diversi għażliet li jimplika wkoll li jridu jiġu pprovduti diversi varjabbli tal-output mhux ewlenin. L-identifikaturi tal-varjabbli tal-output tal-varjabbli li fihom l-għażliet finali bl-ittra "v". Pereżempju, 4 varjabbli (HD1910 A, HD1910b, HD1910c, HD1910d) huma rrapportati għall-varjabbli "Tip ta' assi oħrajn miżmuma" (HD1910 V fit-Tabella A).

6. Għal ċerti varjabbli tal-output mhux ewlenin hemm taħlita ta' ċikli u għażliet. F'dawn il-każijiet l-identifikaturi varjabbli tal-output jispiċċaw b'"$xv". Pereżempju, 6 varjabbli (HB1131 A, HB1131B, HB1132 A, HB1132B, HB1133 A, HB1133B) huma rrapportati għall-varjabbli "ipoteka tal-HMR mortgage $x: raġuni għal rifinanzjament/ negozjar mill-ġdid bi a. l-ewwel raġuni għal rifinanzjament/negozjar mill-ġdid u b. it-tieni raġuni għal rifinanzjament/negozjar mill-ġdid" (HB113 $xv fit-Tabella A).

7. Il-varjabbli output mhux ewlenin "Proprjetà oħra $x ipoteka $y: l-għan tas-self" (HB320 $x $yv) huwa f'ċiklu 'il fuq minn 2 dimensjonijiet ($x proprjetajiet oħra u self ipotekarju $y) u 4 għażliet (a, b, c, d) huma disponibbli. F'dan il-każ huma rrapportati 36 varjabbli (HB32011 A sa HB32011d, HB32012 A sa HB32012d, HB32013 A sa HB32013d, HB32021 A sa HB32021d, HB32022 A sa HB32022d, HB32023 A sa HB32023d, HB32031 A sa HB32031d, HB32032 A sa HB32032d, HB32033 A sa HB32033d) (fil-każ ta' 3 ċikli għal "proprjetajiet oħra" u "ipoteki").

Tabella A

Varjabbli tal-output mhux ewlieni

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta (1):	Data/perijodu ta' referenza
SUĠĠETT: ASSI REALI U L-FINANZJAMENT TAGĦHOM						
HB113 $xv Fejn v = a, b	Ipoteka tal-HMR $x: raġuni għal rifinanzjament/negozjar mill-ġdid a: l-ewwel raġuni għar-rifinanzjament/l-ebda rifinanzjament b: it-tieni raġuni għar-rifinanzjament	1	Biex jinkisbu termini ta' self aħjar	Unità domestika	HB1010 > $l-1 u HB110 $x = 1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Biex tissellef flus addizzjonali kontra l-proprjetà			
		3	Xi raġuni oħra			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB201 $x	Bidla f'termini ta' ipoteka	1	Iva	Unità domestika	HB1010 > $x 1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB202 $xv Fejn v = a, b	Tip ta' bidla f'termini ta' ipoteka a: l-ewwel bidla b: it-tieni bidla	1	Bidla minn rata tal-imgħax fissa għal dik varjabbli	Unità domestika	HB1010 > $l-1 u HB201 $x = 1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Bidla minn rata tal-imgħax varjabbli għal rata tal-imgħax fissa			
		3	Tnaqqis fil-firxa tar-rata tal-imgħax jew fir-rata tal-imgħax fissa			
		4	Żieda fil-firxa tar-rata tal-imgħax jew fir-rata tal-imgħax fissa			
		5	Tnaqqis fiż-żmien li jifdal għall-ħlas fuq is-self			
		6	Tnaqqis fiż-żmien li jifdal għall-ħlas fuq is-self			
		7	Tnaqqis fl-ammont li għadu dovut			
		8	Flus addizzjonali mislufa			
		9	Bidla fil-perijodi ta' estensjoni għall-ħlas ta' dejn			
		10	Bidliet oħrajn			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta [1]:	Data/perijodu ta' referenza
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB203 $x	Sena ta' bidla f'termini ta' ipoteka	Valur numeriku ta' 4 ċifri	Sena tal-bidla	Unità domestika	HB1010 > $l-1 u HB201 $x = 1	Data ta' referenza tal-ġid
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HB320 $x $yv Fejn v = a, b,c,d	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: l-għan tas-self a: għan tal-ewwel għażla tas-self b: għan tal-għażla sekondarja tas-self c: għan tal-għażla sekondarja tas-self d: għan tal-għażla sekondarja tas-self	1	Għax-xiri jew bini ta' din il-proprjetà	Unità domestika	HB301 $x > $y-1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Biex tixtri proprjetà immobbli oħra			
		3	Għar-ristrutturar jew ir-rinnovament tar-residenza			
		4	Għax-xiri ta' vettura jew mezz ieħor ta' trasport			
		5	Għall-finanzjament ta' negozju jew attività professjonali			
		6	Għall-konsolidazzjoni jew ir-rifinanzjament tad-djun			
		7	Għal skopijiet ta' edukazzjoni			
		8	Biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-għajxien jew xiri ieħor			
		9	Oħrajn			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
SUĠĠETT: OBBLIGAZZJONIJIET / RESTRIZZJONIJIET TA' KREDITU OĦRAJN						
HC035 $xv Fejn v = a,b,c, d	Self privat $x: l-għan tas-self a: għan tal-ewwel għażla tas-self b: għan tal-għażla sekondarja tas-self c: għan tal-għażla sekondarja tas-self d: għan tal-għażla sekondarja tas-self	1	Għax-xiri jew il-kostruzzjoni tar-residenza prinċipali tal-unità domestika (HMR)	Unità domestika	HC0340 > $x 1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Biex tixtri proprjetà immobbli oħra			
		3	Għar-ristrutturar jew ir-rinnovament tar-residenza			
		4	Għax-xiri ta' vettura jew mezz ieħor ta' trasport			
		5	Għall-finanzjament ta' negozju jew attività professjonali			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta [1]:	Data/perijodu ta' referenza
		6	Biex jiġu kkonsolidati d-djun			
		7	Għal skopijiet ta' edukazzjoni			
		8	Biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-għajxien jew xiri ieħor			
		9	Oħrajn			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HC050 $x	Self mhux kollateralizzat $x: għan tas-self a: għan tal-ewwel għażla tas-self b: għan tal-għażla sekondarja tas-self c: għan tal-għażla sekondarja tas-self d: għan tal-għażla sekondarja tas-self	1	Għax-xiri jew il-kostruzzjoni tal-HMR	Unità domestika	HC0410 > $x 1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Biex tixtri proprjetà immobbli oħra			
		3	Għar-ristrutturar jew ir-rinnovament tar-residenza			
		4	Għax-xiri ta' vettura jew mezz ieħor ta' trasport			
		5	Għall-finanzjament ta' negozju jew attività professjonali			
		6	Biex jiġu kkonsolidati d-djun			
		7	Għal skopijiet ta' edukazzjoni			
		8	Biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-għajxien jew xiri ieħor			
		9	Oħrajn			
		10	Biex jiġu appoġġati l-qraba u l-ħbieb			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
SUĠĠETT: NEGOZJI PRIVATI U ASSI FINANZJARJI						
HD1410v Fejn v = a, b,c, d	Tip ta' proprjetà f'bonds a: Gvern tal-istat jew gvern ġenerali ieħor b: banek/intermedjarji finanzjarji oħrajn c: korporazzjonijet mhux finanzjarji d: oħrajn	1	Iva	Unità domestika	HD1400 = 1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta [1]:	Data/perijodu ta' referenza
HD1910v Fejn v = a, b,c, d	Tip ta' assi oħrajn miżmuma a: kriptovaluta b: metalli prezzjużi c: derivattivi d: oħrajn	1	Iva	Unità domestika	HD1900 = 1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Le			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
Suġġett IMPJIEG						
PE0810	Tip ta' xogħol ieħor	1	Għandu wkoll kuntratt wieħed jew aktar ma' impjegatur(i)	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	PE0800 = 1	Kurrenti
		2	Għandha wkoll attività waħda jew aktar ta' impjieg għal rasha			
		3	Għandu wkoll kuntratt(i) kemm ma' min jimpjiega kif ukoll ma' attivitajiet ta' impjieg għal rasha			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
PE0250	Status fl-impjieg preċedenti għal persuni qiegħda	1	Impjegat/a	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	PE0900 = 1 u (PE0100a = 3 jew PE0100b = 3 jew PE0100C = 3 jew PE0100d = 3) u mhux (PE0100a = 5 jew PE0100b = 5 jew PE0100C = 5 jew PE0100d = 5)	Kurrenti
		2	Persuna li taħdem għal rasha – bl-impjegati			
		3	Persuna li taħdem għal rasha – mingħajr impjegati			
		4	Ħaddiem tal-familja mhux imħallas			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
PE0350	Deskrizzjoni tal-impjieg preċedenti/ISCO għall-persuni qiegħda	10	Maniġers	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	PE0900 = 1 u (PE0100a = 3 jew PE0100b = 3 jew PE0100C = 3 jew PE0100d = 3) u mhux (PE0100a = 5 jew PE0100b = 5 jew PE0100C = 5 jew PE0100d = 5)	Kurrenti
		20	Professjonisti			
		30	Tekniċi u professjonisti assoċjati			
		40	Ħaddiema ta' appoġġ klerikali			
		50	Ħaddiema fis-servizzi u fil-bejgħ			
		60	Ħaddiema tas-sengħa fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd			
		70	Ħaddiema tas-snajja' u tas-snajja' relatati			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta [1]:	Data/perijodu ta' referenza
		80	Operaturi tal-impjanti u tal-magni, u assemblaturi			
		90	Xogħlijiet elementari			
		00	Impjiegi tal-forzi armati			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
PE0450	Impjieg preċedenti — NACE għal persuni qiegħda	A	Agrikoltura, forestrija u sajd	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	PE0250 = 1	Kurrenti
		B	Xogħol ta' tħaffir fil-minjieri u l-barrieri			
		C	Manifatturar			
		D	Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kondizzjonata;			
		E	Provvista ta' ilma, dranaġġ, maniġġjar tal-iskart u attivitajiet ta' rimedju			
		F	Kostruzzjoni			
		G	Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' muturi			
		H	Trasport u ħżin			
		I	Attivitajiet ta' akkomodazzjoni u ta' servizzi tal-ikel			
		J	Informazzjoni u komunikazzjoni			
		K	Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni			
		L	Attivitajiet marbuta mal-proprjetà immobbli			
		M	Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi			
		N	Attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn			
		O	Amministrazzjoni pubblika u difiża, sigurtà soċjali obbligatorja			
		P	Edukazzjoni			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta (1):	Data/perijodu ta' referenza
		Q	Attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali			
		R	Arti, divertiment u rikreazzjoni			
		S	Attivitajiet oħra ta' servizzi;			
		T	Attivitajiet ta' unitajiet domestiċi bħala impjegaturi; attivitajiet ta' produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux differenzjati tal-unitajiet domestiċi għall-użu proprju;			
		U	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u korpi barra mit-territorju			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
PE0370	Deskrizzjoni ewlenija tal-impjieg/ISCO għal dawk irtirati jew oħrajn inattivi	10	Maniġers	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	Mhux (PE0100a f'(1,2,3) jew PE0100b f'(1,2,3) jew PE0100C f'(1,2,3) jew PE0100d f'(1,2,3)	Kurrenti
		20	Professjonisti			
		30	Tekniċi u professjonisti assoċjati			
		40	Ħaddiema ta' appoġġ klerikali			
		50	Ħaddiema fis-servizzi u fil-bejgħ			
		60	Ħaddiema tas-sengħa fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd			
		70	Ħaddiema tas-snajja' u tas-snajja' relatati			
		80	Operaturi tal-impjanti u tal-magni, u assemblaturi			
		90	Xogħlijiet elementari			
		00	Impjiegi tal-forzi armati			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
PE0470	Impjieg ewlieni – NACE għal persuni rtirati jew oħrajn inattivi	A	Agrikoltura, forestrija u sajd	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	PE0270 = 1	Kurrenti
		B	Xogħol ta' tħaffir fil-minjieri u l-barrieri			
		C	Manifatturar			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta [1]:	Data/perijodu ta' referenza
		D	Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kondizzjonata;			
		E	Provvista ta' ilma, dranaġġ, maniġġjar tal-iskart u attivitajiet ta' rimedju			
		F	Kostruzzjoni			
		G	Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' muturi			
		H	Trasport u ħżin			
		I	Attivitajiet ta' akkomodazzjoni u ta' servizzi tal-ikel			
		J	Informazzjoni u komunikazzjoni			
		K	Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni			
		L	Attivitajiet marbuta mal-proprjetà immobbli			
		M	Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi			
		N	Attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn			
		O	Amministrazzjoni pubblika u difiża, sigurtà soċjali obbligatorja			
		P	Edukazzjoni			
		Q	Attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali			
		R	Arti, divertiment u rikreazzjoni			
		S	Attivitajiet oħra ta' servizzi;			
		T	Attivitajiet ta' unitajiet domestiċi bħala impjegaturi; attivitajiet ta' produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux differenzjati tal-unitajiet domestiċi għall-użu proprju;			
		U	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u korpi barra mit-territorju			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta [1]:	Data/perijodu ta' referenza
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
PE9020	Rispondent tat-taqsima tal-impjiegi	Valur numeriku sa 2 ċifri	ID Personali, RA0010	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	Dejjem	Kurrenti
		99	Persuna barra d-dar			
SUĠĠETT: PENSJONIJIET U POLOZ TAL-ASSIGURAZZJONI						
PFA070$x	Pjan ta' pensjoni obbligatorju jew volontarju $x	1	Obbligatorju	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	PFA0100 > $x-1	Data ta' referenza tal-ġid
		2	Volontarju			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
PFA1300v Fejn v = a,b	Il-perċentwal mistenni tal-introjtu finali mix-xogħol li għandu jirċievi mal-irtirar, il-pjanijiet pubbliċi u okkupazzjonali kollha meħuda flimkien a: medda aktar baxxa tal-perċentwal mistenni b: medda aktar għolja tal-perċentwal mistenni	Valur numeriku	Perċentwal	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	PFA0100 > 0 u PFA100 $x & > -8 u PFA020 $x = 1,2	Data ta' referenza tal-ġid
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
		-4	Mhux miġbur; rispondent bi prokura			
PF9020	Rispondent tat-taqsima tal-pensjonijiet	Valur numeriku sa 2 ċifri	ID Personali, RA0010	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	Dejjem	Data ta' referenza tal-ġid
		99	Persuna barra d-dar			
SUĠĠETT INTROJTU						
PG9020	Rispondent tat-taqsima tal-introjtu personali	Valur numeriku sa 2 ċifri	ID Personali, RA0010	Il-membri kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena jew aktar	Dejjem	Perijodu ta' referenza tal-introjtu
		99	Persuna barra d-dar			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta [1]:	Data/perijodu ta' referenza
Suġġett RIGALI/WIRTIET						
HH050$x	Rigal/wirt sostanzjali $x: Tip ta' trasferiment	1	Rigal	Unità domestika	HH0110 > $x 1	Kurrenti
		2	Wirt			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HH060$x	Rigal/wirt sostanzjali $x: mingħand min irċevut	1	Nanniet materni	Unità domestika	HH0110 > $x 1	Kurrenti
		2	Nanniet paterni			
		3	Ġenituri			
		4	Tfal			
		5	Qraba oħrajn			
		6	Oħrajn			
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
HH080$x	Rigal/wirt sostanzjali $x: taxxa totali fuq il-wirt	Valur numeriku	Ammont tal-kontribuzzjoni f'EUR	Unità domestika	HH0100 = 1	Kostanti
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			
SUĠĠETT: KONSUM:						
HIZ050	Skontijiet	Valur numeriku	Perċentwal	Unità domestika	Dejjem	Kurrenti
		-1	Ma nafx			
		-2	L-ebda tweġiba			

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Kodifikar	Deskrizzjoni tal-kodifikar	Unità ta' ġbir	Għandu jiġi rrapportat meta ([1]):	Data/perijodu ta' referenza
SUĠĠETT: FAJL TAR-REĠISTRU TAL-KAMPJUNI						
SC0111	Bidla fl-indirizz	11	Unità domestika fl-istess indirizz bħal fil-mewġa preċedenti	Unitajiet domestiċi tal-panel	Il-pajjiż għandu komponent tal-panel	Kurrenti
		12	Unità domestika f'indirizz differenti minn dak tal-mewġa preċedenti			
		13	Informazzjoni dwar l-indirizz nieqsa għal din l-unità domestika			
		14	Unità domestika ġdida għal din il-mewġa			
SC0310	Grad ta' urbanizzazzjoni	1	Żona b'densità għolja ta' popolazzjoni (bliet)	L-unitajiet domestiċi kollha inklużi fil-kampjun	SB0100 <> 63	Kurrenti
		2	Żona ta' densità intermedja (bliet u żoni nofshom densi)			
		3	Żona b'popolazzjoni baxxa (żoni rurali)			

([1]) [1] "$x" tirreferi għan-numru fiċ-ċiklu. Pereżempju, HB201 $x għandu jiġi rrapportat meta HB1010 >$l-1. Dan ifisser li l-varjabbli HB2011 għandha tiġi rrapportata meta HB1010 > 0, HB2012 għandu jiġi rrapportat meta HB1010 > 1 u HB2013 għandu jiġi rrapportat meta HB1010 > 2;

Parti 2 – Deskrizzjoni tal-kontenut tal-varjabbli tal-output mhux ewlenin

8. It-tabella B tipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-varjabbli tal-output mhux ewlenin stabbiliti fil-Parti 1.

Tabella B

Deskrizzjoni tal-kontenut tal-varjabbli tal-output mhux ewlenin

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
SUĠĠETT: ASSI REALI U L-FINANZJAMENT TAGĦHOM		
HB113$xv Fejn v = a,b	Ipoteka tal-HMR $x: raġuni għal rifinanzjament/negozjar mill-ġdid a: l-ewwel raġuni għar-rifinanzjament/l-ebda rifinanzjament b: it-tieni raġuni għar-rifinanzjament	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. Jindika r-raġuni għar-rifinanzjament tal-unità domestika jew in-negozjar mill-ġdid ta' self. Ara d-deskrizzjoni tal-varjabbli tal-output HB110$x (ipoteka tal-HMR $x: rifinanzjament ipotekarju/negozjar mill-ġdid) fl-Anness I.
HB201$x	Bidla f'termini ta' ipoteka	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża HMR bħala kollateral. Jindika (Iva/Le) jekk xi wieħed mit-termini tas-self (ir-rata tal-imgħax, il-firxa, il-maturità jew il-bilanċ tas-self) inbidilx minn meta s-self inħareġ għall-ewwel darba. Dan jinkludi bidliet assoċjati ma' negozjati mill-ġdid jew rifinanzjament ta' self preċedenti. Ara d-deskrizzjoni tal-varjabbli tal-output HB110$x fl-Anness I. Ma tkoprix bidliet li kienu diġà antiċipati fil-kuntratt inizjali.
HB202$xv Fejn v = a,b	Tip ta' bidla f'termini ta' ipoteka a: l-ewwel bidla B: it-tieni bidla	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. Jindika l-bidliet li applikaw għas-self li ma kinux antiċipati fil-kuntratt inizjali.
HB203$x	Sena ta' bidla f'termini ta' ipoteka	$x: Ċiklu għal self ta' 2 jew 3 li juża l-HMR bħala kollateral. Jindika s-sena meta seħħew l-aktar bidliet riċenti fit-termini ipotekarji, jiġifieri jekk il-kundizzjonijiet inbidlu diversi drabi, dan jindika s-sena tal-aktar bidliet reċenti.
HB320$x$yv Fejn v = a,b,c,d	Proprjetà oħra $x ipoteka $y: l-għan tas-self a: għan tal-ewwel għażla tas-self b: għan tal-għażla sekondarja tas-self c: għan tal-għażla sekondarja tas-self d: għan tal-għażla sekondarja tas-self	Ċiklu fuq $y għal self bl-użu ta' proprjetà $x bħala kollateral. $x: Ċiklu għal proprjetajiet ta' 2 jew 3 minbarra l-HMR. $y: Ċiklu għal ipoteki ta' 2 jew 3 L-iskop li għalih intużaw il-flus meta l-unità domestika ħadet is-self għall-ewwel darba, segwit minn għanijiet sekondarji (b sa d) f'ordni dejjem tonqos ta' importanza. Ara d-deskrizzjoni tal-varjabbli tal-output HB120$xv (ipoteka tal-HMR $x: għan tas-self) fl-Anness I.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
SUĠĠETT: OBBLIGAZZJONIJIET/RESTRIZZJONIJIET TA' KREDITU OĦRAJN		
HC035 $xv Fejn v = a,b,c,d	Self privat $x: l-għan tas-self a: għan tal-ewwel għażla tas-self b: għan tal-għażla sekondarja tas-self c: għan tal-għażla sekondarja tas-self d: għan tal-għażla sekondarja tas-self	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 self privat. L-iskop li għalih intużaw il-flus meta l-unità domestika ħadet is-self għall-ewwel darba, li jibda mill-iskop ewlieni (a), segwit minn għanijiet sekondarji (b sa d) f'ordni dejjem tonqos ta' importanza, jiġifieri total ta' 4 varjabbli tal-output (v = a sa d) għal kull self privat.
HC050$x	Self mhux kollateralizzat $x: għan tas-self a: għan tal-ewwel għażla tas-self b: għan tal-għażla sekondarja tas-self c: għan tal-għażla sekondarja tas-self d: għan tal-għażla sekondarja tas-self	$x: Ċiklu għal 2 jew 3 self mhux kollateralizzat. L-iskop li għalih intużaw il-flus meta l-unità domestika ħadet is-self għall-ewwel darba, li jibda mill-iskop ewlieni (a), segwit minn għanijiet sekondarji (b sa d) f'ordni dejjem tonqos ta' importanza, jiġifieri total ta' 4 varjabbli tal-output (v = a sa d) għal kull mhux kollateralizzat.
SUĠĠETT: NEGOZJI PRIVATI U ASSI FINANZJARJI		
HD1410v Fejn v = a,b,c,d	Tip ta' proprjetà f'bonds a: Gvern tal-Istat jew gvern ġenerali ieħor b: banek/intermedjarji finanzjarji oħrajn c: korporazzjonijet mhux finanzjarji d: Oħrajn	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika għandhiex bonds maħruġa (a) minn gvern barrani jew domestiku, (b) minn bank jew tip ieħor ta' intermedjarju finanzjarju, (c) minn korporazzjoni mhux finanzjarja jew (d) minn organizzazzjoni oħra.
HD1910v Fejn v = a,b,c,d	Tip ta' assi oħrajn miżmuma a: kriptovaluta b: metalli prezzjużi c: derivattivi d: oħrajn	Jindika (Iva/Le) jekk l-unità domestika tippossjedix (a) kriptovaluta (eż. bitcoin), (b) metalli prezzjużi (eż. deheb), (c) derivattivi (eż. opzjonijiet, kuntratti ta' xiri fil-futur, swaps) jew (d) "assi oħrajn" oħrajn.
SUĠĠETT: IMPJIEG		
PE0810	Tip ta' xogħol ieħor	Jiddeskrivi t-tip l-ieħor ta' xogħol li jkollu l-membru tal-unità domestika (jiġifieri jaħdem għal xi ħadd ieħor, jaħdem għal rasu, it-tnejn). Ara l-varjabbli tal-output PE0800 (bħalissa aktar minn impjieg wieħed) fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida.
PE0250	Status fl-impjieg preċedenti għal persuni qiegħda	Impjieg ewlieni preċedenti għal persuna qiegħda. Il-varjabbli tal-output huwa bbażat fuq il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Istatus fl-Impjieg (ICSE-93). Ara d-deskrizzjoni tal-varjabbli tal-output PE0200 (Status fl-impjieg) fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida.
PE0350	Deskrizzjoni tal-impjieg preċedenti/ISCO għall-persuni qiegħda	Impjieg ewlieni preċedenti għal persuna qiegħda. L-okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni hija kkodifikata abbażi tal-klassifikazzjoni ISCO-08, il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Impjiegi (Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol). Ara d-deskrizzjoni tal-varjabbli tal-output PE0300 (Deskrizzjoni tal-impjieg ISCO) fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
PE0450	Impjieg preċedenti – NACE għal persuni qiegħda	Is-settur ekonomiku tal-impjegatur ewlieni preċedenti kkodifikat skont il-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi tan-NACE, Rev 2 (2008), l-ewwel livell. Ara d-deskrizzjoni tal-varjabbli tal-output PE0400 (Impjieg ewlieni — NACE) fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida.
PE0370	Deskrizzjoni ewlenija tal-impjieg/ISCO għal dawk irtirati jew oħrajn inattivi	Impjieg ewlieni preċedenti għal persuni rtirati jew oħrajn inattivi. L-okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni hija kkodifikata abbażi tal-klassifikazzjoni ISCO-08, il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Impjiegi (Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol). Ara d-deskrizzjoni tal-varjabbli tal-output PE0300 (Deskrizzjoni tal-impjieg ISCO) fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida.
PE0470	Impjieg ewlieni – NACE għal persuni rtirati jew oħrajn inattivi	Is-settur ekonomiku tal-impjegatur ewlieni preċedenti kkodifikat skont il-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi tan-NACE, Rev 2 (2008), l-ewwel livell. Ara d-deskrizzjoni tal-varjabbli tal-output PE0400 (Impjieg ewlieni – NACE) fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida.
PE9020	Rispondent tat-taqsima tal-impjiegi	Kodiċi li jidentifika l-persuna li wieġbet il-mistoqsijiet fit-taqsima tal-impjieg. Dan jista' jkun il-kodiċi RA0010 (ID Personali) kif definit fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida jew il-kodiċi speċjali 99 jekk il-persuna ma tkunx parti mill-unità domestika.
SUĠĠETT: PENSJONIJIET U POLOZ TAL-ASSIGURAZZJONI		
PFA070$x	Pjan ta' pensjoni obbligatorju jew volontarju $x	$x: Ċiklu għal massimu ta' 7 pjanijiet tal-pensjoni Jindika t-tip ta' pjan, jiġifieri obbligatorju jew volontarju
PFA1300v Fejn v = a,b	Il-perċentwal mistenni tal-introjtu finali mix-xogħol li għandu jirċievi mal-irtirar, il-pjanijiet pubbliċi u okkupazzjonali kollha meħuda flimkien a: medda aktar baxxa tal-perċentwal mistenni b: medda aktar għolja tal-perċentwal mistenni	Il-perċentwal tal-introjtu finali mix-xogħol li r-rispondent jistenna li jirċievi mal-irtirar, il-pjanijiet tal-pensjoni pubbliċi u okkupazzjonali kollha meħuda flimkien. Il-perċentwal jirreferi għall-introjtu mix-xogħol tar-rispondent qabel l-irtirar. Il-valuri taż-żewġ varjabbli tal-output PFA1300a u PFA1300b jistgħu jkunu identiċi jekk ir-rispondent jista' jipprovdi stima ta' punt għar-rata ta' sostituzzjoni mistennija.
PF9020	Rispondent tat-taqsima tal-pensjonijiet	Kodiċi li jidentifika l-persuna li wieġbet il-mistoqsijiet fit-taqsima tal-pensjonijiet u l-poloz tal-assigurazzjoni. Dan jista' jkun il-kodiċi RA0010 (ID Personali) kif definit fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida jew il-kodiċi speċjali 99 jekk il-persuna ma tkunx parti mill-unità domestika.
SUĠĠETT: INTROJTU		
PG9020	Rispondent tat-taqsima tal-introjtu personali	Kodiċi li jidentifika l-persuna li wieġbet il-mistoqsijiet PG0100-PG0510 fit-taqsima tal-introjtu tal-Anness I ta' din il-Linja Gwida. Dan jista' jkun il-kodiċi RA0010 (ID Personali) kif definit fl-Anness I ta' din il-Linja Gwida jew il-kodiċi speċjali 99 jekk il-persuna ma tkunx parti mill-unità domestika.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
SUĠĠETT: RIGALI/WIRTIET		
HH050 $x	Rigal/wirt sostanzjali $x: Tip ta' trasferiment	$x: Ċiklu għal 2(3) rigali/wirtiet. Jindika jekk ir-rigal(i)/wirt(iet) iriċevut(i) mill-unità domestika kienx rigal jew wirt.
HH060$x	Rigal/wirt sostanzjali $x: mingħand min iriċevut	$x: Ċiklu għal 2(3) rigali/wirtiet. Jindika mingħand min l-unità domestika rċeviet ir-rigal/il-wirt.
HH080$x	Rigal/wirt sostanzjali $x: taxxa totali fuq il-wirt	$x: Ċiklu għal 2(3) rigali/wirtiet. It-taxxa totali mħallsa fuq id-donazzjoni/il-wirtiet. Peress li rigali jew wirtiet riċevuti fl-istess ħin mill-istess persuna huma ttrattati bħala wieħed, dan ikopri t-taxxa totali mħallsa fuq ir-rigali/wirtiet kollha. Jinkludi wkoll taxxi mħallsa fuq HMR riċevuti bħala rigal/wirt. Il-valur gross korrispondenti tar-rigal/wirt jiġi rreġistrat taħt il-varjabbli tal-output ewlenin HH040$x skont l-Anness I ta' din il-Linja Gwida.
SUĠĠETT: KONSUM:		
HIZ050	Skontijiet	Jivvaluta s-skontijiet tal-unità domestika fir-rigward tar-riċeviment ta' introjtu addizzjonali. L-iskont jiġi vvalutat kif ġej: l-unità domestika jgħidulha li rebħet il-lotterija u se tirċievi somma daqs l-introjtu annwali tagħha fi żmien sena. Madankollu, l-unità domestika tista' tirrinunzja parti mis-somma u tiġbor il-bqija tar-rebħa minnufih. L-unità domestika mbagħad tiġi mistoqsija kemm tkun lesta li tirrinunzja (f'perċentwal tar-rebħa) sabiex tikseb il-flus immedjatament.
SUĠĠETT: FAJL TAR-REĠISTRU TAL-KAMPJUNI		
SC0111	Bidla fl-indirizz	Tipprovdi informazzjoni dwar bidliet possibbli fl-indirizz tal-unità domestika.
SC0310	Grad ta' urbanizzazzjoni	Il-grad ta' urbanizzazzjoni (DEGURBA) huwa klassifikazzjoni li tindika l-karattru taż-żona fejn tgħix l-unità domestika. DEGURBA hija klassifikazzjoni tal-unitajiet amministrattivi lokali (LAU2) fi tliet kategoriji: *Żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni (Bliet)*: tal-anqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċentri urbani *Żoni b'densità intermedja (bliet u żoni nofshom densi)*: inqas minn 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċentri urbani u mhux aktar minn 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċelloli tal-grilja rurali. *Żona b'popolazzjoni baxxa (żoni rurali)*: aktar minn 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċelloli tal-grilja rurali.

Identifikatur tal-varjabbli tal-output	Isem il-varjabbli tal-output	Deskrizzjoni tal-kontenut varjabbli tal-output
		Għal dan l-għan jintużaw id-definizzjonijiet li ġejjin: Ċentri urbani: raggruppament ta' ċelloli tal-grilja kontigwi ta' 1 km^2 b'densità tal-popolazzjoni ta' mill-inqas 1,500 abitanti għal kull km^2 u popolazzjoni minima ta' 50 000. Ċentri urbani: raggruppament ta' ċelloli tal-grilja kontigwi ta' 1 km^2 b'densità tal-popolazzjoni ta' mill-inqas 300 abitanti għal kull km^2 u popolazzjoni minima ta' 5 000. Ċelloli ta' grilja rurali: ċelloli tal-grilja li mhumiex identifikati bħala ċentri urbani jew raggruppamenti urbani. *Sors:* Eurostat. Il-metodoloġija sottostanti hija deskritta f'Applying the Degree of Urbanisation – A methodological manual to define cities, towns and rural areas for international comparisons" [Applikazzjoni tal-Grad ta' Urbanizzazzjoni – Manwal metodoloġiku biex jiġu definiti l-bliet, l-irħula u ż-żoni rurali għal paraguni internazzjonali], edizzjoni tal-2021.

ANNESS III

Informazzjoni li għandha tiġi rrapportata mill-BĊNi li tiddeskrivi l-karatteristiċi tal-istħarriġ tal-pajjiż

1. Skont l-Artikolu 3(4), il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE informazzjoni li tiddeskrivi l-karatteristiċi tal-istħarriġ tal-pajjiż kif stabbilit fit-Taqsimiet 1 sa 9.

Taqsima 1 — Disinn tal-kampjunar

Parti 1 — Informazzjoni ġenerali

2. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni ġenerali li ġejja dwar id-disinn tal-kampjunar:

   (a) Jekk (Iva/Le/Parzjalment) il-kampjun intgħażel skont skema probabilistika.

   (b) Jekk (Iva/Le) il-kampjun ġiex stratifikat u, jekk iva, deskrizzjoni tal-kriterji ta' stratifikazzjoni. Barra minn hekk, jekk l-informazzjoni meħtieġa għall-varjabbli tal-output SD0100 (strat) ma tiġix trażmessa lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jindikaw ukoll in-numru ta' strati.

   (c) L-għadd totali tal-istadji tat-teħid tal-kampjuni.

   (d) Għal kull wieħed mill-istadji tat-teħid tal-kampjuni (sa tlieta):

      (i) tip ta' unitajiet kampjunarji: żona ġeografika, indirizz, unità domestika, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri).

      (ii) metodu ta' għażla: kampjunar aleatorju sempliċi, kampjunar stratifikat, probabbiltà proporzjonali għad-daqs, kampjunar sistematiku, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri).

      (iii) l-għadd totali ta' unitajiet magħżula.

      (iv) l-isem tal-qafas tal-kampjunar.

   (e) Informazzjoni dwar l-istadji sussegwenti tal-kampjunar,'il fuq minn 3 (jekk ikun hemm);

   (f) Unitajiet ta' kampjunar finali: indirizz, unità domestika, individwu, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri);

   (g) Deskrizzjoni tal-qafas(oqfsa) tal-kampjunar: is-sors, l-unitajiet, l-età, l-aġġornamenti, il-kopertura tal-popolazzjoni;

   (h) Gruppi esklużi (jiġifieri partijiet tal-popolazzjoni li mhumiex koperti mid-disinn tal-kampjunar, jekk ikun hemm): popolazzjoni fl-istituzzjonijiet (jiġifieri persuni li jgħixu pereżempju fi djar tal-anzjani, akkomodazzjoni militari, ħabsijiet jew kulleġġi), persuni mingħajr dar, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri).

   (i) Jekk (Iva/Le) is-sinjuri kinux ikkampjunati żżejjed u jekk iva:

      (i) liema kriterji ntużaw biex jiġi ddeterminat il-grupp sinjur kkampjunat iżżejjed (jistgħu jingħataw aktar minn tweġiba waħda): l-introjtu, il-konsum, il-karatteristiċi tal-abitazzjoni (eż. id-daqs, il-prezz), iż-żona ġeografika; oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri);

      (ii) kif ġiet iddeterminata r-rata ta' kampjunar żejjed;

      (iii) sors(i) awżiljari użati għall-kampjunar żejjed (eż. sorsi tat-taxxa, reġistri).

   (j) Jekk kinux permessi sostituzzjonijiet (Iva/Le) u jekk iva, l-għadd totali ta' unitajiet domestiċi sostitwiti fil-kampjun.

   (k) Jekk (Iva/Le) il-kampjun għandux komponent tal-panel.

Parti 2 — Komponent tal-panel/kampjun rotazzjonali (għandu jiġi rrapportat biss mill-pajjiżi li l-istħarriġ tagħhom għandu komponent tal-panel)

3. Il-BĊNi (li l-istħarriġ tagħhom għandu komponent tal-panel) għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar il-komponent tal-kampjun tal-panel/rotazzjonali.

   (a) L-ewwel sena tal-komponent tal-panel.

(b) Jekk l-informazzjoni meħtieġa (għar-rispondenti u għan-non-rispondenti) għall-varjabbli tal-output SB0100 (kodiċi tal-eżitu finali tal-intervista) ma tiġix trażmessa lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar: l-għadd ta' unitajiet domestiċi li ġew ikkuntattjati mill-ġdid minn mewġiet preċedenti, unitajiet domestiċi li ġew ikkuntattjati mill-ġdid minn mewġiet preċedenti bħala perċentwal tal-unitajiet domestiċi kollha kkuntattjati, il-medja tar-rata ta' attrizzjoni minn mewġa għall-oħra.

(c) L-istruttura tal-kampjun maż-żmien: panel pur, panel pur f'kampjun rinnovat, disinn rotanti, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri); Jekk jintuża disinn rotanti, speċifika t-tul tal-panel fi snin;

(d) Spjegazzjoni tar-regoli dwar it-traċċar tal-panel.

Parti 3 – Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra (fakultattiva)

4. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mad-disinn tal-kampjunar li huma jqisu rilevanti.

Taqsima 2 — Statistika dwar l-istruttura tal-kampjun u l-eżitu tal-istħarriġ

Parti 1 — Daqsijiet tal-kampjun u nuqqas ta' rispons

5. Jekk l-informazzjoni meħtieġa għall-varjabbli tal-output SB0100 (kodiċi tal-eżitu finali tal-intervista) ma tiġix trażmessa lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja relatata mad-daqsijiet tal-kampjuni u n-nuqqas ta' tweġiba:

(a) *Daqs gross tal-kampjun*, definit kif ġej:

(i) stħarriġ mingħajr komponent tal-panel: l-għadd totali ta' unitajiet tal-kampjunar finali meħud mill-oqfsa tal-kampjunar fil-mewġa attwali (irrispettivament mill-eliġibbiltà tagħhom u jekk jikkooperawx jew le mal-istħarriġ);

(ii) stħarriġ bil-komponent ta' panel: l-għadd totali ta' unitajiet tal-kampjunar finali meħuda mill-oqfsa tal-kampjunar fil-mewġa attwali (irrispettivament mill-eliġibbiltà tagħhom u jekk jikkooperawx jew le mal-istħarriġ) flimkien mal-għadd ta' unitajiet domestiċi minn mewġa preċedenti kkuntattjata mill-ġdid fil-mewġa attwali;

(b) *l-għadd totali ta' każijiet eliġibbli* (denominatur tar-rata ta' rispons), li jinkludi kemm il-każijiet b'eliġibbiltà magħrufa kif ukoll dawk b'eliġibbiltà mhux magħrufa, iżda li ġew ittrattati ex post bħala eliġibbli;

(c) *l-għadd totali ta' każijiet b'eliġibbiltà mhux magħrufa;*

(d) *l-għadd totali ta' unitajiet domestiċi li ma rrispondewx,* li minnhom *l-għadd totali ta' unitajiet domestiċi mhux ikkuntattjati, l-għadd totali ta' rifjuti* u *l-għadd totali ta' raġunijiet oħra għan-nuqqas ta' rispons* (eż. ostaklu tal-lingwa, mard jew inkapaċità);

(e) *daqs nett tal-kampjun* li jikkorrispondi għall-għadd ta' intervisti kompluti tal-unitajiet domestiċi.

Parti 2 — Statistika tal-eżitu tal-istħarriġ

6. Jekk l-informazzjoni meħtieġa għall-varjabbli tal-output SB0100 (kodiċi tal-eżitu finali tal-intervista) ma tiġix trażmessa lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-istatistika tal-eżitu tal-istħarriġ li ġejja:

(a) ir-rata ta' rispons (%) li tikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi intervistati diviża bl-unitajiet eliġibbli;

(b) ir-rata ta' kuntatt (%) li tikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi kkuntattjati diviża bl-unitajiet eliġibbli;

(c) ir-rata ta' kooperazzjoni (%) li tikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi intervistati diviża bl-unitajiet ikkuntattjati;

(d) rata ta' rifjut (%) li tikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi li rrifjutaw diviża bl-unitajiet eliġibbli.

Parti 3 — Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra (fakultattiva)

7. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mal-istatistika tal-istruttura tal-kampjun u tal-eżitu tal-istħarriġ li jqisu rilevanti.

Taqsima 3 — Kunċetti u definizzjonijiet

Parti 1 — Perijodi ta' referenza

8. Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw il-perijodu ta' referenza tal-informazzjoni statistika li tirreferi għal:

   (a) varjabbli output tal-karta tal-bilanċ/tal-ġid, eż. "data tal-intervista" (għal kull unità domestika individwali) jew data fissa qabel l-ewwel intervista (għall-unitajiet domestiċi kollha), eż. l-31 ta' Diċembru SSSS;

   (b) varjabbli tal-output tal-introjtu, "12-il xahar qabel l-intervista" (għal kull unità domestika individwali) jew sena kalendarja ta' qabel l-ewwel intervista (għall-unitajiet domestiċi kollha), eż. SSSS;

   (c) varjabbli tal-output tal-konsum, "12-il xahar qabel l-intervista" (għal kull unità domestika individwali) jew tas-sena kalendarja ta' qabel l-ewwel intervista (għall-unitajiet domestiċi kollha), eż. SSSS;

   (d) varjabbli tal-produzzjoni demografika u tal-impjiegi.

Parti 2 — Varjabbli tal-output tal-introjtu

9. Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni dwar jekk il-varjabbli tal-output tal-introjtu miġbura humiex (i) gross, (ii) netti mit-taxxi fuq l-introjtu, (iii) netti mit-taxxi fuq l-introjtu u mill-kontribuzzjonijiet soċjali jew (iv) oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri).

Parti 3 — Definizzjoni tal-varjabbli tal-output: differenzi metodoloġiċi sinifikanti

10. Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw id-deskrizzjoni ta' kwalunkwe differenza metodoloġika sinifikanti fil-kontenut tal-varjabbli tal-output trażmessi lill-BĊE meta mqabbla mad-deskrizzjonijiet tal-varjabbli tal-output fl-Anness I, il-Parti 2.

11. Il-BĊNi għandhom jindikaw l-isem(ismijiet)/l-identifikatur(i) tal-varjabbli tal-output u jiddeskrivu d-devjazzjoni(jiet) mid-definizzjonijiet tal-varjabbli tal-output (eż. HI0100, Ammont ta' kull xahar minfuq fuq l-ikel fid-dar. Il-varjabbli tal-output jinkludu wkoll ikel barra d-dar).

Taqsima 4 — Ġbir ta' data

Parti 1 — Aspetti ta' xogħol fuq il-post

12. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar il-xogħol fuq il-post:

   (a) organizzazzjonijiet responsabbli għax-xogħol fuq il-post: il-BĊN, l-Istitut Statitiku Nazzjonali (NSI) u/jew kumpanija tal-istħarriġ (inkluż l-isem tal-kumpanija tal-istħarriġ);

   (b) organizzazzjonijiet responsabbli għar-rieżami/għall-editjar tad-data: Il-BĊN, l-NSI u/jew kumpanija tal-istħarriġ;

   (c) jekk (Iva/Le) l-unitajiet domestiċi ġewx ikkuntattjati mill-ġdid f'każ ta' żbalji/inkonsistenzi potenzjali;

   (d) il-bidu u t-tmiem tal-perijodu tax-xogħol fuq il-post;

   (e) sommarju tal-istatistika dwar it-tul tal-intervista f'minuti: medjan, medju, interkwartili, minimu u massimu

   Barra minn hekk, jekk l-informazzjoni meħtieġa għall-varjabbli tal-output SA0900 (Modalità ta' intervista) ma tiġix trażmessa lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar:

   (f) id-distribuzzjoni tal-intervisti kompluti skont il-mod tal-ġbir tad-data (f'% tal-intervisti kollha kompluti) għal: kompjuter-assisted personal interview (CAPI), kompjuter-assisted telephone interview (CATI), pencil-and-paper personal interview (PAPI), kompjuter-assisted web-based interview (CAWI), awtoamministrat, oħrajn.

Parti 2 — Intervistaturi (reklutaġġ, taħriġ, ammont ta' xogħol, kumpens)

13. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar l-intervistaturi:

   (a) in-numru finali ta' intervistaturi;

   (b) organizzazzjonijiet responsabbli għar-reklutaġġ tal-intervistaturi: Il-BĊN, l-NSI, kumpanija ta' stħarriġ, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri);

(c) l-istatus tal-impjieg tal-intervistaturi: Impjegat tal-organizzazzjoni responsabbli għax-xogħol fuq il-post, freelancer, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri);

(d) modalità ta' taħriġ għall-intervistatur: wiċċ imb wiċċ jew mill-bogħod;

(e) l-għadd medju ta' sigħat ta' taħriġ għal kull intervistatur;

(f) skema/i ta' pagament u ta' inċentivi għall-intervistaturi (tista' tingħata aktar minn tweġiba waħda): ir-rata fis-siegħa, għal kull intervista kompluta, it-tariffa tal-assenjazzjoni, is-salarju fiss regolari, l-arranġamenti dwar il-bonus, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri).

Parti 3 — It-tfassil u l-ittestjar tal-kwestjonarju

14. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar id-disinn u l-ittestjar tal-kwestjonarju:

(a) jekk (Iva/Le) twettaqx stħarriġ pilota sabiex il-kwestjonarju jiġi ttestjat minn qabel;

(b) jekk ikunx sar ittestjar mil-laboratorju jew ittestjar ieħor minn qabel tal-kwestjonarju, jiġifieri evalwazzjoni minn grupp ta' esperti, gruppi fokus, ittestjar konjittiv jew kodifikazzjoni tal-imġiba tal-intervisti jew oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri);

(c) il-lingwi li fihom ġie tradott il-kwestjonarju.

Parti 4 – Strateġiji ta' kuntatt u prevenzjoni tan-nuqqas ta' rispons

15. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar l-istrateġiji ta' kuntatt u l-prevenzjoni tan-nuqqas ta' rispons:

(a) tip ta' informazzjoni minn qabel użata: l-ebda informazzjoni minn qabel użata, ittra ta' introduzzjoni, brochure, stqarrija għall-istampa, link għal-paġna web tal-ġbir tad-data, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri);

(b) numru minimu ta' kuntatti meħtieġa;

(c) inċentivi mogħtija lil dawk li wieġbu: monetarji, mhux monetarji, l-ebda inċentiv użat

(i) Fil-każ ta' inċentivi monetarji, l-ammont mogħti;

(ii) Fil-każ ta' inċentivi mhux monetarji, it-tip ta' inċentivi (eż. rigali, biljetti tal-lotteriji).

Parti 5 — Awditjar ta' xogħol fuq il-post

16. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar l-awditjar fuq il-post:

(a) organizzazzjonijiet inkarigati mill-awditjar fuq il-post;

(b) eżitu tal-verifika tal-kuntatti/nuqqas ta' tweġiba: l-ebda verifika, verifika bla ebda kwistjonijiet sinifikanti indikati, verifika b'kwistjonijiet sinifikanti indikati (f'dan il-każ għandhom jiġu pprovduti iktar dettalji);

(c) eżitu tal-verifika tal-awtentiċità tad-data: ebda verifika, verifika bl-ebda kwistjonijiet sinifikanti indikati, verifika b'kwistjonijiet sinifikanti indikati (f'dan il-każ għandhom jiġu pprovduti iktar dettalji);

Parti 6 — Użu ta' sorsi oħra ta' data għall-ġbir tad-data

17. Il-BĊNi għandhom jindikaw jekk użawx sorsi li ma humiex intervisti biex jiġbru jew jibnu l-varjabbli tal-output speċifikati fl-Anness I (eskludi s-sorsi użati fl-imputazzjoni għal element mingħajr tweġiba). Jekk iva, is-sorsi possibbli huma reġistri, tqabbil statistiku, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri).

Parti 7 — Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra (fakultattiva)

18. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mal-ġbir ta' data, li jqisu rilevanti.

Taqsima 5 — Ipproċessar u editjar tad-data

Parti 1 — Informazzjoni ġenerali

19. Il-BĊNi għandhom jindikaw liema sistema ta' ġestjoni tad-database ġenerali jużaw biex jaħżnu u jipproċessaw id-data (eż. SAS, Stata, SPSS).

20. Il-BĊNi għandhom jindikaw liema sistema ta' ġestjoni ta' kampjun/każ jużaw. Dan jirreferi għal għodda elettronika mfassla biex taħżen u tgħaqqad awtomatikament sorsi differenti ta' informazzjoni utli għall-organizzazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri fuq il-post.

Parti 2 — Kodifikazzjoni u editjar

21. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar l-ikkowdjar u l-editjar:

(a) kemm-il darba l-kummenti magħmula mill-intervistaturi jiġu rieżaminati u użati fil-proċess tal-editjar: b'mod sistematiku, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, sporadikament jew qatt.

(b) tipi ta' regoli użati (jistgħu jingħataw aktar minn tweġiba waħda): loġika, regoli ta' konsistenza, firxa, proporzjon, bilanċ (eż. id-dħul totali huwa ugwali għas-somma tal-komponenti tad-dħul differenti), outliers, makroeditjar, impatt ta' osservazzjonijiet speċifiċi fuq aggregati, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet ulterjuri);

(c) Jekk id-data mir-reġistri tintużax (Iva/Le) fl-editjar.

Parti 3 – Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra (fakultattiva)

22. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mal-ipproċessar u l-editjar tad-data, li jqisu rilevanti.

Taqsima 6 — Ponderazzjoni

Parti 1 — Piżijiet tad-disinn tal-unitajiet domestiċi (varjabbli tal-output SD0300)

23. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar il-piżijiet tad-disinn tal-unitajiet domestiċi:

(a) jekk il-piżijiet tad-disinn tal-unitajiet domestiċi (Iva/Le) humiex mibnija bħala l-invers tal-probabbiltà tal-għażla tagħhom;

(b) deskrizzjoni tal-kostruzzjoni (fakultattiva);

(c) jekk l-informazzjoni meħtieġa għall-varjabbli tal-output SD0300 (piż tad-disinn tal-unitajiet domestiċi) ma tiġix trażmessa lill-BĊE, għandha tiġi pprovduta l-istatistika fil-qosor li ġejja dwar il-piżijiet tad-disinn tal-unitajiet domestiċi: il-medja, is-somma, il-minimu, il-massimu, id-devjazzjoni standard u l-koeffiċjent tal-varjazzjoni (%).

Parti 2 — Aġġustamenti ta' ponderazzjoni għan-nuqqas ta' rispons tal-unità abbażi ta' informazzjoni fil-livell ta' kampjun

24. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar l-aġġustamenti fil-ponderazzjoni għan-nuqqas ta' tweġiba tal-unità:

(a) jekk (Iva/Le) il-piżijiet tad-disinn ġewx aġġustati billi ġew stmati b'mod espliċitu l-propensitajiet tar-rispons tal-unitajiet domestiċi mill-informazzjoni awżiljarja disponibbli kemm għar-rispondenti kif ukoll għan-non-rispondenti;

(b) il-metodu ta' aġġustament użat: immuldellar bbażat fuq rigressjoni (eż. logit, probit) ċelloli ta' rispons omoġenju, oħrajn (f'dan il-każ għandhom jiġu pprovduti iktar dettalji);

(c) deskrizzjoni tal-informazzjoni awżiljarja użata fl-aġġustament;

(d) deskrizzjoni tas-sorsi esterni użati fl-aġġustament.

Parti 3 — Kalibrazzjoni ma' sorsi esterni

25. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar il-kalibrazzjoni ma' sorsi esterni:

(a) metodu ta' kalibrazzjoni: poststratifikazzjoni bbażata fuq iċ-ċelloli, rigressjoni ġeneralizzata, kalibrazzjoni jew approċċ ta' kalibrazzjoni ġeneralizzata għall-kontrolli esterni, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti aktar dettalji);

(b) varjabbli esterni użati fil-kalibrazzjoni: l-età, is-sess, id-daqs tal-unità domestika, ir-reġjun, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti aktar dettalji);

(c) deskrizzjoni tas-sorsi esterni użati fil-kalibrazzjoni.

Parti 4 – Tnaqqis tal-piż, jew kwalunkwe aġġustament ieħor ta' wara l-istħarriġ

26. Il-BĊNi għandhom jindikaw jekk (Iva/Le) ġewx implimentati xi aġġustamenti oħra tal-piż wara l-istħarriġ (inkluż it-tnaqqis tal-piż jew il-winsorizzar). Jekk iva, trid tingħata deskrizzjoni tal-aġġustamenti.

Parti 5 — Piżijiet finali tal-unitajiet domestiċi u proporzjonijiet tal-piż

27. Jekk l-informazzjoni meħtieġa għall-varjabbli tal-output HW0010 (piż tal-unitajiet domestiċi) u SD0300 (piż tad-disinn tal-każ) ma tiġix trażmessa lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jipprovdu l-istatistika sommarja li ġejja:

(a) dwar il-piżijiet finali tal-unità domestika: il-medja, is-somma, il-minimu, il-massimu, id-devjazzjoni standard, il-koeffiċjent tal-varjazzjoni (%);

(b) dwar il-proporzjonijiet bejn il-piżijiet tal-unitajiet domestiċi finali u il-piżijiet tad-disinn tal-unità domestika: medja, minima u massima.

28. Jekk l-istħarriġ għandu komponent tal-panel, il-BĊNi għandhom jispjegaw il-proċedura ta' ponderazzjoni, jiġifieri kif il-piżijiet tal-kampjunar għall-unitajiet domestiċi magħżula ġodda jiġu kkombinati mal-piżijiet mill-mewġa preċedenti (il-metodu tas-sehem ta' ponderazzjoni, kwalunkwe kombinazzjoni oħra).

Parti 6 — Piżijiet replikati

29. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar il-piżijiet replikati (varjabbli tal-output WR$$$$):

(a) metodu użat għall-kalkolu tal-piżijiet replikati: skalar mill-ġdid bootstrap, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti aktar dettalji);

(b) marġini ta' kalibrazzjoni: in-numru totali ta' unitajiet domestiċi, in-numru totali ta' persuni, in-numru ta' persuni skont is-sess, in-numru ta' persuni skont il-grupp ta' età, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti aktar dettalji).

Parti 7 — Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra (fakultattiva)

30. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mal-ponderazzjoni li jqisu rilevanti.

Taqsima 7 — Proċeduri ta' imputazzjoni

Parti 1 — Informazzjoni ġenerali

31. Il-BĊNi għandhom jindikaw l-għodod tas-software użati għall-imputazzjoni (jiġifieri SAS, Stata jew oħrajn u jekk oħrajn, liema għodda) u l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-imputazzjoni (jiġifieri BĊN, NSI, kumpanija tal-istħarriġ, oħrajn u jekk oħra, liema organizzazzjoni).

Parti 2 — Informazzjoni teknika dwar il-proċeduri ta' imputazzjoni

32. Il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni teknika li ġejja dwar il-proċeduri ta' imputazzjoni:

(a) Jekk intużawx piżijiet (Iva/Le) fil-mudelli tal-imputazzjoni u jekk iva, jekk intużawx bħala rigressjoni ponderata u/jew bħala kovarjati.

(b) Jekk (Iva/Le) kienx hemm limitu għall-għadd ta' osservazzjonijiet miġbura li taħtu ma ġewx attribwiti valuri nieqsa. Jekk iva, il-limitu għandu jiġi speċifikat.

(c) Proċeduri użati fil-każ li l-imputazzjoni ma tkunx twettqet minħabba għadd baxx ta' osservazzjonijiet miġbura: valuri li jibqgħu neqsin, valuri stmati (eż. bħala l-medja/medjan tal-osservazzjonijiet miġbura), varjabbli tal-output aggregati ma' varjabbli oħra tal-output sabiex jinkiseb numru suffiċjenti ta' osservazzjonijiet u mbagħad imputati, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti aktar dettalji). Jekk intużaw diversi proċeduri, il-BĊNi għandhom jispeċifikaw għal liema varjabbli tal-output japplikaw il-proċeduri.

(d) Deskrizzjoni tal-proċedura fl-għażla tal-kovarjati li huma previżuri tajbin tal-varjabbli tal-output ta' interess: għażla awtomatika ta' kovarjati (b'limiti speċifikati minn qabel użati f'mudelli ta' korrelazzjoni/rigressjoni) b'editjar limitat, għażla minn qabel awtomatika ta' kovarjati u evalwazzjoni każ b'każ ta' varjabbli tal-output individwali, evalwazzjoni ta' varjabbli tal-output individwali fuq bażi ta' każ b'każ biex jintgħażlu kovarjati, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti aktar dettalji).

(e) Indikazzjoni tal-varjabbli tal-output li ġew inklużi (minbarra varjabbli li huma previżjonijiet tajbin): varjabbli li jispjegaw in-nuqqas ta' rispons, varjabbli li huma previżjonijiet tajbin ta' kovarjati użati għal kovarjati oħra, varjabbli li skont it-teorija ekonomika huma mistennija li jkunu previżjonijiet tajbin tal-varjabbli ta' interess, il-varjabbli prinċipali kollha tal-varjabbli mnisslin inklużi bħala kovarjati, oħrajn (f'dan il-każ iridu jiġu pprovduti aktar dettalji).

(f) Deskrizzjoni tal-identifikazzjoni tal-valuri outlier matul il-proċess tal-imputazzjoni.

(g) Deskrizzjoni tal-evalwazzjoni tal-konsistenzi bejn il-varjabbli tal-output individwali matul il-proċess tal-imputazzjoni (eż. il-valur inizjali u pendenti ta' self/ipoteka).

(h) L-għadd ta' osservazzjonijiet li ġew editjati manwalment wara l-aħħar sessjoni tal-programm ta' imputazzjoni, abbażi ta' kull wieħed mill-kriterji li ġejjin:

  (i) valuri ta' "outlier";

  (ii) konsistenzi bejn il-varjabbli tal-output individwali (bħall-valur inizjali u pendenti ta' self/ipoteka);

  (iii) tweġibiet miġbura f'firxiet li tqiesu bħala mhux affidabbli;

  (iv) oħrajn (inklużi speċifikazzjonijiet ulterjuri).

(i) Rigward osservazzjonijiet li għalihom ir-rispondent ma pprovda l-ebda valur ta' punt jew firxa, il-BĊNi għandhom jindikaw jekk ġewx introdotti limiti u jekk ġewx attribwiti osservazzjonijiet bħala l-valur superjuri jew inferjuri tal-limitu;

(j) Jekk (Iva/Le) osservazzjonijiet outlier ġewx eskluży bħala kovarjati fil-mudelli u jekk iva, kemm-il osservazzjoni kienet ikkonċernata;

(k) L-għadd ta' kovarjati użati fil-mudell tal-imputazzjoni ta' kull wieħed mill-varjabbli tal-output li ġejjin:

  (i) valur tal-HMR (HB0900);

  (ii) ammont li għadu dovut għall-ewwel self kollateralizzat tal-HMR (HB1701);

  (iii) valur tal-kontijiet ta' tfaddil (HD1210);

  (iv) dħul tal-impjegati (PG0100);

Parti 3 — Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra (fakultattiva)

33. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mal-proċeduri ta' imputazzjoni li jqisu rilevanti.

Taqsima 8 — Kontroll tad-divulgazzjoni u disseminazzjoni nazzjonali

Parti 1 — Kontroll tad-divulgazzjoni

34. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE informazzjoni tal-metodi u l-proċeduri użati għall-anonimizzazzjoni tad-data fil-livell nazzjonali qabel ma jissottomettu t-tagħrif statistiku lill-BĊE.

Parti 2 — Disseminazzjoni tad-data

35. Il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-ewwel rilaxx nazzjonali tar-riżultati (link, data u tip ta' rilaxx).

Taqsima 9 — Informazzjoni addizzjonali mill-evalwazzjonijiet nazzjonali

36. Il-BĊNi għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali possibbli disponibbli mill-evalwazzjonijiet nazzjonali (mhux koperta mit-Taqsimiet 1 sa 8). Dan jista' jinkludi dokumenti/referenzi għal dokumentazzjoni metodoloġika disponibbli (eż. rapporti nazzjonali dwar il-kwalità, studji metodoloġiċi indipendenti, tqabbil ma' sorsi esterni).

ANNESS IV

Kriterji u proċedura għall-ħatra ta' riċerkaturi eliġibbli

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jista' jagħti aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka biss lil persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet elenkati fit-taqsima 2, li għandhom l-għan li jiżguraw li l-aċċess għall-informazzjoni rrapportata lill-BĊE skont din il-Linja Gwida jkun permess għal skopijiet ta' riċerka xjentifika biss. L-użu kummerċjali tas-sett tad-data tar-riċerka huwa strettament ipprojbit.

Dawn il-kundizzjonijiet huma ppubblikati fuq is-sit web tal-BĊE biex ir-riċerkaturi jiġu infurmati dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għall-applikazzjoni għall-aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka. Il-BĊE jagħmel sforzi biex inaqqas kemm jista' jkun id-dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet.

Il-BĊE jiżgura li jintużaw biss kanali sikuri għas-sottomissjoni tad-data u jiddetermina l-mezz xieraq li għandu jintuża.

1. **Riċerkatur affiljat**

Riċerkatur affiljat huwa persuna fiżika li hija membru tal-persunal ta' jew assoċjata ma' kwalunkwe waħda mill-entitajiet li ġejjin li huma korpi ta' riċerka xjentifika:

(a) universitajiet u organizzazzjonijiet oħra ta' edukazzjoni ogħla,

(b) organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet li jwettqu riċerka xjentifika, minbarra kumpanniji kummerċjali,

(c) korpi li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għal data kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/452/KE ([1]).

2. **Kundizzjonijiet għall-aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka (salvagwardji)**

Il-BĊE jista' jagħti aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka lir-riċerkaturi affiljati li jkunu ppreżentaw applikazzjoni għall-aċċess lill-BĊE, kif stabbilit f'dan l-Anness. Fi proġetti konġunti ta' riċerka b'diversi riċerkaturi li jaħdmu fuq l-istess proġett, kull riċerkatur għandu jibgħat applikazzjoni individwali li tispeċifika ma' liema proġett ta' riċerka konġunta tirrelata t-talba tiegħu. L-applikazzjoni għall-aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka trid tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-applikant għandu jipprovdi lill-BĊE bl-informazzjoni li ġejja:

   (i) isimhom, in-numru tat-telefown u l-indirizz tagħhom, flimkien ma' prova tal-identità tagħhom, u l-informazzjoni li tappoġġa li huma eliġibbli biex jissottomettu applikazzjoni li titlob aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka (eż. l-affiljazzjoni tagħhom ma' organizzazzjoni rikonoxxuta kif deskritt fid-definizzjoni ta' riċerkatur affiljat);

   (ii) ir-resume jew il-curriculum vitae tagħhom; u

   (iii) fejn applikabbli, l-isem/ismijiet legali u l-indirizz(i) tal-organizzazzjoni(jiet) kummerċjali (pubbliċi jew privati) li jiffinanzjaw il-proġett ta' riċerka, parzjalment jew kompletament, u informazzjoni dwar jekk ir-riżultati tar-riċerka humiex maħsuba li jkollhom xi applikazzjoni kummerċjali;

(b) Pjan ta' riċerka għandu b'mod konċiż:

   (i) jiddeskrivi s-suġġett tar-riċerka; u

   (ii) jistabbilixxi l-ħtieġa tat-trasferiment tad-data, ir-rilevanza u l-adegwatezza tad-data, wara li jitqies il-proġett tar-riċerkatur affiljat;

(c) L-applikant għandu jipprovdi dettalji dwar is-sigurtà tal-ħżin tad-data (billi jimmarka l-għażliet applikabbli), f'termini ta':

   (i) sigurtà loġika tal-fajl;

   (ii) is-sigurtà tad-dokumenti fiżiċi;

   (iii) is-sigurtà tal-bini fejn se ssir ir-riċerka;

(d) L-applikant għandu:

   (i) jinforma lill-BĊE dwar jekk ir-riżultati tar-riċerka humiex se jsiru disponibbli liberament u malajr għall-komunità xjentifika u kif dan se jseħħ;

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2004 li tfassal elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għad-data kunfidenzali għall-għanijiet xjentifiċi (ĠU L 156, 30.4.2004, p. 1).

(ii) jinforma lill-BĊE dwar jekk parti mis-sett tad-data tar-riċerka hijiex se tintuża għal rapporti purament interni jew għal skopijiet oħra, f'liema każ l-għoti ta' aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka jista' jkun aktar restrittiv;

(e) Ir-riċerkaturi kollha involuti fil-proġett ta' riċerka jridu jirrikonoxxu u jiffirmaw it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tad-data u l-obbligi ta' kunfidenzjalità li l-BĊE jipprovdilhom;

(f) L-applikant għandu jikkonferma bil-firma tiegħu l-preċiżjoni u l-korrettezza tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni.

3. **Kriterji użati għall-valutazzjoni tat-talbiet għal aċċess għas-sett tad-data tar-riċerka**

Il-BĊE jivvaluta l-applikazzjonijiet skont il-kriterji deskritti hawn taħt:

Kriterju obbligatorju nru 1

(a) L-oqsma obbligatorji kollha jimtlew (l-isem, in-numru tat-telefown, l-indirizz, il-pjan ta' riċerka maħsub, l-użu tar-riżultati, ir-resume jew il-curriculum vitae, u d-dokument ta' identifikazzjoni mehmuż, il-formoli ffirmati).

(b) Il-koerenza fl-informazzjoni pprovduta tiġi vverifikata (bħal, iżda mhux limitata għall-identifikazzjoni pprovduta taqbel mal-isem, l-istituzzjoni ta' affiljazzjoni teżisti, il-curriculum vitae jaqbel mal-isem u l-istituzzjoni).

Kriterju obbligatorju nru 2

(c) Ir-riċerkatur għażel mill-inqas oġġett wieħed minn kull wieħed mit-tliet gruppi ta' miżuri ta' sigurtà (jiġifieri, is-sigurtà loġika tal-fajl, is-sigurtà tad-dokumenti fiżiċi, u s-sigurtà tal-bini).

Kriterju obbligatorju nru 3

(d) Id-data tal-HFCS tista' tintuża biss għal skopijiet ta' riċerka. Jintużaw elementi differenti tal-formola tal-applikazzjoni biex dan jiġi vverifikat.

(e) Il-pjan ta' riċerka maħsub, flimkien mal-isfond tar-riċerkatur (resume jew curriculum vitae) u d-divilgazzjoni maħsuba tar-riżultati, għandu joffri biżżejjed elementi biex jiġi konkluż li l-għan tat-talba għad-data huwa li titwettaq riċerka. Ma hemm l-ebda valutazzjoni dwar il-kwalità tar-riċerka (maħsuba), iżda biss valutazzjoni li l-użu maħsub huwa tabilħaqq riċerka. Il-finanzjament (jekk rilevanti għar-riċerka maħsuba deskritta) u l-intenzjoni li jiġu ppubblikati huma elementi addizzjonali li jistgħu jintużaw f'każ ta' dubji u jekk rilevanti fil-kuntest. L-iskop tar-riċerka se jiġi vverifikat bl-użu tal-elementi kollha flimkien. F'każ ta' dubju, il-BĊE jitlob lir-riċerkatur għal aktar informazzjoni u/jew kjarifika.

Proċedura f'każ li wieħed mill-kriterji obbligatorji ma jiġix issodisfat

(f) Fejn mill-inqas wieħed mill-kriterji obbligatorji ma jintlaħaqx, il-BĊE jikkuntattja lir-riċerkatur u jitlob kjarifika u/jew korrezzjoni tal-kriterji rilevanti. Dan jista' jinkludi, iżda ma jkunx limitat għal:

— (g) — Il-korrezzjoni ta' xi informazzjoni (eż. l-informazzjoni fl-applikazzjoni u l-curriculum vitae ma jaqblux);

— (h) — Il-verifika tal-elementi tal-curriculum vitae (eż. l-attività tal-istituzzjoni jew ir-rabta bejn l-applikant u l-istituzzjoni);

— (i) — Talba għal informazzjoni addizzjonali dwar il-pjan ta' riċerka maħsub.

(j) It-talba tiġi miċħuda biss f'każ ta' kjarifika u/jew korrezzjoni inadegwata.